**MALTA**

# DIBATTITI TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI
**(Rapport Uffiċjali u Rivedut)**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**Seduta Nru 182**
**It-Tlieta, 28 ta' Novembru, 2023**

**Stampat fl-Uffiċċju tal-Iskrivan**
**Kamra tad-Deputati**
**MALTA**

**Prezz €2.50**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**Seduta Nru 182**
**It-Tlieta, 28 ta' Novembru, 2023**

**Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament,**
**il-Belt Valletta, fl-4.00 p.m.**

**Talba**

**Seduta Nru 182**

**It-Tlieta, 28 ta' Novembru, 2023**

**WERREJ**


MINUTI .......... 28

INFORMAZZJONI MIS-SEDJA .......... 28

MISTOQSIJIET – TWEĠIBIET ORALI .......... 28

TQEGĦID TA' KARTI .......... 33

PERMESS TAL-KAMRA .......... 34

MOZZJONIJIET
ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-PATRIMONJU KULTURALI (L-Ewwel Qari) .......... 34

ABBOZZ TA' LIĠI SABIEX IKOMPLI JEMENDA L-KODIĊI ĊIVILI (L-Ewwel Qari) .......... 34

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA
ESTIMI ĠENERALI 2024 – KUMITAT TA' PROVVISTA
IS-SBATAX-IL SEDUTA STABBILITA - MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR .......... 35

AĠĠORNAMENT .......... 61

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI MWIEĠBA BIL-MIKTUB .......... 62

## MINUTI

*Il-Minuti tas-Seduta Nru 181, li saret fit-28 ta' Novembru 2023, ġew ikkonfermati.*

## INFORMAZZJONI MIS-SEDJA

**L-ISPEAKER (Onor. Anġlu Farrugia):** Inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Rapport maħruġ mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, bl-isem *A review of the employment agreement of the Consultant to the Chief Executive Officer, Institute of Tourism Studies*, datat Novembru 2023;

Rapport maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, bl-isem *2022 Annual reports on the implementation of the EU budget for the 2022 financial year and on the activities funded by the 9th, 10th and 11th European Development Funds (EDFs) for the 2022 financial year*, flimkien ma' rapport bl-isem *2022 Awditu tal-UE fil-qosor*; u

Korrispondenza mibgħuta lis-Sedja mill-Ombudsman a tenur tal-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman dwar investigazzjoni dwar żewġ ilmenti dwar flejjes miżmuma minn nutara ta' trasferimenti ta' proprjetà, bir-referenza OMB-21-1789 u OMB-21-1797 (qabel U-0098 u U-0123 rispettivament), flimkien mal-opinjonijiet finali dwar dawn l-ilmenti, datata 28 ta' Novembru 2023.

## MISTOQSIJIET – TWEĠIBIET ORALI

**PARENTAL ALIENATION – KUMITAT TA' ESPERTI**

**11513. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-istudji, azzjonijiet u/jew rakkmandazzjonijiet li ħareġ bihom il-Kumitat ta' esperti biex jindirizza l-parent alienation fl-aħjar interess tat-tfal, li ġie mwaqqaf fl-2021?

**ONOR. OWEN BONNICI (Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali) (f'isem il-Ministru għall-Politika Soċjali u Drittijiet tat-Tfal):** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal vara l-istudju rigward il-parental alienation waqt konferenza li saret fid-19 ta' Ottubru, 2023. Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li qed inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' dan l-istudju u rakkmandazzjonijiet.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Graziella Attard Previ, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI:** Sur President, nixtieq nagħmel mistoqsija lill-Ministru proprju dwar tfal li qegħdin jiġu addottati minn barra l-pajjiż. Jekk immorru lura fl-2019, proprju fl-ewwel konferenza nazzjonali li kienet saret dwar l-adozzjoni, insibu li kienet saret wegħda mill-Prim Ministru ta' dak iż-żmien, diżonorat Joseph Muscat, li kien iddikjara li proprju l-liġi se tiġi emendata b'tali mod li tassigura li tfal li jiġu adottati minn barra l-pajjiż jiġu mogħtija ċittadinanza ġaladarba jiġu adottati. Jista' l-Ministru jgħidilna fiex waslet din l-emenda u jekk għadx hemm ħsieb li l-Gvern idaħħalha fil-liġi dwar l-adozzjoni? Grazzi.

**L-ISPEAKER:** Ministru Bonnici, għandek informazzjoni fuq din il-mistoqsija?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Sur President, l-ewwel nett, jien ma neħux gost nisma' dawn it-titoli fir-rigward ta' membri li kienu jokkupaw din il-Kamra! (Onor. Membri: Hear, hear) Jien lil Dr Joseph Muscat insellimlu u nirringrazzjah tax-xogħol li wettaq u jien, bħalma tan-naħa l-oħra jippretendu li nġibu rispett lejn membri ta' din il-Kamra li kienu jservu min-naħa tagħhom, hekk

ukoll nippretendi li nġibu rispett lejn il-membri tan-naħa tagħna wkoll.

It-tieni, fejn tidħol il-kwestjoni tal-adozzjoni rrid ngħid li fil-mument li inti tadotta minorenni dak jiġi daqslikieku huwa membru tal-familja tiegħek. Jiġifieri fejn jidħol minorenni, persuna li tiġi adottata tiġi t-tifel jew it-tifla ta' dik il-persuna għall-fini u l-effetti kollha tal-liġi. Issa jien qed nifhem dak li qed tistaqsi l-Onor. Interpellant, li qed tistaqsi għaliex hemm għalfejn ladarba jkun hemm adozzjoni ta' tarbija jew ta' minorenni wieħed jieħu l-proċess prolungat normali bħalma jiġri daqslikieku qed nitkellmu fuq xi ħadd li huwa barrani, meta dan issa fil-mument li ġie adottat minn koppja Maltija – jekk qed nifhem sew il-mistoqsija – għandu jgawdu minn ċerti drittijiet *ut sic,* jiġifieri mill-ewwel. U għal din il-mistoqsija nitlobha ġentilment li tagħmel mistoqsija lill-Ministru Michael Falzon bil-miktub u jien m'għandix dubju li l-Onor. Falzon jagħtiha t-tweġiba malajr kemm jista' jkun.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Graziella Attard Previ.

**ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI:** Sur President, proprjament bħalissa, iva, it-tfal li qegħdin jiġu adottati minn barra fil-fatt - għax din kienet mistoqsija li għamlulna diversi ġenituri - bħalissa għaddejjin minn proċess sħiħ li jridu jiftħu anke kawża l-Qorti. Jiena din il-mistoqsija għamiltha f'isem dawn il-ħafna ġenituri li jixtiequ li dik il-wegħda, li tiġi emendata l-liġi, tiddaħħal fis-seħħ kemm jista' jkun malajr.

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Bonnici.

**ONOR. OWEN BONNICI:** Sur President, biex inti tadotta trid tiftaħ proċeduri fil-qorti. Meta kont nipprattika l-professjoni ta' avukat min jaf kemm għamilt minnhom, bħalma għamilt inti Sur President, għax ġieli tkellimna dak iż-żmien. Iva, hemm proċedura normali. Imbagħad biex tikseb iċ-ċittadinanza, dik mhijiex kwestjoni ta' qorti. Biex tikseb iċ-ċittadinanza hemm proċedura differenti – jekk hemm xi ħaġa li wieħed jista' jaqsam magħna – m'hemmx proċeduri legali xi twettaq. Li trid tagħmel huwa li inti timxi l-perkors kollu li trid il-Liġi dwar iċ-Ċittadinanza u essenzjalment tkun trid tapplika biex din il-persuna minorenni, li issa saret it-tifel jew it-tifla tiegħek, tieħu ċittadinanza Maltija wara li jkun hemm deċiżjoni amministrattiva u mhux ġudizzjarja. Però nitlob lill-Onor. Interpellant tapprezza li jien qiegħed hawnhekk naġixxi minflok il-Ministru Michael Falzon, u jekk hemm possibbiltà li l-Onor. Interpellant, li naf kemm tħobb dan is-suġġett u nieħu gost ħafna meta niddjaloga magħha fuq dan is-settur, tagħmillu mistoqsija bil-miktub, hu jkun altru milli dispost li jagħti l-informazzjoni kollha meħtieġa.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Romilda Zarb, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. ROMILDA ZARB:** Sur President, bħala Gvern matul dawn l-aħħar snin irnexxielna nibnu inċentivi biex dejjem inkunu nistgħu nsostnu fil-benefiċċji soċjali. B'mod partikolari rajna kif aħna wkoll inkunu ta' assistenza għall-istess anzjani ta' pajjiżna. Għalhekk napprezza jekk forsi nagħtu ħarsa żgħira lejn dak li rnexxielna nagħtu lill-pensjonanti matul dawn s-snin.

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Bonnici.

**ONOR. OWEN BONNICI:** Sur President, nirringrazzja lill-Onor. Zarb għall-mistoqsija tagħha. Hija staqsiet dwar il-benefiċċji soċjali imma għamlet aċċenn fuq il-pensjonijiet u naħseb li dak is-suġġett huwa a feather in the cap ta' gvernijiet Laburisti - mhux biss tas-sebgħinjiet, li welldu l-pensjonijiet, imma anke ta' dawn il-gvernijiet Laburisti li amministrazzjoni wara l-oħra baqgħu jżidu l-pensjonijiet darba wara l-oħra. (Onor. Membri: Hear, hear) Jien niftakar żmien, u konvint li ħafna nies f'din il-Kamra jiftakruh, fejn il-partit fil-gvern, dak iż-żmien il-Partit Nazzjonalista, fil-baġit mhux kien jgħidilhom li se jżidhom lill-pensjonanti imma kien jaqtgħalhom qalbhom li l-pensjonijiet f'dan il-pajjiż qatt jistgħu jiżdiedu.

Jien niftakar rapporti, fosthom il-famuż rapport Galdes u rapporti oħrajn, li kollha kienu jagħtu l-imbekkata, jagħtu d-direzzjoni li l-pensjonanti jistgħu jinsew li qatt jistgħu jiżdiedu kemm idum il-Partit Nazzjonalista fil-gvern. Meta tela' l-Partit Laburista fil-gvern fl-2013 mill-ewwel bdejna bil-ħidma. Jien kont hemmhekk mill-bidu u allura nista' nitkellem forsi ftit iktar minn ħaddieħor dwar il-ħidma li wettaqna biex il-pensjonanti jimxu 'l quddiem. Aħna konna tajna wegħda li l-pensjonijiet se nsaħħuhom u fil-fatt hekk għamilna. Dak iż-żmien kienu jgħidu li l-uniku mod kif tiggarantixxi l-pensjonijiet huwa jekk tħares lejn il-pensjonijiet privati.

Aħna niftakru d-diskors dwar it-third pillar pension u li tiżdied l-età tal-pensjoni. Jien kollha lħaqthom dawn id-diskussjonijiet, konna għadna niltaqgħu fil-Parlament l-ieħor. Illum wara numru ta' snin, taħt Gvern Laburista qegħdin inżidu l-pensjonijiet sena wara sena, wara sena u wara sena! U l-pensjonanti li qegħdin jisimgħuna jafu li dak li qed ngħid huwa minnu. Aħna għamilna wegħda, tajna impenn li se nkomplu nsostnu u nsaħħu l-pensjonijiet u li se nagħtu l-għajnuna lill-pensjonanti. U jien tpaxxejt nisma' lill-Prim Ministru fid-diskors tiegħu tal-Baġit jispjega b'mod ċar immens iż-żidiet u l-għajnuniet ġodda li qed nagħtu lill-pensjonanti.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Graziella Attard Previ, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI:** Sur President, bħalissa hawn nuqqas kbir ta' faċilitajiet terapewtiċi kif ukoll residenzi permanenti għal tfal li għal xi raġuni jew oħra ma jistgħux jibqgħu jgħixu fid-dar naturali tagħhom, kif ġie kkonfermat kemm minn Roberta Attard li hija psikologa u eks child protection officer, kif ukoll ġie nnotat fir-rapport tal-Awditur li għadu kemm ħareġ ftit tal-ġimgħat ilu, li qal li hemm sfida f'dan in-nuqqas. Fid-dawl ta' dan, x'inhuma l-pjanijiet tal-Gvern sabiex jipprovdi iktar minn dawn ir-residenzi permanenti għal dawn it-tfal li diġà jkunu qegħdin ibatu ħafna wara li jkunu għaddew minn dan l-abbuż u ma jistgħux joqogħdu fid-dar tagħhom? Grazzi.

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Owen Bonnici.

**ONOR. OWEN BONNICI:** Sur President, jien naħseb li dan huwa settur fejn l-iktar li jidher l-impenn xellugi soċjal demokratiku tal-Partit Laburista fil-gvern. (Onor. Membri: Hear, hear) Jien kburi ħafna bix-xogħol li wettaq il-Ministru Michael Falzon u l-Ministri kollha li ġew qablu, li għamlu ħilithom kollha biex illum imxejna ħafna 'l quddiem mis-sitwazzjoni li konna fiha sa ftit snin ilu. Jien nogħxa naqra – u ġenwinament qed ngħidha din – dwar il-qabża fil-kwalità fis-servizzi li qed jagħtu lit-tfal taħt kura alternattiva.

U huwa tajjeb li nispjegaw fuq min qed nitkellmu hawnhekk. Qed nieħu gost li semmietha l-Onor. Attard Previ, li għandi rispett kbir lejha għax naf kemm tħobb dan is-suġġett. Hawnhekk qed nitkellmu fuq dawk it-tfal li għal xi raġuni jew oħra l-awtoritajiet – ħalli nuża din il-kelma "awtoritajiet" - iħossu li jkun aħjar jekk flok ikunu mal-ġenituri jew mal-familja jkunu taħt kura minn entità li ma tkunx il-familja. U qed naraw kif żdiedu s-servizzi u x-xogħol li qed isir f'dan is-settur, u jien kuntent immens bil-qabża fil-kwalità tal-ħidma li qed issir.

Hawnhekk nixtieq insellem minn qalbi lill-ħaddiema kollha tal-Fondazzjoni għall-Ħarsien Soċjali (FSWS), li naf kemm jaħdmu u kemm huma dedikati. (Onor. Membri: Hear, hear). Jien nitkellem ma' social workers b'mod kontinwu u ħafna minnhom nafhom b'isimhom li kollha daħlu għal dan ix-xogħol għax din hija l-passjoni tagħhom u hija xi ħaġa li jħobbu jwettqu. Jien nixtieq ngħidilhom li l-poplu huwa grat lejhom, hija professjoni li mhijiex faċli, u meta tkun fiha huwa faċli li taqta' qalbek tant kemm ikollok sfidi li trid tegħleb. Imma jien ngħidilhom li aħna kburin b'kull wieħed u waħda minnkom.

Sur President, wasalna? Żgur li fadal x'isir. Meta jien kont Ministru għall-Ġustizzja kont insegwi s-sentenzi - u naħseb li ġieli tkellimna fuq it-Tribunal Ġovanili - u naqra kontinwament id-digrieti tal-maġistrati. Naħseb li llum anke l-Ministru Jonathan Attard qiegħed jagħmel l-istess ħaġa. U niftakar lill-Onor. Ellul bħala konsulent legali u min jaf kemm iltqajna. Kont insegwi d-digrieti tal-maġistrati li jitkellmu dwar kif nistgħu flimkien bħala Gvern intejbu l-kura alternattiva. Jien nemmen li dan huwa qasam li fih qed isir ħafna ġid, huwa qasam fejn rajna titjib kbir.

Hawnhekk nerġa' nsellem lil kull min qiegħed jgħin u jaħdem. U nkun qed nonqos jekk ma nsemmix - għax imissni semmejtha qabel - id-djar tal-Knisja u l-ħaddiema li jaħdmu mal-Knisja. (Onor. Membri: Hear, hear) Jien kull darba li niltaqa' mal-ħaddiema f'dawn id-djar, bħal Fondazzjoni Sebħ u fondazzjonijiet oħrajn, u nara x-xogħol kbir li jwettqu mad-diversi strata tas-soċjetà, jien fihom verament nara l-qaddisin tal-ġurnata tal-lum, fihom nara nies mudell ta' kif għandek iġġib ruħek f'soċjetà tal-lum, fejn inti tipprova tagħmel ġid lil għajrek u lil ħaddieħor.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Amanda Spiteri Grech, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. AMANDA SPITERI GRECH:** Sur President, bħalma jaf il-Ministru, hemm inizjattiva tajba ħafna bl-isem "Ġemma", li tgħin lin-nies jifhmu iktar dwar dan it-tfaddil, it-tfaddil li tagħmel kull familja, it-tfaddil li jagħmlu

uliedna. U din hija inizjattiva tajba. X'jaħseb il-Ministru dwar dan? U kemm hu importanti li uliedna minn meta jkunu għadhom żgħar jifhmu dejjem iktar il-kunċett tat-tfaddil u wkoll l-andament kif tieħu ħsieb il-familja, kif tieħu ħsieb it-tfal, kif tieħu ħsieb ukoll lill-membri fis-soċjetà? Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Bonnici.

**ONOR. OWEN BONNICI:** Sur President, naqbel ħafna mal-Onor. Interpellant li hija xi ħaġa kruċjali li ngħallmu lit-tfal tagħna minn età żgħira, mhux biss dawk li huma s-suġġetti akkademiċi tradizzjonali imma anke t-tagħlim prattiku dwar affarijiet li meta jikbru se jagħmlu differenza f'ħajjithom. Jien għalija m'hemm xejn isbaħ minn dak il-proverbju li jgħid "it takes a village to raise a child" u l-Onor. kollega li taħdem fil-qasam edukattiv għandha esperjenza kbira u żgur li naqblu dwar dan. Għalhekk huwa tajjeb li jkollna dawn it-tip ta' skemi li jħeġġu lit-tfal u lill-minorenni jitgħallmu kif jistgħu jikkontrollaw jew jifhmu aħjar dawk il-kommoditajiet li meta joħorġu mill-iskola se jkollhom rwol importanti f'ħajjithom. Naħseb li hemmhekk qed nagħtu tifsira ċara ta' kif aħna nistgħu nagħmlu differenza fil-ħajja tat-tfal tagħna.

Meta nitkellmu fuq is-settur edukattiv irridu niftakru li s-settur edukattiv mhuwiex settur li tista' tkejlu bin-numri għaliex in-numri ħafna drabi jagħtu faċċata waħda biss tas-suċċess jew ix-xogħol li jkun qed isir. U jien persważ li l-Onor. Interpellant taqbel miegħi, li biex tara l-qafas edukattiv trid tara l-faċċati kollha tal-ħidma li qed issir. U permezz ta' skemi bħal dawn, li jinħadmu ma' ministeri oħrajn, qed tagħti informazzjoni u tagħlim dwar kif it-tfal jistgħu jifhmu aħjar kif iħaddmu flushom, kif ifaddlu u jwarrbu l-flus, x'inhu l-imgħax u xi tfisser li inti terġa' tinvesti. Dawk huma kollha ħiliet li huwa diffiċli li tagħtihom valur għalkemm huma importanti għall-futur tal-ħajja tagħhom.

Sur President, se nerġa' nirringrazzja lin-nies kollha - ma nieqaf qatt nirringrazzjahom - li jiddedikaw il-karriera tagħhom biex jagħtu dan it-tip ta' tagħlim lil uliedna sabiex ikomplu jkabbru l-edukazzjoni ċivika tagħhom. (Onor. Membri: Hear, hear)

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Graziella Attard Previ, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI:** Sur President, il-Liġi dwar il-Protezzjoni tal-Minuri, fost oħrajn, tgħid li għandu jinbena secure unit, binja li toffri servizzi terapewtiċi għall-adolexxenti jew tfal li jkollhom challenging behaviour. S'issa għadna ma smajna xejn meta sejjer jinbena dan is-secure unit. Jista' forsi l-Ministru jaġġornana fiex waslu l-pjanijiet biex ikollna dan is-secure unit għat-tfal tagħna? Grazzi.

**L-ISPEAKER:** Ministru Bonnici, għandek informazzjoni, jekk jogħġbok?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Sur President, safejn naf jien dan l-artiklu partikolari, filwaqt li huwa fil-liġi, għadu ma daħalx fis-seħħ. Ma jfissirx li għax għadu ma daħalx fis-seħħ ma naqbilx mal-kollega tiegħi li hemm bżonn li jkollna dan is-secure unit f'pajjiżna. Li jkollok trattament multidixxiplinarju fuq tfal li jkollhom diffikultajiet għalija huwa bla dubju ta' xejn dak li rridu nagħmlu biex nimxu 'l quddiem. Jien meta niltaqa' ma' adulti li jkollhom bżonn l-għajnuna nħossni inkwetat għalihom, imma tinkwieta aktar meta jkun hemm tfal, adolexxenti u minorenni, li jkun evidenti li jkollhom bżonn il-kura, l-attenzjoni u approċċ multidixxiplinarju. Bħalma għedt qabel, 'it takes a village to raise a child', u meta niġu biex ngħinu lil tfal b'diffikultà 'you need more than a village to raise that child', għandek bżonn assistenza, approċċ multidixxiplinarju u trid għajnuniet mill-professjonijiet kollha.

Naturalment jekk l-Onor. Interpellant tagħmel mistoqsija speċifika lill-Onor. Falzon ikun jista' jagħtiha d-dettalji tax-xogħol li qed isir f'dan il-qasam. Però huwa żgur li dan huwa l-futur. Jiġifieri fejn jidħlu tfal aħna ma nistgħux inħarsu lejn il-kura li nagħtuhom minn lat wieħed, li ngħidu li aħna kuntenti għaliex lill-minorenni f'diffikultà nagħtuhom l-għajnuna. Aħna rridu nagħtu kullana ta' għajnuniet biex dak li għedt qabel dwar villaġġ li jkabbar tifel jew tifla nkunu nistgħu nittrasformawh f'xi ħaġa ikbar minn villaġġ li jagħti l-għajnuna lit-tfal li jkunu f'diffikultajiet.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Amanda Spiteri Grech, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. AMANDA SPITERI GRECH:** Sur President, bħalma taf, ir-rwol tal-Kummissarju għat-Tfal hu li jindokra u jieħu ħsieb lit-tfal u

nemmen li dan huwa rwol kruċjali u importanti. Il-Ministru jemmen li dan l-Uffiċċju jista' jagħti kontribut akbar u neċessarju fis-soċjetà tal-lum? Ilkoll nafu li minħabba realtajiet differenti t-tfal jistgħu jgħaddu minn sfidi kbar. Irridu nħarsu wkoll ir-realtajiet tal-lum, li huma, pereżempju, il-midja soċjali li taf toffri sfidi ġodda u innovattivi għas-soċjetà tagħna. Nixtieq li l-Ministru jagħti l-viżjoni tiegħu dwar dan.

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Bonnici.

**ONOR. OWEN BONNICI:** Sur President, nirringrazzja lill-Onor. Spiteri Grech tal-mistoqsija tagħha. Irrid ngħid kemm hu sabiħ li niddiskutu l-egħżeż ħaġa li għandna fil-ħajja tagħna, li huma l-ulied, li huma t-tfal. Kif għedt qabel, meta tara adult li jkun f'diffikultà tinkwieta u tipprova tara kif tista' tgħinu, imma mbagħad meta jkun jirrigwarda tfal, l-affarijiet jieħdu dimensjoni differenti, u dan għaliex hemm il-preżunzjoni li t-tfal ħafna drabi m'għandhomx vuċi jew il-vuċi tagħhom trid lil ħaddieħor li jkun jista' jikkalibraha aħjar milli jistgħu jagħmlu huma. Qed ngħid hekk għaliex ikun hemm ċirkostanzi, jew minħabba kwestjonijiet marbuta ma' liġi, jew minħabba kwestjonijiet marbuta ma' maturità jew minħabba kwestjonijiet marbuta ma' dipendenza ġenwina. Irridu nifhmu li t-tfal jista' jkollhom diffikultà biex jagħtu vuċi lil dak li huma jemmnu li għandhom bżonn. Trid tkun attent għal dawk it-tfal li qed nitkellmu dwarhom, u naqbel li x-xogħol li jagħmlu l-istituzzjonijiet, bħall-Kummissarju għat-Tfal, huwa importanti ħafna.

Jien ma nistħix ngħid li meta kont nipprattika bħala avukat ma kellix opinjoni tajba tal-Kummissarju għat-Tfal u kummissarji tad-diversi setturi għax kont ngħid li fl-aħħar mill-aħħar il-kwestjonijiet kollha l-qorti trid tiddeċiedi dwarhom. Meta timmatura u tidħol fil-ħajja pubblika ż-żmien u l-ħajja jgħallmuk tibda tinduna kemm kont żbaljat meta kont inċekken dawn it-tip ta' rwoli. Anzi llum sirt ngħid li daqskemm hija importanti f'demokrazija li jkollok il-qrati u li jkollok l-istituzzjonijiet ġudizzjarji, daqstant ieħor huwa importanti li jkollok dawn il-kummissjonijiet li xogħolhom huwa li jagħtu pariri b'mod kawt, jiġifieri ma jkollhomx is-saħħa tal-liġi imma jkollhom is-saħħa tal-awtorità morali li jekk hemm kwestjonijiet fejn hemm bżonn li jkun hemm il-vuċi tar-raġuni, dawn il-kummissjonijiet ikunu huma l-vuċi tar-raġuni.

Meta nkunu qegħdin nitkellmu dwar il-bżonn ta' vuċi tar-raġuni fejn ikun hemm kontroversji kurrenti mod, imma meta jkun hemm bżonn li jkollna l-vuċi tar-raġuni fejn jidħlu t-tfal, din tiġi xi ħaġa essenzjali, partikolarment meta dawk it-tfal ikunu tfal li ma jkollhomx min jaqbeż għalihom jew ikunu f'diffikultà minħabba raġunijiet li mhumiex tagħhom.

Għaldaqstant jien ningħaqad mal-Onor. Spiteri Grech fir-ringrazzjament tagħha lill-kummissarji għat-tfal u nħeġġiġhom ikomplu jaħdmu, ikomplu juru l-vuċi tagħhom u jkomplu jikkonvinċu dwar il-bżonn li huma jkomplu jaħdmu. Kif għedt, jien l-ewwel wieħed meta kont għadni żagħżugħ kont inħares lejn dawn l-istituzzjonijiet b'ċertu mod, u allura nixtieq li iktar u iktar nies iħarsu lejhom kif qed inħares lejhom illum, bħala għodda importanti ħafna fid-demokrazija tagħna.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Graziella Attard Previ, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI:** Sur President, naqbel ħafna mal-Ministru li t-tfal huma l-iktar sezzjoni ta' nies vulnerabbli fis-soċjetà, għandhom bżonn il-protezzjoni kollha tagħna u huwa importanti li dawn jingħataw il-vuċi. Ningħaqad ukoll mal-Ministru dwar kemm huwa kommendabbli x-xogħol li tagħmel il-Kummissarju għat-Tfal. Però fid-dawl ta' studju li ħareġ mill-YMCA aktar kmieni din is-sena li 'l fuq minn 500 tifel u tifla jinsabu bla saqaf fuq rashom tul dawn l-aħħar 10 snin, jista' l-Ministru jgħid kif se nassiguraw li qegħdin nagħtuhom vuċi lil dawn it-tfal? Kif se nassiguraw li t-tbatija tagħhom se tiġi indirizzata minna, però b'mod partikolari mill-Gvern, li għandu l-poter biex kemm jista' jkun isolvi dawn it-tbatijiet?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Bonnici.

**ONOR. OWEN BONNICI:** Sur President, ħalli nkun ċar, il-Gvern għandu obbligu li jagħti xibka soċjali. Il-Gvern huwa dak li jrid jipprovdi din ix-xibka soċjali biex il-persuni l-iktar vulnerabbli fis-soċjetà jkunu jistgħu jieħdu l-attenzjoni u l-kura. L-Onor. Attard Previ semmiet realtajiet ta' tfal li ma jkollhomx saqaf fuq rashom. Jien insemmi realtajiet oħrajn għax indur il-familji fid-djar kontinwament u naraha b'għajnejja r-realtà tat-tfal li qed ibatu. Id-dover tagħna bħala Gvern huwa li nagħmlu l-istrutturi li jgħinu u li jagħtu assistenza, u aħna stess bħala politiċi li ma

niddejqux nitkellmu dwar ir-realtajiet li għandna u nipprovaw negħlbu dawn l-isfidi.

Però jien ninsab ċert li rajt titjib kbir, u qed nitkellem bħala xi ħadd li qatt ma kont involut direttament fis-settur tal-politika soċjali. Rajt titjib enormi fl-ammont ta' servizzi li qed jiġu offruti mill-FSWS u entitajiet oħrajn. Jekk tara x'hemm illum u x'kien jiġi offrut għaxar snin ilu tinduna li m'hemmx paragun, fosthom bl-ammont ta' ħaddiema u bl-ammont ta' għajnuniet u attenzjoni li jingħataw. U qed ngħidha mingħajr ma nċekken lil ħadd, però d-differenza bejn għaxar snin ilu u llum hija kbira. Morru u tkellmu u araw ix-xogħol li qed isir. (Interruzzjonijiet)

**L-ISPEAKER:** Jekk jogħġbok, kompli indirizza lis-Sedja. Baqagħlek 30 sekonda, ħalli nimxu.

**ONOR. OWEN BONNICI:** Sur President, ma nafx għalfejn ħadu għalihom! (Interruzzjonijiet)

**L-ISPEAKER**: Onor. Buttigieg, m'għandekx il-kelma. Ministru, ikkonkludi għax skada l-ħin.

**ONOR. OWEN BONNICI:** Iva, imma l-Onor. Buttigieg qed jistaqsini ngħid min ħoloq u bena l-Aġenzija Sapport. Il-kwestjoni mhux li toħloq. Li toħloq huwa tajjeb, imma meta jrid naraw il-fondi li kienu jingħataw għaxar snin ilu lill-entitajiet soċjali, naraw il-fondi li qed jingħataw illum u nqabbluhom. (Onor. Membri: Hear, hear) Nagħmluha meta jrid l-Onor. Buttigieg. Meta jrid inqabblu l-Baġit ta' għaxar snin ilu mal-Baġit tal-lum u naraw min tassew qed jinvesti fin-nies. (Interruzzjonijiet)

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Skada l-ħin tal-Mistoqsijiet. Ngħaddu issa għat-Tqegħid ta' Karti. L-Onor. Andy Ellul.

## TQEGĦID TA' KARTI

**ONOR. ANDY ELLUL (Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali):** Sur President, f'isem il-Prim Ministru nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Tagħrif dwar xogħlijiet li ngħataw lil kumpanija partikolari mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Prim Ministru bejn April 2022 u Lulju 2013, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 11920;

f'isem il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Lista ta' kumpaniji li kienu jifformaw parti minn Trade Mission f'Ghana, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13822;

f'isem il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Tagħrif dwar xogħol li ngħata lil kumpanija partikolari mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal f'April 2022, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 11924; u

f'isem il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Tabella li turi informazzjoni dwar appelli li rċeviet l-ICL Appeals Board fil-perjodu bejn Jannar u Novembru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13801.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Il-Ministru Owen Bonnici.

## PERMESS TAL-KAMRA

**ONOR. OWEN BONNICI:** Sur President, nitlob il-permess sabiex titressaq mozzjoni mingħajr avviż.

**L-ISPEAKER:** Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata*

## MOZZJONIJIET

## ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-PATRIMONJU KULTURALI

**ONOR. OWEN BONNICI**: Sur President, nirringrazzja lill-Oppożizzjoni tal-permess biex inressaq din il-mozzjoni mingħajr avviż. Nipproponi l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi sabiex jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali.

**L-ISPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. OMAR FARRUGIA:** Nissekonda.

**L-ISPEAKER:** Il-mistoqsija hija li l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali" jiġi moqri l-Ewwel Darba. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi ġie moqri l-Ewwel Darba.*

**L-ISPEAKER:** Qabel ma ngħaddu għall-Kumitat ta' Provvista nsejjaħ lill-Ministru Jonathan Attard biex bil-permess tal-Kamra ngħaddu għat-tieni item li jidher fuq l-aġenda.

## ABBOZZ TA' LIĠI SABIEX IKOMPLI JEMENDA L-KODIĊI ĊIVILI

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, nipproponi l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi Ċivili.

**L-ISPEAKER**: Min jissekonda?

**ONOR. REBECCA BUTTIGIEG (Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza):** Nissekonda.

**L-ISPEAKER**: Il-mistoqsija hija li l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi Ċivili, Kap. 16" ikun moqri l-Ewwel Darba. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi ġie moqri l-Ewwel Darba.*

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

## ESTIMI ĠENERALI 2024
## KUMITAT TA' PROVVISTA
## IS-SBATAX-IL SEDUTA STABBILITA
## MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR

*L-ordni għall-Kumitat ġie moqri.*

**FIL-KUMITAT**

*L-Onor. David Agius, President tal-Kumitat, ippresieda.*

**IĊ-CHAIRPERSON:** Ninforma lill-Kumitat li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023 il-ħin tad-diskussjoni għandu jkun ta' tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern. Nistieden lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar biex, jekk jogħġbu, iressaq ir-riżoluzzjonijiet tiegħu.

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI (Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar):** Sur President, inressaq dawn ir-riżoluzzjonijiet:

**VOT 43 - MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €41,472,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 43 - Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**VOT XIX - MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR - KAPITAL**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €20,672,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot XIX - Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar - Kapital, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**IĊ-CHAIRPERSON:** L-Onor. Stanley Zammit.

**ONOR. STANLEY ZAMMIT:** Sur President, se nipproponi din l-emenda:

**VOT 43 - MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR**

***Personal Emoluments***

***Item 11 - Holders of Political Office***

Ħassar iċ-ċifra "€54,225" u ssostitwixxi minflok iċ-ċifra "€54,222".

*Delete the figure "€54,225" and substitute therefor the figure "€54,222".*

Sur President, ippermettili nibda dan l-intervent billi nifraħ lill-President tal-Parlament Ewropew Roberta Metsola, li ġiet dikjarata bħala waħda mit-28 persuni l-aktar influwenti. Dan jagħmel unur mhux biss lilha imma anke lilna.

Illum għandna quddiemna dan il-Vot, din id-diskussjoni dwar Ministeru importanti ħafna, speċjalment fejn jidħol l-ippjanar u l-kostruzzjoni. Dan huwa settur li jikkontribwixxi ħafna għall-ekonomija tal-pajjiż imma qed naraw Gvern Laburista li hu inġust ma' Malta għax falla milli jippjana, u għalhekk ippjana falliment. Huwa fatt ikkonfermat minn kull min huwa involut fis-settur, mill-għaqdiet ambjentali, mill-midja tradizzjonali u soċjali, minn ħafna nies li niltaqgħu magħhom u mis-sondaġġi, li s-sitwazzjoni fl-ippjanar, fil-bini u fil-kostruzzjoni iddegradat. Id-djar tagħna ċkienu, huma ta' kwalità inferjuri, anke jekk bi prezz għoli, il-bajjiet saru żgħar, it-toroq saru qishom kurituri u l-bliet u l-irħula m'għadhomx jintgħarfu. Dan huwa Gvern supperv, għaliex anke jekk jaf li bil-mudell ekonomiku d-densità ta' pajjiżna qed tiżdied minn ġurnata għall-oħra u l-infrastrutturi xpakkaw, qed jibqa' jippersisti fl-istess direzzjoni, f'riċetta falluta, dejjem skont il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol.

L-ippjanar tal-iżvilupp huwa determinat mill-politika u l-mudell ekonomiku li jiddeċiedi li jaddotta l-gvern tal-ġurnata. Huwa d-dmir tal-Gvern li jtejjeb il-kwalità tal-ħajja għall-benefiċċju tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri permezz ta' sistema komprensiva sostenibbli tal-ippjanar. Li l-Oppożizzjoni tiskrutinja, tikkritika, tanalizza u tissuġġerixxi huwa xogħolha, mhijiex negattività. Kemm gvern ikun ġust jew inġust mal-pajjiż jitkejjel bil-kwalità tal-ħajja tan-nies. Is-sistema komprensiva sostenibbli ta' ippjanar hija waħda mill-għodod.

Taħt it-titlu "Żvilupp Sostenibbli" fid-Diskors tal-Baġit issemma biss dak li suppost ilu li sar snin, ħlief għal tibdil fl-Att li jirregola l-kondominji. Fejn hu l-carrying capacity study? Dak huwa l-istudju dwar kemm nifilħu żvilupp u x'tip ta' żvilupp għandna bżonn. Il-carrying capacity study tas-sena l-oħra, li ma kienx ikkummisjonat mill-Gvern imma mill-HRA, wera biċ-ċar li m'hemmx sinkronizzar fl-ippjanar, wisq kmamar u infrastruttura dgħajfa. Meta se jkun lest dan l-istudju, f'konsiderazzjoni sħiħa mal-miri ekonomiċi, ambjentali, kulturali, soċjali u tat-tibdil tal-klima? Dan huwa Gvern inġust ma' Malta għaliex warrab l-ippjanar, iffoka biss fuq l-ekonomija u ma qiesx il-kwalità tal-ħajja.

Bħal f'ħafna baġits oħrajn, intqal li s-sena d-dieħla se jkun finalizzat dak li huwa magħruf bħala l-bibbja tal-ippjanar, jiġifieri l-Pjan Strateġiku għall-Ambjent u l-Iżvilupp (SPED). Tajjeb, ilna seba' snin nistennewh! U ovvjament għad irridu naraw abbażi ta' liema viżjoni ekonomika, soċjali u ambjentali qiegħed jitħejja dan l-iSPED. Il-partijiet interessati kollha jammettu l-ħtieġa estremament urġenti għal riforma radikali fil-proċess u t-tfassil mill-ġdid tal-politika tal-ippjanar. Jekk il-Gvern irid ikun ġust mas-sistema tal-ippjanar, ġaladarba jiġi rivedut l-iSPED u sakemm din ir-reviżjoni ma tkunx waħda kożmetika u minħabba li l-iSPED huwa dak li jiggverna l-pjanijiet u l-policies l-oħrajn kollha, dawn ukoll ikunu jridu jiġu allineati mal-iSPED il-ġdid.

Il-Partit Nazzjonalista ilu snin jinsisti mal-Gvern biex jitfassal dan il-pjan strateġiku ħolistiku għall-ambjent u l-iżvilupp, li jinkludi r-reviżjonijiet tal-pjanijiet lokali, tad-Development Control Design Policy Guidance and Standards, inkluż l-Annex 2, u policies oħrajn, wara proċess ta' konsultazzjoni ta' vera, trasparenti u wiesa'. Jista' l-Ministru jgħid x'inhu t-timeline? Id-demografija, l-ambjent, l-ekonomija u l-ħajja soċjali nbidlu drastikament minn mindu saru l-pjanijiet lokali. Id-densità ta' pajjiżna żdiedet b'aktar minn terz, minn 1,284 persuna kull kilometru kwadru fl-2006 għal 1,720 fl-aħħar tal-2022, 15-il darba aktar mill-medja Ewropea u tliet darbiet aktar mill-Olanda, li tiġi warajna fil-klassifika.

Sur President, wara 17-il sena ta' pjanijiet lokali, wara għaxar snin ta' lapazzar fil-policies u pjanijiet riveduti parzjalment, bil-biċċiet, li ħolqu anomaliji u kontradizzjonijiet li jagħtu kull opportunità ta' spekulazzjoni, wara mijiet ta' applikazzjonijiet ta' kontroll ta' żvilupp, wara sanzjonar galor, wara staġnar fil-proċess tal-ippjanar li wassal għal deċiżjonijiet meħuda abbażi ta' preċedenti u aspettattivi individwali u li ma jikkonsidrawx b'mod sħiħ l-impatt fuq il-benesseri tal-komunitajiet, wara dak li l-Kamra tan-Negozju għal Għawdex iddiskrivietu bħala żvilupp ta' appartamenti żgħar konċentrati fi proġetti massivi f'komunitajiet li ma jifilħux għal dawn it-tip ta' żviluppi, u waqt li l-interessi ta' wħud qegħdin jingħataw ir-riħ fuq l-interessi għall-ġid komuni, kull min hu ta' rieda tajba jaf liema huma l-pjanijiet u l-policies li qegħdin iħassru l-fiżjonomija ta' pajjiżna u qed jagħmlu l-aktar ħsara lill-kwalità tal-ħajja tagħna.

Se nħares lejn ix-Xlendi, il-Manikata, iż-Żurrieq, l-Imqabba, Ħal-Safi u lokalitajiet oħrajn. Fejn baqa' jintgħaraf, Sur President?! Il-Gvern huwa inġust ma' Malta għaliex minflok jippjana hu u jiddetermina jekk għandux isir żvilupp u x'tip ta' żvilupp għandu jsir, qiegħed jissieħeb mal-iżviluppatur sabiex jippjanaw huma x'irid isir, kif jaqbel lilhom u mhux kif jaqbel għall-ġid komuni. Fil-Mellieħa l-Gvern mar litteralment kontra dak li wiegħed hu stess, daħal f'diskussjoni mal-privat biex jgħaddi art tal-Gvern lill-privat u minflok spazji miftuħa u ġonna pubbliċi fil-qalba taż-żona urbana, din il-biċċa art se tinbena mill-privat għall-privat. Fil-Qajjenza f'Birzebbuġa din l-istorja tidher li se terġa' tirrepeti ruħha.

Wara li għalaq il-kotba mas-sidien oriġinali - u għamel sewwa - kulħadd ħaseb li l-Gvern kiseb din l-art biex tintuża għal skop pubbliku. Biss skoprejna li l-Gvern awtorizza lil kumpanija privata biex idaħħal applikazzjoni għal fuq art tal-Enemalta u tal-Gvern sabiex ikun il-privat li jiddeċiedi kif din il-medda art se tiġi żviluppata, u cjoè, torrijiet ta' ħames u tmien sulari u erba' kurituri bejniethom. L-Awtorità tal-Ippjanar approvat li jista' jsir żvilupp f'żewġ meded art fin-Nigret iż-Żurrieq, waħda s-sena l-oħra u oħra din is-sena. Hawn ukoll, minflok għamel dak li kellu jagħmel u stipula hu kemm u x'tip ta' żvilupp kellu jsir, jekk kellu jsir, il-Gvern daqq il-kantaliena tas-soltu u waħħal fil-Gvern ta' qablu. Il-Gvern Laburista kellu żmien biżżejjed biex jippjana dawn iż-żoni imma intenzjonalment baqa' ċċassat.

Sur President, f'dan il-Baġit hemm imsemmi li se jinbidlu xi pjanijiet lokali. Il-Partit Nazzjonalista kien ċar mill-bidu dwar Ħondoq ir-Rummien. Aħna ħdimna biex din il-medda ta' art tkun tal-poplu kollu u tinbidel f'park nazzjonali. Anke l-Qorti kkonfermat li bil-pjanijiet lokali preżenti ma setax isir żvilupp fil-bajja ta' Ħondoq ir-Rummien. Huwa tajjeb li l-Awtorità tal-Ippjanar fl-aħħar se titħarrek u se tirrevedi l-pjanijiet lokali għal Għawdex sabiex dan ikun wieħed aktar ċar. Nittamaw!

Il-Gvern ta raġun lill-Partit Nazzjonalista u l-pjanijiet lokali mhux biss jistgħu jinbidlu imma, fejn hu meħtieġ u wara proċess serju ta' ppjanar, dawn għandhom jinbidlu. Nistenna li issa jkun ġust u mill-kliem jgħaddi għall-fatti, mhux bħal meta ma wettaqtx dak li wiegħed. Fil-fatt qal li filwaqt li se jiġu rispettati l-interessi u d-drittjiet tas-sidien tal-proprjetà se jibdew diskussjonijiet dwar regoli aktar stretti fejn jidħol żvilupp propost fl-Outside Development Zones (ODZ). Tista' tistaqsi lid-Dinglin u lin-nies ta' madwar Wied Għomor; liż-Żrieraq dwar Wied Babu li jinsab taħt mannara; lill-Birżebbuġin dwar Wied Żnuber, fejn qabel l-elezzjoni l-Prim Ministru wiegħed li ż-żona se ssir ODZ ħalli ma jsirx żvilupp f'dan il-wied protett, u issa qed jgħid li l-mitjar se jsir xorta, sempliċement naqra iżgħar; u lill-Imqabbin, lill-Qrendin u lil dawk tal-madwar dwar l-impjant tat-tarmak u l-konkos wara biebhom. Dak li mhux tajjeb għal Birżebbuġin f'dan il-każ mhu tajjeb għal ħadd.

Jekk verament irid ikun ġust il-Gvern ta' Robert Abela għandu jġorr ir-responsabbiltà tiegħu u jieqaf iwaħħal fid-difetti tal-pjanijiet lokali u fir-razzjonalizzazzjoni ta' 17-il sena ilu, jieqaf jinħeba wara Awtorità bla riżorsi u jarmaha. Irid jammetti l-konfużjoni li ġab bil-policies ambigwi u kontradittorji li introduċa, u jibda minnufih proċess biex jiġu riveduti u mibdula u mħejjija kif meħtieġ pjanijiet lokali u policies, inkluż l-Annex 2, abbażi tal-iSPED. Għandu jibda jippjana ż-żoni razzjonalizzati u f'dan il-proċess kollu għandu jinvolvi lill-komunità b'mod sħiħ u ta' veru. F'kelma waħda, għandu jagħmel dak li m'għamilx f'għaxar snin sħaħ!

Il-Gvern huwa inġust ma' Malta għaliex il-wegħda dwar iż-żoni ta' konservazzjoni urbana (UCA), li qal li għandha tkun definita b'mod irrevokabbli u li jintroduċi buffer zone biex ikun hemm bidla gradwali fl-estetika, din il-wegħda qisha intesiet. Huwa tajjeb li fl-aħħar il-Gvern tħarrek daqsxejn u se jibda jħares lejn l-istreetscapes u se jibda jaħdem fuq ir-reviżjoni ta' policies marbuta mal-estetika. Tal-anqas waqaf iwaħħal fil-periti li jpinġu ikrah! Jalla ma jkollniex lapazzar, aktar ambigwità u aktar lok ta' interpretazzjonijiet.

Sur President, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) u l-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali (SCH) ġew irrilegati għall-konsulenti u nħoloq dipartiment tal-permessi arroganti li, kif dikjarat numru ta' drabi l-Qorti, jikser il-liġi, jinjora l-Uffiċċju tal-Ombudsman u awtoritajiet oħrajn u jmur kontra l-parir tiegħu stess. Il-pool tal-Ministru attwali Ian Borg huwa każ klassiku minn ħafna. Tal-Ġgantija ieħor. Dan huwa Gvern inġust ma' Malta għaliex ċaħħadna minn awtorità li tippjana wara li fired l-ambjent mill-ippjanar, żarmaha u sfokaha u spiċċajna b'sistema tqila immens, imċajpra b'konsultazzjonijiet taparsi, deċiżjonijiet inkonsistenti u kultant konfliġġenti u kollox imħabbel f'burokrazija żejda ma tispiċċa qatt.

Titkellem mal-periti u jgħidulek li kif jersqu lejn l-awtoritaijiet ikkonċernati jitilfu s-sens ta' sodisfazzjon li suppost jagħtihom ix-xogħol. Tkellem ma' min irid jagħmel żvilupp, kbir jew żgħir, u tara ma' kemm-il entità jridu jħabbtu wiċċhom, mingħand Anna għal għand Kajfa u Pilatu jaħsel idejh! Sadanittant tibqa' tisplodi d-densità ta' pajjiżna u spiċċajna b'lokalitajiet f'telqa kbira, b'pajjiż imkerrah, b'rabja u frustrazzjoni tan-nies minħabba t-tnaqqir tal-kwalità tal-ħajja u t-tbatijiet fiżiċi u mentali li jridu jgħaddu minnhom ta' kuljum, u jibqa' jiġi privatizzat il-qligħ u jibqa' jiġi soċjalizzat it-telf. Dan huwa kollu nuqqas ta' governanza tajba, inġustizzja għall-ġenerazzjonijiet tal-lum u ta' għada.

Sur President, aħna rridu nkunu ġusti mal-poplu tagħna u għalhekk aħna miftuħin għal diskussjoni serja, parteċipattiva fil-fora appropriji u trasparenti kemm dwar emendi jew tneħħija ta' policies, kemm dwar ir-reviżjoni tal-pjanijiet lokali kif ukoll dwar il-bini mill-ġdid ta' ekosistema effiċjenti u effettiva ta' ppjanar li tirrikonċilja l-frammentazzjoni li ħoloq dan il-Gvern permezz ta' awtoritajiet u entitajiet differenti, injorati u bla effett li jkomplu jikkomplikaw il-proċess u jżidu l-ispejjeż.

Kif spjegat l-Onor. Julie Zahra dwar dak li qiegħed jiġri fis-Sovrintendenza tal-Patrimonju

Kulturali, nies mill-Awtorità tal-Ippjanar li huma fin-natura tagħhom favur żvilupp ġew mislufa lill-entitajiet oħrajn sabiex jagħmlu xogħol li fuqu tkun trid tieħu deċiżjoni l-istess Awtorità tal-Ippjanar. Nappella lill-Gvern sabiex ikun ġust ma' dawn in-nies u mas-sistema. Waħda mid-dgħufijiet ta' din is-sistema hija n-nuqqas ta' definizzjoni u l-linja ta' demarkazzjoni bejn awtoritajiet fis-settur, biċ-ċittadin jiġi ċippitatu jdur f'nofs entitajiet li jwaħħlu f'xulxin. Ħu t-tables and chairs, u jkollok eżempju tajjeb!

Sur President, kemm ġew ivvotati flus għar-riċerka u l-innovazzjoni fl-industrija tal-bini u tal-kostruzzjoni? Jagħmel sens li l-hekk imsejħa Awtorità tal-Ippjanar għandha l-Forward Planning Department żarmat kważi għalkollox? Fejn hi l-kapaċità u l-kompetenza fl-ispatial planning? Kemm se joffri korsijiet speċjalizzati u scholarships il-Gvern f'dan is-settur? Il-case officers u uffiċjali oħrajn jgħidulek dwar il-bżonn imminenti ta' ristrutturar serju biex jiġi ffriskat il-mod li bih topera l-Awtorità, jiġu utilizzati aħjar ir-riżorsi umani, jitnaqqas l-istress żejjed minn fuqhom u jiġi offrut servizz aħjar, ġust, sod u fil-ħin.

Jeħtieġ li l-Gvern ikun ġust mas-sistema tal-ippjanar, isaħħaħha u jsaħħaħ ir-riżorsi umani u l-kompetenza. Meta se jiġu rikonoxxuti l-professjonijiet tal-planners, tal-construction project managers, tal-ġeoloġisti, tal-geo-technical engineers, tal-occupational safety and health practioners, tal-quality surveyors u tal-construction managers, dawk li fil-passat konna nsejħulhom "l-imgħallmin"? Din ukoll hija inġustizzja ma' dawn in-nies professjonali.

Il-Gvern huwa inġust ukoll mal-iżviluppaturi, kbar u żgħar, mal-kunsilli lokali u mar-residenti. Minn mistoqsija parlamentari li għamilt joħroġ li mill-2013 sal-2021 l-Awtorità tal-Ippjanar ġabret kważi €71 miljun fid-Development Planning Fund. Fl-istess perjodu ħarġet biss kważi €21/22 miljun, differenza ta' €19-il miljun. Jista' l-Ministru jgħidilna għal liema University car park hemm €10 miljun allokati? Għal dak li qiegħed bil-ħlas? Jista' l-Ministru jsemmi postijiet ta' parkeġġ li l-Awtorità tal-Ippjanar ħallset għalihom mill-flejjes li ġabret għaliex l-iżviluppatur ma pprovdiex parkeġġ? Il-Gvern meta se jkun ġust mal-poplu ta' Birżebbuġa u tinqata' s-saga ta' €1.5 miljun li din il-lokalità għandha tieħu mill-iżvilupp tal-Freeport? Jeħtieġ ħafna aktar trasparenza fl-iskop u kif jitħaddem il-Fond għall-Ippjanar tal-Iżvilupp. Dan il-fond m'għandux jintuża bħala skuża biex isiru atroċitajiet ambjentali, biex jiġu ġustifikati l-irregolaritajiet u biex tiġi promossa l-kultura tas-sanzjonar.

Sur President, il-Gvern kien inġust ma' Malta, kien inġust ma' Jean Paul Sofia u mal-familja tiegħu, ivvota kontra x-xewqa tal-familjari tiegħu u kontra s-settur innifsu. Il-Prim Ministru Robert Abela kien inġust meta ħela disa' xhur jagħmel ħiltu kollha biex l-inkjesta pubblika ma ssirx. Il-Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar kien inġust għaliex minflok ra li jkollu ritratt oġġettiv u realistiku tas-sitwazzjoni f'din l-industrija, baqa' sieket. Aħna, għaliex verament nemmnu fit-trasparenza, fil-kontabbiltà u fil-governanza tajba ridna li jiġu determinati d-dgħufijiet fis-sistema spezzettata u sparpaljata li nħolqu matul is-snin, għamilhom min għamilhom. Sur President, hawnhekk nitlob il-permess biex inqiegħed dokument fuq il-Mejda tal-Kamra.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

**ONOR. STANLEY ZAMMIT:** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Artiklu li deher fuq is-sit online tal-ġurnal *The Times of Malta* tat-23 ta' Novembru, 2023, bl-isem "Editorial: Loophole-ridden regulations."

Dan l-editorjal huwa konferma ta' dak li ilna ngħidu, u ċjoè, tibdil nofs sajran li wassal għal sistema ċaqlembuta li taġevola lil dawk li huma b'saħħithom u tkisser lil dawk li huma dgħajfa. Mhux ta' b'xejn il-Gvern insista biex ma ssirx din l-inkjesta pubblika! Meta u jekk, bħalma ġara wara t-traġedja ta' Miriam Pace, inħallu r-rakkomandazzjonijiet kostruttivi fuq l-ixkaffa, ikollna lapazzar, ikollna tnikkir, ikollna tibdiliet nofs kedda bis-sulluzzu, kif intqal fil-Qorti, stupidi, ikollna iżjed spejjeż u aktar ħela ta' ħin, ikollna iżjed vittmi tas-sagrifiċċju u jkollna Gvern inġust ma' pajjiżna. Il-Partit Nazzjonalista flimkien ma' nies fil-qasam tal-kostruzzjoni ilu snin jinsisti li l-kuntratturi għandhom jiġu liċenzjati. Wara ħafna snin li s-settur tħalla għal riħu u b'min hu l-aktar b'saħħtu jħawwel u wara numru ta' inċidenti, fosthom anke fatali, il-Gvern

beda l-proċess biex uħud mill-kuntratturi jkunu regolati.

Il-Partit Nazzjonalista huwa ġust għaliex wara djalogu mal-partijiet interessati ressaq numru ta' emendi biex l-ipproċessar tal-liċenzjar tal-kuntratturi jitwessa', ikun aktar ħolistiku, jgħolli l-istandards, itejjeb il-governanza, iżid is-serħan tal-moħħ ta' dawk kollha involuti, inkluż it-terzi, kif ukoll li l-liċenzjar tal-kuntratturi jikkontribwixxi fil-prattika għal ambjent u kwalità ta' ħajja aħjar. Il-Partit Nazzjonalista huwa ġust għaliex ilu jinsisti biex is-sistema tal-iskills card ma tibqax fuq il-karta, tant li semmejnieha wkoll fl-emendi li ressaqna. Il-Gvern Laburista huwa inġust ma' Malta u mas-settur tal-kostruzzjoni għaliex qiegħed ikompli jkaxkar saqajh dwar il-Kodiċi Nazzjonali tal-Bini, li kienu ssemmew, imbagħad il-Kamra tal-Periti qabżitilha u bdiet tagħmilhom hi!

Sur President, apprezzajt li qed jingħata piż xieraq miż-żewġ naħat tal-Kamra dwar il-konċett tal-Environmental, Social and Governance (ESG). Dawn il-kriterji tal-ambjent, tas-soċjal u tal-governanza għandhom isuqu l-politika tagħna dwar kull materja, iżjed u iżjed dik tal-ippjanar. Għalhekk nipproponu li kull żvilupp ikun assessjat skont scorecard ibbażata fuq l-oġġettivi tal-pjan strateġiku biex nassiguraw minn kmieni tal-proċess li l-iżvilupp ikun qed jilħaq l-istandards stabbiliti mid-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija, ovvjament waħda li għadha kif ġiet riveduta, ikun mal-istandards tas-saħħa u s-sigurtà fil-binja, ikun mal-istandards tal-kodiċi tal-bini, ikun mal-istandards ta' kwalità, ikun mal-istandards tal-prevenzjoni minn nirien u, meta jkollna, mal-kodiċi tal-bini, u konformi mal-ESG.

Huwa tajjeb li l-ispiża rikorrenti u l-investiment kapitali tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) se jiżdiedu sostanzjalment għas-sena d-dieħla. Din l-Awtorità teħtieġ sistema intelliġenti u seamless ta' IT, mhux biss biex timmaniġġja x-xogħol u l-operat ta' kuljum u biex tkejjel il-prestazzjoni tagħha, imma tali sistema għandha sservi ta' pjattaforma ta' konformità u bħala mezz biex l-istakeholders u l-pubbliku inġenerali jkunu jistgħu jwasslu l-ilmenti u jiksbu l-informazzjoni.

Irrid nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lill-uffiċjali u l-ħaddiema kollha tal-Awtorità tal-Ippjanar u dawk tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni li ta' kuljum, anke jekk frustrati bil-mod kif dawn l-awtoritajiet jiġu mmexxija, jagħmlu dak kollu li jistgħu. L-awtoritajiet mhux biss għandhom jinvestu f'aktar riżorsi imma għandhom jinvestu aktar fir-riżorsi umani. Għandna nimmiraw u nippjanaw bis-serjetà żvilupp sostenibbli li jirrispetta l-ambjent, jimmira lejn it-tnaqqis għat-tibdil fil-klima u jsaħħaħ b'mod sħiħ il-benesseri tal-individwi. Jeħtieġ li l-Gvern jesprimi bl-aktar mod ċar il-viżjoni tiegħu u l-mudell ekonomiku li se jkun qed iħaddem fis-snin li ġejjin għaliex dawn huma l-aktar li jinfluwenzaw id-domanda għall-iżvilupp u x'tip ta' żvilupp irridu nagħmlu.

Nappella biex il-Gvern jimbarka fuq pjan strateġiku ħolistiku ta' ppjanar ibbażat fuq il-kriterji tal-ESG u jiftaħ id-diskussjoni dwar ir-reviżjonijiet tal-pjanijiet lokali u l-policies li qegħdin jaffettwaw il-kwalità tal-ħajja tagħna lkoll. Inħeġġeġ lill-Ministru biex jibni ekosistema ta' ppjanar effiċjenti u effettiva li tkun tista' timplimenta pjan strateġiku ħolistiku permezz ta' riżorsa umana stmata u infrastruttura robusta.

Sur President, il-Partit Nazzjonalista huwa ġust ma' Malta għaliex huwa impenjat li nibnu mill-ġdid ekonomija b'saħħitha bbażata fuq l-integrità, l-innovazzjoni u s-sostenibbiltà, filwaqt li jnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjoni u fuq iż-żieda bla pjan tal-popolazzjoni. Dan ukoll permezz ta' ppjanar, regolamentazzjoni u sistemi ta' inċentivi ħolistiċi, serji, ċari, trasparenti u kontabbli li jieħdu ħsieb u jippromwovu wkoll l-aspetti ambjentali, soċjali u kulturali ta' governanza tajba u bl-involviment sħiħ tal-komunità. B'hekk ikollna ċ-ċertezza, is-sigurtà u s-serħan tal-moħħ, inżidu l-kompetittività tagħna u jkollna pajjiż isbaħ u ambjenti sani, għaliex wara kollox l-ambjent huwa dritt fundamentali tagħna, kif ukoll ikollna żvilupp verament sostenibbli u kwalità ta' ħajja aħjar f'pajjiżna. Nirringrazzjak.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Ryan Callus.

**ONOR. RYAN CALLUS:** Sur President, nixtieq nibda dan id-diskors tiegħi billi nawgura lil binti li llum għalqet ħames snin. It-tfal tagħna huma l-għożża tagħna. Qed ngħid dan għaliex qed niftakar fil-mewta traġika ta' Jean Paul Sofia. Illum taħt dan id-dekasteru nittrattaw, fost affarijiet oħrajn, is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Is-saħħa u s-sigurtà sa ċertu punt

minn uħud, forsi minn xi employers jew minn xi ħaddiema nfushom, sfortunatament għadha tiġi konsidrata bħala piż, spiża żejda jew ħin moħli fi preparazzjoni. Iżda lkoll nafu li s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol huma neċessarji, għaliex permezz tagħhom tista' ssalva ħajja, tista' tnaqqas l-inċidenti u naturalment hija ħtieġa professjonali.

Ippermettili, Sur President, f'dan id-dibattitu nagħmel ftit osservazzjonijiet dwar dak li ħareġ mill-inkjesta pubblika ta' Jean Paul Sofia. Jien nittama li kemm il-Gvern kif ukoll il-Ministru jikkonsidraw b'serjetà kif nistgħu nieħdu t-tagħlimiet minn din l-inkjesta. Smajna kif l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol m'għandhiex biżżejjed riżorsi biex taqdi l-funzjonijiet tagħha. Smajna li l-abbozz ta' regolamenti tal-kuntratturi li kien ġie ppreżentat lill-Kabinett qabel l-aħħar elezzjoni ġenerali nżamm milli jidħol fis-seħħ qabel l-aħħar elezzjoni ġenerali, u ċjoè, qabel Marzu tal-2022. Sitt xhur wara miet Jean Paul Sofia. Allura xi stajna għamilna kieku dawn ir-regolamenti daħlu fis-seħħ meta l-abbozz kien iffinalizzat?

L-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni tirċievi mijiet ta' lmenti minn terzi u għandha biss 17-il uffiċjal biex jagħmlu l-ispezzjonijiet. Irridu naraw kif persuni li jmexxu l-awtoritajiet jista' jkollhom konflitt ta' interess għaliex jaħdmu huma stess fis-settur. Fl-aħħar dak li qed joħroġ minn din l-inkjesta pubblika juri kif is-settur tal-kostruzzjoni jibqa' sal-lum wieħed awtoregolat għaliex l-awtoritajiet donnhom jew huma bla snien jew m'għandhomx ir-riżorsi. Issa nittama li l-Gvern, wara l-insistenza kollha li għamel kontra l-inkjesta pubblika, illum fehem kemm din l-inkjesta pubblika kienet importanti u neċessarja, għaliex mix-xhieda mogħtija joħorġu diversi punti li mhux biss juru possibbilment nuqqasijiet tal-awtoritajiet, li anke ma kinux sinkronizzati bejniethom, iżda din l-inkjesta pubblika esponiet lakuni fejn donnu ħadd mhu responsabbli ta' xejn għaliex fl-inkjesta pubblika rajna kif donnu kulħadd qed iwaħħal f'xulxin!

Għaldaqstant illum il-Ministru, illum li għandu din ir-responsabbiltà ta' dan il-Ministeru, għandu ċ-ċans jgħidilna x'tagħlimiet se jieħu biex dak li ntqal fl-inkjesta pubblika jiġi implimentat ħalli bħall-inċident li ġara nittamaw li ma jerġa' jkollna qatt. Naf li l-Ministru beda l-proċess ta' konsolidament tal-liġijiet affettwati. Kritika li ħafna drabi għamilt jien hija li donnu hemm ħafna regolamenti u liġijiet però m'hemmx dak il-konsolidament legali. Għalhekk napprezza jekk il-Ministru, fit-tweġiba tiegħu, jaġġornana fejn wasalna f'dan il-proċess, però napprezza ħafna aktar jekk jgħidilna meta se jidħlu fis-seħħ. Ilna ħafna nkarkru, u kull ġurnata oħra li tgħaddi qed nesponu ruħna għal inċidenti oħrajn u għall-possibbiltà li dan is-settur jibqa' mhux regolarizzat.

Se nitkellem ftit dwar il-health and safety project supervisor u se ngħid x'jgħiduli l-health and safety officers. Qed ngħid "officers" għaliex it-titlu "project supervisor" ma tantx jinżilli għaliex ħafna nies aktar jifhmuha li huwa xi project manager ta' xi proġett. Ħafna minn dawn l-uffiċjali jgħiduli li huma mistennija jagħmlu xogħolhom meta ġieli jħossu li l-awtoritajiet mhux jagħtuhom is-sapport jew mhumiex preżenti f'xogħolhom. Qaluli li bħala uffiċjali għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol huma mitluba jikkonfermaw li kull ħaddiem fuq il-post tax-xogħol huwa kompetenti, jagħmel xogħlu – isma' din Sur President – b'mod sigur fuq il-post tax-xogħol. Dan meta f'ċerti postijiet ta' kostruzzjoni kapaċi jkollok mijiet ta' ħaddiema li kienu approvati li jiġu jaħdmu f'pajjiżna mingħajr ma ġew ċertifikati qabel ġew impjegati f'pajjiżna jekk għandhomx il-kompetenza li jagħmlu dan ix-xogħol.

Dawn l-uffiċjali jgħidulek li jridu jkunu fuq il-lant tax-xogħol jagħmlu xogħolhom u mistennija jaraw li kulħadd qed jimxi u jagħmel xogħlu kif suppost. Però hemm pass ieħor qabel dan kollu. L-awtoritajiet iridu jassessjaw li individwu li ngħata dan ix-xogħol, qed jaħdem dan ix-xogħol jew ġie reġistrat ma' Jobsplus għal dan ix-xogħol ikollu l-kompetenza li jagħmel dak ix-xogħol. Dawn qed jgħiduli – u jien nifhimha din il-kritika – li ma jafux kif jista' jkun li huma jagħmlu xogħolhom fuq il-post tax-xogħol meta jista' jkollok persuni li diġà mhumiex kompetenti għal dak ix-xogħol.

Hawnhekk jien nistaqsi jekk l-OHSA għandhiex tibda tagħmel din l-analiżi fuq dawn il-ħaddiema. Ma nixtieqx nisma': "U ma tarax! U mhux hekk! Mhux huma!" Li rridu niddeterminaw mil-lum 'il quddiem, anzi mill-bieraħ, huwa min se jkun responsabbli, għax li ġara f'dawn l-aħħar inċidenti huwa li donnu meta tmur biex tara min kien responsabbli, il-qafas legali donnu jagħti l-opportunitajiet biex in-nies ma jerfgħux ir-responsabbiltajiet tagħhom. Għaliex jekk l-

OHSA, Identity Malta – li issa biddilnielha isimha għal Identità Malta – u l-BCA mhumiex responsabbli, allura min hu responsabbli biex jara li l-ħaddiema barranin, però mhux biss barranin, hemm Maltin ukoll, huma ċertifikati li għandhom il-kompetenza mill-aspett ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol?

Sur President, għalhekk l-uffiċjali għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol ħafna drabi jħossu li jispiċċaw qishom l-iscapegoat. Bħalma rajna fl-inkjesta tal-każ ta' Jean Paul Sofia, kulħadd ifarfar mir-responsabbiltà tiegħu. B'dak li qed ngħid m'iniex qed inneħħi mir-responsabbiltà ta' kull min għandu rwol f'din il-ħaġa, fosthom tal-iżviluppatur, tal-investitur u ta' min iħaddem. Kulħadd għandu responsabbiltà x'jerfa' f'din il-katina kollha għaliex inkella nispiċċaw bis-sitwazzjoni li kellna. Nisma' wkoll minn min jipprattika f'dan ix-xogħol dwar l-importanza li l-OHSA żżomm relazzjoni tajba man-nies fl-industrija u allura l-bżonn li l-OHSA tikkomunika b'mod aħjar mal-uffiċjali għas-saħħa u s-sigurtà u ma' kull min jopera f'dawn is-setturi.

Ejjew niddiskutu kif jista' jkollna wkoll rappreżentanza fl-OHSA ta' dawn il-faxex differenti ta' nies li jaħdmu f'dawn is-setturi differenti. Jien inħoss li jekk ikun hemm aktar djalogu u aktar involviment ta' min qed jipprattika f'din l-industrija, l-awtoritajiet jistgħu jkunu iktar f'pożizzjoni li jnaqqsu l-abbuż. Naturalment irid ikun hemm aktar trasparenza. Fil-klima li ilna ngħixu fiha f'dawn l-aħħar snin mhuwiex sigriet mistur li l-fiduċja fl-istituzzjonijiet ta' pajjiżna tnawret. Għalhekk jeħtieġ sinjal ta' azzjoni, anke minn dawn l-awtoritajiet kompetenti li semmejt, biex tissaħħaħ it-trasparenza.

Sur President, jgħiduli wkoll biex ma niffokawx biss fuq il-kostruzzjoni għaliex għandna ħaddiema tas-saħħa u s-sigurtà li jaħdmu f'setturi oħrajn, fosthom il-manifattura, l-ospitalità u l-catering. Però donnu, inkluż jien l-ewwel wieħed, niddedikaw ħafna ħin fuq il-kostruzzjoni. U nifhem għala; għaliex il-maġġoranza tal-inċidenti jseħħu fis-settur tal-kostruzzjoni. Però ma rridux naqgħu fin-nasba li niffokaw biss fuq settur wieħed u ninjoraw oħrajn. Qed ngħid dan għaliex industriji oħrajn għandhom perikli u riskji differenti. Din bħalma bħalissa għandna l-gwerra fil-Lvant Nofsani, donnu kulħadd nesa l-gwerra fl-Ukrajna, però ma jfissirx li l-gwerra fl-Ukrajna waqfet. Ma jfissirx li m'għadx hemm ħruxijiet qegħdin iseħħu fl-Ukrajna, imma donnu għaliex issa bdiet gwerra ġdida li l-midja qed tagħtiha aktar importanza, il-gwerra tal-Ukrajna saret sekondarja. Qed inġib dan il-paragun biex nifhmu – għall-inqas kif naraha jien – l-importanza li minħabba l-gravità tas-sitwazzjonijiet li għandna fil-kostruzzjoni nabbandunaw setturi oħrajn.

Hemm affarijiet oħrajn li huma importanti wkoll fis-settur tax-xogħol bħal, pereżempju, l-ergonomics, kif jitqassmu u jiġu organizzati l-postijiet tax-xogħol u s-saħħa mentali, li smajna ħafna dwarha waqt il-COVID-19. Din ukoll m'għandniex nabbandunawha. Irrid norbot kollox ma' kollox u ngħid – u nixtieq li l-Ministru japprezza dan li se ngħid – li hawn ċirkostanzi oħrajn li qed jimpinġu fuq is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, li wkoll ġejjin minn diffikultajiet esterni mill-post tax-xogħol bħal, pereżempju, it-traffiku. Ma taħsbux li t-traffiku qed ikollu impatt ħażin fuq ħajjitna? Kieku kelli nestendiha, intom ma taħsbux li t-traffiku qed ikollu impatt ħażin fuq il-ħaddiema?

Jekk tagħmel siegħa fit-traffiku tasal ix-xogħol innervjat u stressjat għaliex wasalt tard, għaliex tlift laqgħa, għaliex ma ppanċjajtx fil-ħin u allura l-imgħallem se jaqtagħlek mill-ħinijiet tiegħek tal-ġurnata. Huwa faċli tifhem meta nispjega b'dan il-mod kif ċirkostanzi esterni f'dan il-pajjiż, ħżiena b'riżultat ta' dak li qed jiġri f'pajjiżna, ukoll qed jimpinġu fuq is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Allura huwa importanti li sfidi bħal dawn jiġu indirizzati wkoll b'mod ħolistiku minn dan il-Gvern.

Se nitkellem ftit dwar il-kwalità tal-arja, Sur President. F'diversi setturi, xi drabi fil-kostruzzjoni, manifattura u oħrajn, qed titqajjem kuxjenza dwar is-silicates, li huma partiċelli fl-arja li xi drabi jiġu ġenerati f'postijiet ta' kostruzzjoni u li jista' jkollhom effett ħażin fuq il-bniedem. Bħala materjali li jintużaw mhux qed nirreferi biss għall-bricks li huma l-materjali tradizzjonali iżda aktar għal materjali li jidħlu fit-tieni fażi tal-binja, dik li ngħidulha l-fażi tal-mechanical and electrical services (M&E).

Illum minħabba l-fatt li l-binjiet tagħna saru aktar teknoloġiċi minħabba heating, ventilation and air conditioning (HVAC), sound proofing u materjal ieħor li jintuża, qed jiġu introdotti materjali ġodda fil-postijiet tax-xogħol li, meta jinqatgħu, meta jgħaddu minn proċess biex jintużaw fuq il-

post tax-xogħol, jistgħu jħallu materjal fl-arja li jista' jkun ta' dannu għas-saħħa tal-bniedem. Allura napprezza jekk il-Gvern, il-Ministru kif ukoll l-OHSA tibda tħares lejn dan il-fenomenu li d-dinja moderna qiegħda tistudja bir-reqqa f'dawn l-aħħar snin.

Ħalli niġi għall-kompetenzi tal-uffiċjali għas-saħħa u s-sigurtà. Illum għad m'għandniex b'mod definit ċertezza x'kompetenzi jrid ikollu dan l-uffiċjal. Illum min jista' jipprattika bħala uffiċjal għas-saħħa u s-sigurtà? Kulħadd?! Jien?! Jien inġinier, ma nħossnix kompetenti li nkun uffiċjal għas-saħħa u s-sigurtà. Illum min jista' jaġixxi b'responsabbiltà, b'kapaċità li jkun uffiċjal għas-saħħa u s-sigurtà kif għandu jkun? Xi kwalifiki jrid ikollok biex teżerċita l-pożizzjoni ta' uffiċjal għas-saħħa u s-sigurtà?

Nixtieq li l-Ministru jikkonsidra l-possibbiltà – u din hija xewqa wkoll, għaliex naf, u nispera għall-inqas li huwa jiltaqa' ma' rappreżentanti f'dawn is-setturi - li l-uffiċjali għas-saħħa u s-sigurtà jkollhom ir-rikonoxximent ta' warrant għaliex b'hekk nevitaw ċirkostanzi fejn ikollna persuni jagħmluha ta' uffiċjali għas-saħħa u s-sigurtà mingħajr ma jkunu kwalifikati u mingħajr ma jkollhom il-ħiliet neċessarji dan ix-xogħol.

Għalfejn huwa importanti dan, Sur President? Ħalli ngħid għalfejn. X'inhu xogħol l-uffiċjal għas-saħħa u s-sigurtà? Li jkun fuq il-post tax-xogħol josserva x-xogħol kif qed isir kif ukoll li josserva l-apparat jekk hux sigur biex jintuża, fost kompetenzi oħrajn. Jiġifieri jekk għandek uffiċjal għas-saħħa u s-sigurtà li m'għandux il-kwalifiki, li mhux kompetenti – dik hi l-kelma, kompetenza – dan ifisser li xogħlu mhux se jagħmlu sew. Ir-riżultat ta' dan hu li qisu, kważi kważi, m'għandek uffiċjal għas-saħħa u s-sigurtà xejn.

Għalhekk ejjew ma neħdux dan il-punt b'mod leġġer għaliex, kif jgħidu l-Ingliżi, we would be missing the wood for the trees, għax il-konsolidament leġiżlattiv ta' dawn l-Abbozzi ta' Liġi, ta' dawn il-liġijiet kollha li għandna, ma jkunx laħaq l-għan aħħari tiegħu jekk ma nindirizzawx darba għal dejjem u nistabbilixxu x'inhuma l-kompetenzi ta' uffiċjal għas-saħħa u s-sigurtà, liema proċess għandu jikkulmina ruħu fl-għoti ta' warrant, għaliex huwa dak il-warrant li jistabbilixxi x'għandu jkollok bħala persuna biex tokkupa dik il-kariga.

Sur President, iddedikajt parti sostanzjali mill-ħin tiegħi dwar din l-ewwel materja għaliex nemmen li hija materja li għandna ħafna x'nitgħallmu minnha, u jekk ninjorawha l-konsegwenzi tagħha nafu x'inhuma għaliex għaddejna minnhom f'dawn l-aħħar xhur. Però ħalli issa ndawwar ftit ħarsti lejn setturi oħrajn f'dan id-dekasteru. Wieħed minnhom hu l-Maintenance Monitoring Unit, li l-iskop tiegħu hu – u jien ngħid skop tajjeb ħafna – li persuni jduru l-proġetti ta' tisbiħ tal-infrastruttura f'pajjiżna u jaraw fejn hemm bżonn issir manutenzjoni.

Aħna l-Maltin m'għandniex il-kultura li wara li nlestu proġett nibqgħu nieħdu ħsiebu. Forsi din hija parti mill-kultura Mediterranja tagħna. U x'jiġri? Jinqata' d-dawl, jibqa' maqtugħ, ikun hemm xi wire li waqa' jibqa' mdendel jew xi dustbin miksur jibqa' hekk. Insomma, għalkemm dawn l-affarijiet jidhru żgħar, jagħtu dehra kerha ħafna lil pajjiżna, speċjalment għat-turisti, u fuq kollox lilna wkoll għaliex aħna Maltin, ngħixu f'pajjiżna u rridu li l-ambjent li ngħixu fih ikun ambjent sabiħ u sigur għal uliedna.

Nixtieq li l-Ministru jgħidli jekk huwiex minnu - jekk mhux minnu jgħidli li mhux minnu, ma ġara xejn - li hemm il-ħsieb li dan il-Unit jingħalaq. Jekk se jingħalaq, x'inhi r-raġuni li se jingħalaq? Jekk se jingħalaq, x'se jagħmel minfloku? Nispera li din ma tkunx deċiżjoni li b'riżultat tagħha ma nibqgħux nagħmlu dan it-tip ta' manutenzjoni. Jien ngħid li mhux innaqqsu rridu imma rridu nżidu għaliex ma nemminx li qed issir biżżejjed manutenzjoni tal-proġetti li nagħmlu fil-lokalitajiet, proġetti li jagħmel il-Gvern u oħrajn.

Sur President, il-Ministru preċedenti kien ħabbar sensiela ta' proġetti li naturalment issa wirithom il-Ministru attwali, fosthom il-proġett taz-zuntier tas-Siġġiewi, li ma nistax ma nfaħħarx u ngħid prosit lill-Ministru. Però issa nixtieq inkun naf ... (Interruzzjonijiet) Jalla jkun isbaħ, mhux tas-Siġġiewi biss imma ta' kullimkien! Forsi l-Ministru jkollu l-opportunità jgħidilna dak il-proġett fejn wasal. Nixtieq li l-Ministru jgħidli wkoll fuq il-proġett taz-zuntier tal-Knisja ta' San Pawl tar-Rabat – jekk mhux minnu jgħidli li mhux minnu - għaliex hemm l-għajdut li dan il-proġett donnu twarrab, jista' jkun fuq kwestjoni ta' finanzi u jista' jkun fuq kwestjonijiet oħrajn. Imma napprezza jekk il-Ministru jserrħilna rasna

li dan mhux il-każ u li dan il-proġett se jsir u l-wegħda tiegħu li kull proġett li ġie mwiegħed mill-Ministri ta' qablu – għall-inqas mill-Ministru ta' qablu żgur – hemm ir-rieda li dan jitwettaq f'din il-Leġiżlatura.

Nixtieq nagħmel l-aħħar punt qabel nikkonkludi dan id-diskors. F'dan id-dekasteru għandna s-settur tal-ippjanar u dwaru nitkellmu, fost oħrajn, fuq binjiet sostenibbli. Jien informat li l-kors tal-building services fl-MCAST twaqqaf. Dan huwa minnu għaliex ikkonfermajtu minn mistoqsijiet parlamentari li għamilt. Jien, li jien inġinier u nopera f'dan is-settur, naf li hemm lakuna kbira ta' tekniċi, b'mod partikolari draughtpersons kapaċi, mhux fl-arkitettura imma fil-building services, li hija totalment differenti. Bid-deċiżjoni tal-MCAST li twaqqaf dan il-kors ifisser li m'hemmx it-tim ħolistiku li hemm bżonn, mhux biss ta' inġiniera imma ta' tekniċi, għaliex mhux l-inġiniera kollox u mhux it-tekniċi kollox, biex iwasslu għal prodott tajjeb.

Nappella lill-Ministru biex jikkonvinċi lill-Ministru Clifton Grima ħalli dan il-kors jerġgħu jibdewh għaliex hawn nuqqas kbir f'dan il-pajjiż. Din hija waħda mir-raġunijiet għaliex ikun hemm min ikollu jirrikorri għall-barranin; mhux għaliex il-Maltin ma jridux imma għaliex m'għadx hemm l-opportunità li tistudja dan is-settur, u s-swiċċ intefa'. Lill-Ministru nappellalu li dan huwa settur li fid-dinja kollha resqin lejh, net zero emissions buildings. Aħna rridu nersqu lejn binjiet li tant ikunu effiċjenti li mhux jiġġeneraw l-emissjonijiet imma jkunu awtosuffiċjenti.

Sur President, se nikkonkludi fuq dan il-punt għaliex nemmen li minkejja li l-edukazzjoni ma taqax taħt dan il-Ministeru, dan hu punt li jaffettwa d-dekasteru li hu responsabbli minnu. Irrid nirringrazzja lill-ħaddiema kollha li jaħdmu f'dan il-Ministeru, naf li ħafna drabi mhuwiex faċli għalihom, speċjalment dawk responsabbli minn infurzar - ikun hemm min jilqagħhom b'ħarsa kerha! - u nsellmilhom għax naf kemm xogħolhom huwa importanti għaliex jekk xogħolhom ma jsirx, għax ma jkollhomx ir-riżorsi, pajjiżna sfortunatament ikollu dak li lkoll ma nixtiqux. Nirringrazzjak.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Toni Bezzina.

**ONOR. TONI BEZZINA:** Sur President, qabel nibda l-intervent tiegħi dwar l-estimi ta' dan il-Ministeru nixtieq l-ewwel nett nirringrazzja lill-ħaddiema kollha, fosthom il-ħaddiema tal-id, ħaddiema klerikali, tekniċi, professjonisti, maniġerjali, diretturi, diretturi ġenerali, CEOs, kif ukoll is-Segretarju Permanenti ta' dan il-Ministeru u tal-entitajiet u dipartimenti tal-Gvern li jaqgħu taħt dan il-Ministeru. Nixtieq ukoll nieħu l-opportunità biex nirringrazzja lil diversi entitajiet oħrajn li jikkontribwixxu, speċjalment fuq kwestjonijiet li jolqtu lil diversi dipartimenti, fosthom il-Kamra tal-Periti, l-Assoċjazzjoni tal-Iżviluppaturi Maltin (MDA), il-Kamra Maltija għall-Ippjanar kif ukoll diversi NGOs.

Ma tistax tkun qed titkellem dwar dan id-dekasteru u ma tikkummentax dwar kif qed jiġu sfruttati ż-żoni rurali f'pajjiżna, speċjalment fin-naħa t'isfel ta' Malta, li skont il-politika rurali tal-Awtorità tal-Ippjanar stess, kull żvilupp f'dawn iż-żoni jrid ikun ikkonsidrat bħala titjib għat-tkabbir ekonomiku tal-qasam agrikolu, b'enfasi fuq bdiewa żgħażagħ, li jridu jingħataw kull għajnuna biex jistabbilixxu l-intrapriża agrikola tagħhom. Il-politika rurali hija mibnija fuq żewġ pilastri prinċipali, u ċjoè, dak li jiġi sostnut l-iżvilupp essenzjali għall-agrikoltura, kif ukoll li l-kampanja tagħna tiġi mmaniġġjata u konservata kemm għall-ġenerazzjonijiet preżenti kif ukoll għal dawk futuri.

Kif jgħid il-Malti, bejn il-kliem u l-fatti hemm baħar jikkumbatti, u minflok li bid-deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar qed nassiguraw li l-bdiewa u r-raħħala, speċjalment dawk żgħażagħ, ikunu qed jiġu megħjuna biex jieħdu ħsieb iż-żoni rurali, qiegħda tippermetti żvilupp li żgur mhuwiex postu u żgur li mhuwiex bżonjuż f'dawn iż-żoni kif ukoll viċin l-abitat. Każ tipiku huwa l-applikazzjoni riċenti għall-impjant tat-tarmak fl-Imqabba, azzjoni li żgur ma turix ġustizzja mal-Imqabbin, mal-Qrendin u ma' residenti oħrajn tal-irħula tal-madwar.

Ta' min jgħid li fl-aħħar mill-aħħar din l-applikazzjoni qed titlob rilokazzjoni ta' binja li kienet illegali li tikkonsisti f'impjant tat-tarmak, impjant tal-konkos, diversi garaxxijiet, uffiċini u strutturi oħrajn, li però mbagħad ġiet sanzjonata biex taqlagħhom minn Ħal Far u titfagħhom fl-Imqabba, f'distanza ta' inqas minn 250 metru mill-Category 3 Settlement, li huwa settlement għall-użu residenzjali, kif ukoll fil-buffer zone fejn jiġi salvagwardat l-ilma tal-pjan fiċ-ċirkonferenza ta' 100 metru.

Fl-ipproċessar ta' din l-applikazzjoni, jekk wieħed jaqra r-rapport tad-DPA jsib li l-Awtorità tal-Ippjanar ikkwotat diversi objettivi temiċi, urbani u rurali kif ukoll għamlet referenza għall-pjan lokali, fejn enfasizzat li żoni rurali m'għandhomx jiġu sfruttati b'użu mhux leġittimu jew neċessarju u anke li għandhom jiġu salvagwardati mit-tniġġis tal-arja, storbju u mir-riskju ta' użu ta' kimiċi. Imma mbagħad, fl-aġir tagħha, l-Awtorità qiegħda tiddikjara li t-trasferiment ta' dan l-impjant tat-tarmak huwa kompatibbli li jsir f'barriera! Jiġifieri l-Awtorità f'nifs tgħid mod u f'nifs ieħor qed tgħid differenti!

Inkwetanti wkoll huwa l-fatt illi kien hemm diversi konsulenti esterni li ma sabux oġġezzjoni għal din l-applikazzjoni. Pereżempju, għandek il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, li għalkemm din hija żona ta' salvagward tal-ilma tal-pjan ma sabitx oġġezzjoni għal dan l-impjant. L-ERA xogħolha suppost huwa li tissalvagwardja l-ambjent però, l-istess, ma ħassitx li impjant tat-tarmak f'żona ODZ se joħloq problemi lill-kampanja u lir-residenti. L-Awtorità għat-Trasport, meta jkollok applikazzjoni għal xatba f'għalqa jitolbu ħafna pjanti u kważi kważi jaqilgħu patafjun problemi, imma mbagħad għal impjant li jridu jgħaddu minnu diversi vetturi kbar ma sabux problemi! Però l-aktar li jinkwetani huma l-kummenti tad-Direttorat tal-Ippjanar, li ddikjara li siti bħalma qed jiġi propost biex isir dan l-impjant tat-tarmak, u nikkwota:

> "Huwa ideali għall-użu ta' industrija li tipproduċi l-irwejjaħ tossiċi."

Mela l-Imqabbin, il-Qrendin u residenti oħrajn tal-madwar qishom ma jimirdux b'mard respiratorju, jew inkella huma ċittadini tat-tielet klassi! Kienet is-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali biss li oġġezzjonat għal dan l-iżvilupp. Imma kien grazzi għar-residenti tal-Imqabba, tal-Qrendi u taż-Żurrieq li qajmu kuxjenza biex dan l-impjant tat-tarmak ma jagħmilx sfreġju ambjentali la fil-madwar tal-irħula tagħhom, la fil-madwar ta' rħula oħrajn fil-viċin u lanqas bħalma ġara b'dan l-impjant stess fiż-żona industrijali ta' Ħal Far, li spiċċa twaqqaf darbtejn minħabba d-duħħan iswed li kien joħroġ minnu.

Kif diġà għedt, ikollok applikazzjoni għal struttura agrikola, xi ġiebja, biex iżżid xi ftit ħamrija fl-għalqa tiegħek jew xi raħħal żagħżugħ jipprova għal razzett, u jispiċċaw jaqilgħulhom fwiedhom, isibulhom elf problema u jaraw kif jagħmlu biex jirrifjutawlhom l-applikazzjoni. Għalhekk nippretendi li l-Awtorità tal-Ippjanar tagħmel xogħolha u tiddeċiedi abbażi tal-ġid komuni u mhux toqgħod isserraħ fuq ir-residenti biex jagħmlulha xogħolha!

Biex nagħlaq id-diskors tiegħi ma nistax ma nsemmix ukoll li f'Birżebbuġa daħlet applikazzjoni oħra għand l-Awtorità tal-Ippjanar biex biċċa art ta' kobor sostanzjali, li fil-maġġorparti tagħha hija tal-Gvern jew tal-Enemalta - qabel kien hemm l-impjant tal-LPG fil-Qajjenza - se tispiċċa tingħata lill-privat biex tinbidel f'żona residenzjali ta' diversi blokok, li waħda minnhom anke titla' sa għaxar sulari għoli. Għax għalkemm tħares lejn il-pjanti u tara tmien sulari għoli, meta tara l-għoli totali li se jġib permess, tinduna li jidħlulek sa għaxar sulari għoli, kif ukoll żona kummerċjali. Jekk dan l-iżvilupp ikun approvat, l-istess, se jkun qed isir kontra l-Pjan Lokali tal-Bajja ta' Marsaxlokk, fejn huwa miktub iswed fuq l-abjad li din iż-żona fil-Qajjenza kienet maħsuba biex tkun żona ta' rikreazzjoni jew, li jekk ikun żvilupp f'forma ta' bini, dan ma jeċċedix it-tliet sulari.

Apparti minn hekk, waħda mill-kondizzjonijiet fil-Pjan Lokali kienet li ma jista' jiġi kkonsidrat l-ebda bini qabel ma jinstab spazju ta' madwar tmint itmien fejn jiġu maħżuna d-dgħajjes tas-sajjieda u dgħajjes oħrajn. Mela għalkemm fl-2006 kien diġà maħsub li din iż-żona tinbidel f'waħda għal skop rikreazzjonali, fl-2023 se tingħata biex jinbnew fuqha diversi torrijiet. Mela min-naħa għandna l-Prim Ministru u l-Ministru responsabbli mill-ambjent jgħidu li lesti jixtru art f'żona ta' żvilupp biex jaqilbuha għal spazju miftuħ, imbagħad għandna każ tipiku bħal dan li żona li hija tal-Gvern u li tista' faċilment tiġi żviluppata fi spazju miftuħ, spazju ta' rikreazzjoni, spiċċa se jagħtiha għall-bini!. Din hija sitwazzjoni fejn il-Gvern jurik id-debba u jqabbiżlek il-ħmara! Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Rebekah Borg.

**ONOR. REBEKAH BORG:** Sur President, illum qegħdin hawn biex nitkellmu fuq tema importanti għal kull pajjiż imma partikolarment għal Malta. Is-settur tal-ippjanar u l-kostruzzjoni huwa settur importanti minħabba d-daqs tal-pajjiż u l-ispazju li aħna ngħixu fih. Huwa

minħabba f'hekk li hawnhekk il-liġi, u aktar minn hekk, x'se tipproduċi l-liġi, trid tkun ippjanata b'reqqa u taħseb ukoll għall-futur. Dan is-suġġett huwa partikolarment għal qalbi għax naħdem fih kif ukoll niffoka fuqu mil-lat legali akkademiku. Għalhekk illum fil-ftit ħin li għandi nixtieq nitkellem mhux biss bħala politiku imma mill-esperjenza prattika li għandi kif ukoll purament mil-lat legali.

Kif jaf kulħadd, kull individwu u kull entità meta jkollhom bżonn permess għal xi forma ta' żvilupp iridu jmorru għand l-Awtorità tal-Ippjanar biex japplikaw għall-permess. Din hija xi ħaġa li jagħmilha kulħadd għalkemm, sfortunatament, ċerti dipartimenti tal-Gvern dan l-aħħar bdew jevitaw japplikaw għall-permessi billi jużaw l-iskuża ta' xogħlijiet ta' emerġenza, l-eċċezzjoni li hemm fil-liġi, li se nitkellem fuqha aktar tard. Il-problema meta tiġi biex tapplika għal permess hija jekk għandekx bżonn permess jew le. Fil-liġi hemm lakuni fid-definizzjoni ta' "żvilupp"; jekk għandekx żvilupp jew m'għandekx żvilupp u jekk għandekx bżonn permess jew le. U llum se nkun qed nitkellem ftit fuq dawn il-lakuni li hemm fil-liġi fid-definizzjoni ta' "żvilupp". Ovvjament irid ikollok intenzjoni tajba li tkun taf li m'għandekx bżonn permess jew li għandek bżonn permess.

Punt interessanti huwa li hawn Malta l-liġi tagħna stess tagħti l-faċilità li żviluppatur, xi ħadd li jkun qed jagħmel ċertu tip ta' żvilupp, jista' jmur għand il-Bord tal-Ippjanar tal-Awtorità tal-Ippjanar u jistaqsi jekk għandux bżonn permess. Din il-proċedura, safejn naf jien, sal-lum għadha mhijiex qed tiġi implimentata u għalhekk nappella biex din il-proċedura ta' jekk għandekx bżonn permess jew le tiġi użata ħalli ma jkunx hemm każijiet quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (EPRT), li jirriżultaw f'tilwim dwar jekk hemmx bżonn permess jew le.

Ħafna nies jgħiduli li din ħafna drabi tiġri meta jkunu jafu li jkollhom bżonn il-permess u ma japplikawx, imma hemm każijiet ġenwini fejn, pereżempju, ma jkollokx żvilupp kbir. Mhux qed ngħidu li kull żvilupp huwa li twaqqa' dar u tibni blokka appartamenti, imma jista' jkollok żvilupp, skont id-definizzjoni bħal, pereżempju, pitturi, dawk li ngħidulhom murals barra l-bini. Hemm numru ta' każijiet quddiem l-EPRT (Environment and Planning Review Tribunal) li f'xi każijiet qalu li hemm bżonn permess u f'każijiet oħrajn qalu li m'hemmx bżonn permess. Dan huwa wieħed mill-eżempji fejn il-liġi mhijiex ċara jekk għandekx bżonn permess. Il-murals huma żvilupp? Iva jew le?

Eżempju ieħor huwa dak ta' strutturi temporanji. Pereżempju, għal grada għandek bżonn permess tal-ippjanar? Hawnhekk tidħol is-sezzjoni ta' strutturi temporanji u, għal darb'oħra, il-liġi mhijiex ċara u quddiem l-EPRT kien hemm każijiet li qalu li għandek bżonn permess tal-ippjanar u każijiet oħrajn li le. Ħalli nagħti eżempju li forsi jiftakar kulħadd. Waqt il-COVID-19 kien hemm is-Salib tal-Mellieħa li dam f'postu aktar mis-soltu u ħarġu l-uffiċjali tal-infurzar jgħidu li għandek bżonn permess għal dan is-salib. Lil hinn mill-aspett reliġjuż, il-liġi tgħidlek li għandek bżonn permess?

Jien mhux se nidħol fil-kontroversja imma qed nistaqsi jekk id-definizzjoni fil-liġi hijiex ċara biżżejjed. Pereżempju, dan l-aħħar daħal l-Avviż Legali li jirregola l-caravans imma ma jsemmi assolutament xejn fuq il-permess tal-ippjanar. Dan isemmi permessi oħrajn, imma fuq permessi tal-ippjanar ma jsemmi xejn. Għalhekk għad hawn lakuna. Għal caravan għandek bżonn permess jew le? Biex inkun ċara, mhux qed ngħid li għandna bżonn permess jew le imma qed ngħid li l-liġi mhijiex ċara.

Eżempju ieħor interessanti huwa meta jiġu għar-reklamar. Id-definizzjoni ta' żvilupp dwar ir-reklamar hija ċara, għandek bżonn permess. Imma reklam ma jfissirx biss materjal promozzjonali imma jista' jkun statement ta' fatt, statement ta' protesta. Naraw ħafna minn dawn il-banners, pereżempju, barra l-Parlament, li jkunu statements ta' protesti. Hawnhekk għandek interplay bejn il-permess tal-iżvilupp u d-dritt fundamentali għall-espressjoni.

Fil-fehma tiegħi, f'dan il-każ, id-dritt fundamentali tal-espressjoni - u anke l-Qorti ġieli qalitha din – trumps over the need of a permit. Imma fil-liġi għandek bżonn dan il-permess? Jien naħseb li din għandha tiġi ċċarata bħalma hemm stipulat fil-liġi fl-Ingilterra, fejn id-definizzjoni ta' żvilupp hija miktuba ċara, iswed fuq l-abjad, li 'any form of advertisements', li jinkludu wkoll banners, għandhom jiġu kontrollati biss meta jkunu 'in the interest of amenity or public safety'. Ovvjament hemm il-'fundamental rights of freedom of expression', imma qiegħda aktar ċara anke fil-liġi tal-ippjanar.

Rigward l-art agrikola rrid ngħid li hawnhekk hawn kwestjoni oħra importanti li l-bdiewa qed jilmentaw fuqha. Qed naraw ħafna art agrikola li qed tinbiegħ bi prezz għoli għax qed tiġi reklamata bħala recreational land. Ovvjament jekk se tibni kamra għandek bżonn il-permess, u mhux se nidħol f'dik il-kwestjoni, imma bi żvilupp il-liġi tfisser ukoll 'a material change in use', jiġifieri l-użu tal-art agrikola se tinbidel. Jekk, pereżempju, ikun hemm picnics fuq din l-art u ma tintużax bħala art agrikola, hemmhekk għandek bżonn tapplika għall-permess? Nerġa' nirrepeti, għax ma rridx niġi interpretata ħażin, mhux qed ngħid li għandek bżonn permess jew m'għandekx bżonn permess għal dawn l-attivitajiet, imma l-liġi mhijiex ċara. Dan il-punt ġie diskuss diġà fil-qrati Ingliżi u ħarġu b'soluzzjoni u għalhekk billi l-liġi tagħna, bejn wieħed u ieħor, hija l-istess, forsi għandna nikkonsidraw dan l-aspett biex nirregolaw b'mod aktar ċar din il-kwestjoni li hemm fuq l-art agrikola.

Eżempju popolari li jħobb jintuża mid-dipartimenti tal-Gvern huwa li għandek eċċezzjoni għal meta trid tapplika għal permess. Din hija meta jkun hemm xogħlijiet għas-sigurtà tal-pubbliku. Entità tal-Gvern tista' ma tapplikax għall-permess, ma jitqiesx żvilupp f'dan il-każ. Hawnhekk ipprovajt ma nidħolx fil-politika partiġjana f'dan id-diskors għax ridt inżommu minn aspett legali u akkademiku, imma sfortunatament hawnhekk qed jiġu kkawżati ċerti problemi. Qed nindunaw b'ċerti xogħlijiet bħal, pereżempju, il-każ li l-kollega tiegħi l-Onor. Robert Cutajar tefa' quddiem l-Ombudsman fuq il-culverts f'Kemmuna, u l-Ombudsman stess qal li dawn it-tip ta' xogħlijiet m'għandhomx jitqiesu bħala xogħol ta' emerġenza u li din l-eċċezzjoni għal permess għandha tiġi użata b'mod inqas frekwenti u għandha tintuża biss għal eċċezzjonijiet aktar milli tkun ir-regola.

Sur President, xi ħaġa oħra li nixtieq insemmi llum hija l-politika dwar l-estetika. Meta titkellem fuq jekk għandekx bżonn permess jew le, il-pass li jmiss ikun li l-Bord tal-Ippjanar jiddeċiedi jekk għandekx bżonn permess jew le. Wieħed mill-binarji li jiddeċiedu fuqhom, apparti l-pjanijiet u l-policies, fost oħrajn, hija l-estetika. Sfortunatament nafu li din ma tantx hija prijorità. Ejjew ma nidħlux fil-legalitajiet tal-artikolu 72, għax kif inhu miktub hemm ħafna mistoqsijiet dwaru wkoll, imma l-estetika hija waħda mill-binarji li ssemmi meta l-Bord tal-Ippjanar jieħu inkonsiderazzjoni l-bżonn jew le għal permess.

Meta nitkellmu fuq l-estetika hija daqsxejn vaga. Fl-2014, il-Gvern Laburista semma li l-Bord dwar l-Estetika kien se jerġa' jiġi introdott, li huwa tajjeb, imma sfortunatament ma reġax ġie introdott. Fil-fatt minn mistoqsija parlamentari li għamilt sirt naf li m'hemmx Bord dwar l-Estetika. Fl-2021 il-Ministru ta' dak iż-żmien kien qalilna wkoll li se jkollna politika dwar l-estetika u li l-Awtorità tal-Ippjanar kienet se tniedi din il-politika dwar l-estetika, imma sfortunatament sal-lum, fl-2023, għad m'għandniex politika dwar l-estetika. U nafu kemm hija importanti l-estetika ta' madwarna.

Sur President, dan huwa settur importanti, bħalma huwa kull settur, imma dan huwa importanti b'mod partikolari, għax l-ispazju huwa limitat. Ejjew immorru lil hinn mill-partiġjaniżmu u nagħmlu ħilitna kollha biex insalvaw lil dan il-pajjiż meraviljuż tagħna, għall-inqas għal uliedna. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA (Membru maħtur biex jippresiedi skont Mozzjoni 174):** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. David Agius.

**ONOR. DAVID AGIUS:** Sur President, qabelxejn nirringrazzja lill-Onor. Stanley Zammit, lill-Onor. Ryan Callus, lill-Onor. Toni Bezzina u lill-Onor. Rebekah Borg għad-diskorsi tagħhom li ffokaw fuq diversi setturi ta' dan il-Ministeru. Jien se niffoka aktar fuq entità partikolari li għandu dan il-Ministru, jiġifieri l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni. M'hemmx dubju li għal dawn l-aħħar għaxar snin is-settur tal-bini u l-kostruzzjoni kompla jikber. Hemm min jgħid li kompla jikber anke bla rażan, u din l-espansjoni ġabet magħha sfidi serji fl-ibliet u l-irħula Maltin, b'riżultat li għal bosta xhur, jekk mhux snin, familji sħaħ kellhom iġarrbu fis-skiet inkonvenjenzi, inkwiet u tbatijiet.

Fid-diskors tiegħi se ngħid mill-ewwel li hemm bennejja u kuntratturi bil-għaqal, tajbin u kapaċi, imma hemm oħrajn li mhumiex. Dan il-Gvern minflok ra kif jagħmel biex jikkontrolla u jirregola s-settur li dejjem qed jikber, illaxka, u jien ngħid li kważi llaxka kompletament, u kkontribwixxa bil-kbir sabiex tinħoloq klima fost uħud ta' min hu l-aqwa jħawwel. Dan huwa

Gvern li ta lok għar-regħba u t-tkattir ta' standards baxxi f'dan is-settur a skapitu ta' ħajjiet li ntilfu intortament, fosthom il-ħajjiet ta' Miriam Pace u taż-żagħżugħ Jean Paul Sofia. Għal darb'oħra minn hawnhekk insellmu l-memorja tagħhom u nsellmu lill-familji tagħhom.

Fil-każ ta' Jean Paul Sofia f'dan il-Parlament stajna nsegwu kif aġixxa l-Gvern. Nifhem kif il-grupp parlamentari tal-Gvern forsi ġie manipulat minn klikka biex jivvota kontra li ssir inkjesta pubblika, klikka li ħadmet qatigħ biex kollox jibqa' mistur u tara li d-dnubiet ta' dan il-Gvern jindifnu flimkien mal-għeżież Miriam Pace u Jean Paul Sofia. Però kien hemm wieħed minn fost in-naħa tal-Gvern li uffiċjalment u pubblikament qal li żbalja meta ġie f'dan il-Parlament u vvota kontra li ssir l-inkjesta pubblika. Wieħed kellu l-kuraġġ iqum bilwieqfa u jgħid li żbalja! Il-kumplament x'jgħidu? Għaliex ivvotaw hekk? Għaliex ftit ħin wara li vvotaw kontra li ssir inkjesta pubblika dawru d-deċiżjoni u l-Gvern qal li se jagħmel inkjesta pubblika?

L-inkjesta pubblika saret u l-aktar ħaġa konsistenti li ħarġet minn din l-inkjesta pubblika wara xhieda li ngħatat minn diversi esperti u professjonisti kienet li dan huwa settur mitluq għal riħu, dominat minn cowboys - mhux kulħadd, imma hemm min hu cowboy - u li saħansitra dan il-Gvern naqas milli jirregolah meta kellu l-għodda biex jagħmel dan. Sirna nafu wkoll li proprju l-Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi warrab opportunità tad-deheb wara li ma weriex fiduċja fix-xogħol tajjeb ħafna li sar minn tim ta' professjonisti taħt il-Ministri preċedenti fil-leġiżlatura li għaddiet u skarta l-opportunità li jibda jintroduċi l-kodiċi tal-bini.

Min jaf għalfejn għamel hekk?! Ħareġ ukoll bl-aktar mod konsistenti li għandna bosta awtoritajiet fiċ-ċirkolazzjoni u li donnu ħadd minn dawn l-awtoritajiet ma kellu r-responsabbiltà li jissorvelja l-bini tal-fabbrika f'Kordin, li nafu kif ikkollassat fi ftit sekondi u ħasdet il-ħajja ta' żagħżugħ Malti u ndarbu serjament ħaddiema barranin oħrajn li kienu fuq dak il-post tax-xogħol.

Allura x'inhu r-rwol tal-Awtorità dwar il-Bini u l-Kostruzzjoni jekk mhux dak li tħares is-siti ta' kostruzzjoni kollha mingħajr distinzjoni? Hekk qal ukoll wieħed mill-professjonisti waqt ix-xhieda tiegħu fl-inkjesta pubblika, li dan kien il-ħsieb u l-iskop li jkollok l-Awtorità li tħares il-bini u l-kostruzzjoni f'pajjiżna. Dan ix-xhud qal ukoll li l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni m'għandhiex skop jekk il-pajjiż ma jkollux kodiċi tal-bini xi jsegwi u li din tkun qiegħda hemm għalxejn. U hekk ħareġ minn din l-inkjesta; li l-Awtorità li suppost tħares il-bini u l-kostruzzjoni f'pajjiżna, jiġifieri l-BCA, ħaslet idejha dwar fatalità li seħħet meta kkollassa bini fi ftit sekondi. Il-Kap Eżekuttiv tal-BCA dlonk saħaq li l-monitoraġġ ta' dan is-sit traġiku ma kienx kompitu ta' din l- Awtorità, iżda jibqa' l-fatt li ħadd ma jaf ta' min kien dan il-kompitu jekk mhux ta' din l-Awtorità, li isimha jixhed dak li hi; responsabbli mill-bini u l-kostruzzjoni!

Fl-inkjesta pubblika, professjonist saħansitra xehed li l-Kap Eżekuttiv attwali tgħidx kemm kien jeħodha bi kbira meta titressaq quddiemu xi forma ta' regolamentazzjoni u kien jisħaq biex ma jivvintawx għax il-kuntratturi għandhom biżżejjed fuq il-platt! Sitwazzjoni li ma titwemminx! Fejn hi l-protezzjoni tal-ħaddiem? Dan hu l-Partit Laburista li suppost huwa l-partit tal-ħaddiema? Spiċċaw milli jkunu l-partit tal-ħaddiema!

Jien konvint li l-Ministru jaf li għandu min qed jabbuża mill-fondi pubbliċi fl-Awtorità, bil-kompliċità ta' min qiegħed fit-tmexxija tal-BCA. Jaf tajjeb ukoll li għandu min qiegħed fit-tmun ta' din l-Awtorità, li l-ewwel kien jieħu direct orders mill-Kap Eżekuttiv ta' qabel, imbagħad ġie impjegat full-time minn sejħa pubblika imma minn Jobsplus. Fl-aħħar ġurnata tax-xogħol tal-istess Kap Eżekuttiv ta' qabel dan ingħata żieda ta' €10,000 fid-dħul tiegħu biex minn €80,000 jibda jdaħħal €90,000. Inkredibbli! Ma jinteressanix min hi l-persuna imma jinteressani l-konċett. Hekk sew? Dik hija ġustizzja?

Nerġa' ngħid, mhux il-persuna imma l-ħsieb u kif isiru l-affarijiet. Il-Ministru jaf tajjeb li din iż-żieda mhijiex ġustifikata u m'hemmx approvazzjoni la tal-Bord tal-istess BCA, la tas-Segretarju Permanenti u lanqas tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Hekk hi Malta ġusta? Għaliex il-Ministru ma jweġibx kif għandu jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari li qed nagħmel? X'se jagħmel dwar dan il-każ? Se tinfetaħ investigazzjoni? Lil min qed jipproteġi? Jekk mhux se jagħmel investigazzjoni hu, se jkun hemm awtoritajiet oħrajn li se jieħdu l-passi - u

jien ngħid, qed jieħdu l-passi - biex jaraw x'ġara u jinvestigaw x'qed jiġri fil-BCA.

X'se jagħmel il-Gvern u l-Ministru dwar abbuż ieħor fejn żewġ ħaddiema ġew preferuti minn ħafna oħrajn minn wara l-kwinti biex jibdew jieħdu allowance vvintat minn uffiċjal għoli fi ħdan l-Awtorità? Dwar id-direct orders fil-BCA x'qed jiġri? Għaliex il-Ministru għadu ma weġibx mistoqsija parlamentari waħda wara l-oħra li għamiltlu f'dan il-Parlament dwar direct orders? Mela għandna x'naħbu? Hemm bżonn li l-affarijiet isiru sew f'din l-Awtorità. We will be watching you! I will be watching you, għax dawk mhumiex fluskom imma huma flus il-poplu Malti u Għawdxi. Dawk huma flus it-tbatija tal-ħaddiem Malti. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Grazzi. Skada l-ħin disponibbli għan-naħa tal-Oppożizzjoni. Il-ħin kollu li fadal huwa għan-naħa tal-Gvern. L-Onor. Edward Zammit Lewis.

**ONOR. EDWARD ZAMMIT LEWIS:** Sur President, is-settur tal-kostruzzjoni huwa settur importanti ħafna. Nirringrazzja lill-kelliema tal-Oppożizzjoni, imma se nipprova nidħol fis-settur għax ħlief dwar investigazzjonijiet ma nisimgħux, qisu xi film ta' Scotland Yard jew ta' Sherlock Holmes! Irridu nagħtu importanza lil dan is-settur, għax dejjem niġu hawn u ħlief dwar investigazzjonijiet ma nisimgħux. U n-nies, elezzjoni wara oħra, dejjem qalu li jridu jaraw is-settur tal-kostruzzjoni jimxi 'l quddiem, settur li jkun regolat b'serjetà, fejn ikun hemm entitajiet li jikkordinaw u jirregolaw is-settur.

Dan huwa settur li jrid jibqa' jikber għax f'pajjiżna minn dan is-settur jiekol kulħadd. U nemmen li mhux il-kelliema kollha tal-Oppożizzjoni imma ħafna minnhom jaqgħu fin-nassa li jaħsbu li se jiskorjaw xi goal politiku billi jiġu hawn u joqogħdu jgħidu li kollox sar ħażin, li kollox qed isir ħażin, qishom dawn l-entitajiet bdew fl-2013 u n-nuqqas ta' kordinazzjoni bdiet fl-2013. Dan mhu veru xejn, għax jekk tara l-iżvilupp storiku ssib li kellna boom ekonomiku anke fis-snin sittin, kompla fis-snin tmenin, fejn kien hemm proġett importanti mill-Gvern Laburista ta' dak iż-żmien biex jibqa' jinċentiva li l-Malti jkollu daru, u reġa' kellna boom ekonomiku mill-2013 'l hawn. U aħna kburin li kien hawn boom ekonomiku għax dak ifisser li kien hemm il-flus fil-bwiet tan-nies. Naħseb li r-riżultati elettorali juru l-appoġġ għal din il-politika. Però hemm bżonn regolamentazzjoni.

L-imwiet li semmew il-kollegi qatt mhuma ġustifikati. Huwa importanti li kemm jista' jkun dawn jiġu evitati u din ma naħsibx li qed tgħidha biss l-Oppożizzjoni imma naħseb li qed jgħidha l-Gvern ukoll. Issemmiet inkjesta pubblika. Ili ftit fil-politika, m'iniex mill-iżgħar hawnhekk, imma qatt ma rajt inkjesti pubbliċi u ma naħsibx li fiż-żmien qabel l-2013, fi kwart ta' seklu ta' Gvern Nazzjonalista, ma kienx hemm nuqqas ta' kordinament u ma kienx hemm direct orders. Niftakar, pereżempju, kapijiet eżekuttivi ta' entitajiet li jidħlu għal tenders tal-istess awtorità. Jien kont bdejt fil-politika u kont ngħid li din hija xi ħaġa tal-fantaxjenza. Kienu jiġru, ma kinux tajbin dak iż-żmien u mhumiex tajbin illum, imma jekk ma nitfgħux l-affarijiet f'kontest ma naħsibx li nkunu qed nagħmlu ġieħ lin-nies.

Issa se nidħol fi-qasam tal-ippjanar, Sur President. M'hemmx dubju li fl-ippjanar kellna sfidi kbar. Sibt mistoqsija parlamentari li saret fl-aħħar leġiżlatura li tagħti idea tajba ta' kemm kien hemm approvazzjonijiet. Fl-2008 kien hemm 4,700 approvazzjoni u fl-2022 kien hemm 6,150 approvazzjoni mill-Awtorità tal-Ippjanar. Huwa ħażin? Huwa tajjeb? Hawn min jgħid li huwa ħażin. Le, mhuwiex ħażin għax hemm aktar żvilupp, hemm aktar attività ekonomika. Imma l-attività ekonomika trid tirregolaha biex ikun hawn rispett lejn kulħadd. Imma ma jfissirx li għax kellna dan il-boom, huwa ħażin. Huwa tajjeb għax, nerġa' ngħid, minn dan is-settur jiekol kulħadd. Dawn in-numri juru kemm mexxejna dan is-settur 'il quddiem.

Hawnhekk irrid nirringrazzja lill-Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi li għaddieli din id-discussion paper biex naraha minn ottika legali. Din semmietha wkoll l-abbli Onor. Rebekah Borg, li daħlet fid-dettall tekniku ta' kif jistgħu jiġu emendati ċerti liġijiet biex jirrispekkjaw il-ħteġijiet tal-lum. Nirringrazzjaha tal-proposti li għamlet. Qrajt din id-discussion paper u rajt kemm hija tajba, fosthom proposta, pereżempju – u din semmieha l-Prim Ministru f'attività l-Ħadd – li l-preżunzjoni għandha tkun li tissospendi l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni anke meta jkun hemm appell quddiem l-EPRT jew appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), jiġifieri b'imħallef wieħed.

Pereżempju, ma smajt lil ħadd jgħid kemm jaħdem tajjeb l-EPRT. Illum jien għandi l-privileġġ li naħdem quddiemu, huwa bord effiċjentissimu li qed jaħdem b'mod virtwali. Irrid ngħid li għalija hija esperjenza għax jien imdorri mmur il-Qorti u nitkellem quddiem in-nies u man-nies, però l-effiċjenza li qed jimxi biha hija xi ħaġa pożittiva fl-istrutturi. Hija perfetta? Qed isemmu l-BCA. Il-BRO kien perfett taħt Gvern Nazzjonalista?! Bir-rispett kollu, kien uffiċċju li tant ma kienx perfett li lanqas ħadd ma kien jaf bih, kelli niċċekkja li kien hemm il-BRO qabel l-2013.

Sur President, se ngħid x'qed jagħmel il-Gvern. Jekk wieħed jara l-Estimi jsib li minn €5 miljuni s-sena l-oħra li, nerġa'ngħid, kien diġà ammont iktar b'saħħtu mis-sena ta' qabel, il-baġit żdied b'€1.3 miljun. Jiġifieri l-baġit tal-BCA issa huwa ta' €6.3 miljuni. Dik ħadd ma jgħidha, li żdied il-baġit? (Interruzzjonijiet) Għedtha? Skużani, naħseb kont moħħni fl-investigazzjonijiet tal-Onor. Agius! (Interruzzjonijiet) Onor. David Agius mhux Sherlock Holmes! Issa jien nistenna li b'dawn is-€6.3 miljun nara aktar infurzar. Dik naqbel, li jkun hemm iktar infurzar, li n-nies li jagħmlu l-infurzar ikunu aktar tas-sengħa. Dawk huma affarijiet li huma importanti u m'għandix dubju li l-Ministru huwa ffokat fuqhom u se jaħdem biex ikun hemm infurzar aħjar.

Iva, hemm bżonn infurzar, però rridu ngħidu li dan il-Baġit sar fi sfond ta' pressjoni kbira, fosthom minħabba l-gwerra fl-Ewropa, gwerra fil-Lvant Nofsani, l-affarijiet għolew minn barra, l-inflazzjoni u l-għoli tal-ħajja, li hija pressjoni kbira. U l-Baġit, il-pjan finanzjarju kellu jwieżen l-aktar ta' taħt, u għalhekk ngħid li kien baġit soċjalista għax għenna lil ta' taħt nett, dawk bi dħul baxx. B'din il-pressjoni kollha xorta l-baġit tal-BCA żdied minn €5 miljuni għal €6.3 miljuni. Din hija xi ħaġa tajba, il-BCA se jimxi 'l quddiem, u b'din l-inizjattiva l-Gvern qed juri li qed jagħtih importanza.

Dwar l-imwiet u jekk xtaqniex nevitawhom, mhux ovvja li xtaqna nevitaw l-imwiet! Hemm inkjesta pubblika u hemm nies imressqin il-Qorti. Mhux sew li niġu ngħidu li l-proċessi mhux qed jaħdmu. Hemm nies imressqin il-Qorti. Issa jekk iridu li l-Qorti mmur jien jew jiġi xi wieħed minnhom, xi professur tan-naħa tagħhom u jiddeċiedu huma min imur il-Qorti, min jeħel u min ma jeħilx, nagħmlu hekk, imma ma naħsibx li dik hija s-saltna tad-dritt. Naħseb li dik hija d-dritt li ssaltan u mhijiex is-sistema li nemmnu fiha aħna, u għalhekk mhux se nagħmluha.

Issa se nitkellem fuq xi ħaġa oħra importanti, l-awtoregolarizzazzjoni tal-periti. Dan l-aħħar rajt li internament il-periti għandhom strutturi li qed jaħdmu għax rajt li ħadu azzjoni fuq ċerti affarijiet. U nħeġġiġhom li jkun hemm aktar awtoregolarizzazzjoni. L-infurzar ma jfissirx li tibgħat lin-nies tal-BCA u noqogħdu qisna kif kienu l-SS jew il-Gestapo! Għandu jkollok ċerta responsabbiltà tan-nies li qed jaħdmu fuq il-lant, tan-nies li għandhom responsabbiltà professjonali. Nemmen li f'dan is-settur irridu nimxu lejn bidla fil-mentalità u rrid ngħid li fih qed nara avvanzi pożittivi.

Fit-12 ta' Ottubru kelli l-okkażjoni li ġejt mistieden mill-Prim Ministru biex immur miegħu laqgħa tal-Assoċjazzjoni Maltija għall-Iżvilupp (MDA) u nista' ngħid li n-nies li tkellmu kienu nies responsabbli f'dak li qalu, anke mill-aspett tal-iżviluppaturi. Naqbel li hemm bżonn ta' liġijiet, ta' strutturi, ta' allokazzjonijiet, però hemm ċerta dixxiplina li qed tiġi mill-awtorelorarizzazzjoni. U l-awtoregolarizzazzjoni f'soċjetà ċivili u f'soċjetà li tiffunzjona hija għodda importanti ħafna. In-nies li se jiżviluppaw rajthom jitkellmu b'responsabbiltà. Jien nemmen li dak huwa pass 'il quddiem. Ħadt pjaċir dakinhar u aċċennajtha anke lill-Prim Ministru, li fuq dak li qed jiġri, ġustament - mhux l-investigazzjonijiet - in-nies tressqu l-Qorti u għaddejjin il-proċessi. Dak inħalluh għall-Qorti. Aħna hawnhekk mhux il-Qorti. Aħna nagħmlu l-policies u r-regolamenti biex intejbu l-ħajjiet tal-Maltin u l-Għawdxin, mhux biex nagħmlu l-investigazzjonijiet. Però, iva, hemm bżonn aktar responsabbiltà u dak huwa pass importanti 'l quddiem li anke l-iżviluppaturi jappoġġjaw.

Sur President, kelli wkoll laqgħa mal-Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi u hawnhekk irrid nirringrazzja lilu, lis-Segretarju Permanenti, lill-istaff u lin-nies li qegħdin hawnhekk, li għandhom funzjonijiet differenti fil-Ministeru. Nirringrazzjahom tax-xogħol tagħhom. Pereżempju, kellna stakeholder meeting fuq real estate, fuq aktar regolamentazzjoni għas-sensara, min hu s-sensar u dwar il-liċenzjar tas-sensara. U tara n-nies, anke s-sensara, li huma aktar responsabbli, iridu jinvestu, iridu aktar regolamentazzjoni u jridu s-serjetà. Dik hija bidla fil-mentalità li nemmen li għandha tkun lil hinn mill-politika ta' bejnietna. Qegħdin hawn u xi ftit

battibekki jkun hemm, u jekk ma nagħmlux hekk niddejqu wkoll! Dik nifhimha, imma rajt ċertu avvanz u rajt ċerti nies li jridu awtoregolarizzjoni u qed jilqgħuha.

Jien nemmen li dik hija l-bidla fil-mentalità li bħala pajjiż irridu nagħmlu. Inħoss li l-Ministru qed jaħdem b'serjetà anke fuq din tas-senserija; pereżempju, l-aspett fiskali, li kulħadd jiddikjara l-introjtu tiegħu u l-kummissjoni li jagħmel. Dak huwa introjtu tal-Gvern li mbagħad jużah għal skopijiet importanti biex ngħinu, biex insaħħu x-xibka soċjali, biex noħolqu level playing field għal kulħadd, fejn kulħadd jista' jidħol fis-suq bl-istess kapaċità u bl-istess opportunità. Dawn huma fatturi li bihom irridu nimxu 'l quddiem fuqhom.

Sur President, ili madwar sentejn insemmi r-reklamazzjoni tal-art. Fil-fatt rajt avvanz u tkellimt ukoll meta kelli l-portafoll tat-trasport. Naf li ġew identifikati żewġ siti għal dan il-għan. Jien informat li kien hemm rapport erudit u dettaljat tal-ERA f'dan ir-rigward għax ma tistax taqbad tqum filgħodu u tgħid li se tagħmel reklamazzjoni tal-art hawn jew hemm. Irrid nara reklamazzjoni ta' art li permezz tagħha jkun hemm spazji ħodor miftuħa ta' veru fejn in-nies ikunu jistgħu jmorru u proġetti ta' enerġija rinnovabbli b'investiment mill-privat ukoll. Għax issa qisu sirna naħsbu li jekk ikun hemm investiment mill-privat tkun qed issir xi ħaġa ħażina! Dawn l-affarijiet iżommu l-ekonomija għaddejja. Nemmen li r-reklamazzjoni ta' art, dejjem b'rispett lejn is-sostenibbiltà u l-ambjent, hija l-iżvog li tista' tieħu l-ekonomija tagħna fis-snin li ġejjin. U nirringrazzja lill-Prim Ministru u lill-Ministri responsabbli li ntebħu li din hija t-triq 'il quddiem.

Dwar l-ippjanar, pereżempju, ħadd ma semma l-inċentiv fiskali taż-żoni urbani ta' konservazzjoni. Dan huwa inċentiv importanti ħafna u effikaċi, u diġà bdejt nara ċerti sidien ta' proprjetajiet li qed jagħmlu aktar qalb, fosthom dawk li għandhom proprjetà antika, li hu aktar diffiċli biex iżżommha u biex tirrestawraha. Dan apparti l-iskema tal-first-time buyers, li kienet tajba u l-Gvern baqa' jsostniha.

Sur President, l-OHSA qed tagħmel ħafna xogħol importanti. Meta tara l-Estimi ssib li l-allokazzjoni kkwadruplikat, jiġifieri minn €0.5 miljun telgħet għal €2 miljun. Nirringrazzja lill-ħaddiema kollha. Hemm ħaddiema professjonali, li nafhom personalment, imma hemm il-ħtieġa li nsaħħu aktar din l-Awtorità. Se nagħlaq billi ngħid li 'Malta Ġusta' hija Malta ta' żvilupp aktar sostenibbli, 'Malta Ġusta' hija waħda li tiddefendi s-sigurtà tal-ħaddiema, 'Malta Ġusta' hija Malta aktar sabiħa. Nirringrazzjak.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Ray Abela.

**ONOR. RAY ABELA:** Sur President, nibda billi nsellem lill-Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi u lill-uffiċjali kollha li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu. Illejla qegħdin niddiskutu l-estimi tal-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar. Kif għamilt f'diskorsi fuq dekasteri oħrajn, se niffoka fuq kif nistgħu nsaħħu l-ħiliet, nipprovdu aktar taħriġ u informazzjoni imma fl-istess ħin nagħfsu sabiex min jaħdem fis-settur ikun koerenti mar-riskji kif ukoll mas-saħħa u s-sigurtà tiegħu, ta' sħabu kif ukoll ta' terzi.

Bħala Gvern għamilna l-ewwel pass din is-sena sabiex introduċejna l-liċenzja tal-kuntratturi għal dawk li jaħdmu fil-bini, skavar u twaqqigħ fl-industrija. Konna ilna snin twal nistennew din ir-riforma u issa li tlaqna rridu nkomplu naħdmu u nsostnu aktar ideat sabiex inkomplu niżviluppaw aktar regoli f'dan is-settur. Kulħadd jaqbel li f'dan is-settur jeħtieġ li jkollna aktar regoli ħalli nippromwovu aktar kwalità u aktar serjetà.

Kif semmejt, il-liċenzjar kien ikopri tliet kategoriji fl-industrija. Applikaw għal-liċenzja 3,800 kuntrattur li kienu jkopru 1,233 għat-twaqqigħ, 806 għall-iskavar u 1,754 għal-liċenzji tal-bini. Dan juri l-importanza ta' dan is-settur, li kulma jmur aktar qed jikber, kemm fuq livell ekonomiku kif ukoll jiggarantixxi xogħol għal ħafna ħaddiema f'pajjiżna. Il-liċenzja hija fid-direzzjoni t-tajba imma rridu nkomplu niżviluppaw din il-liċenzja f'aktar kategoriji fis-settur, imma pass pass. Ma jfissirx li oqsma oħra li qegħdin fl-Istandards Nazzjonali tax-Xogħol m'għandhomx ikunu inklużi wkoll f'dan il-qafas li jirregola u li se jkun qed jirregola l-ħaddiema u lil min iħaddem f'din l-industrija tal-kostruzzjoni f'pajjiżna. Huwa proprju għaliex dan is-settur qed jikber u li fih iħaddem aktar minn 20,000 ħaddiem li issa verament hemm il-ħtieġa li nagħmlu evalwazzjoni tal-ħaddiema, tal-kwalifiki u tal-esperjenza tagħhom kif ukoll il-livelli tal-kapaċitajiet tagħhom fuq kull tip ta' xogħol li huma jaħdmu fih.

Kif ħabbarna tliet xogħlijiet li se jkunu regolati bil-liċenzja, hekk irridu nagħmlu pass pass fil-futur b'xogħlijiet oħrajn li huma wkoll importanti f'din l-industrija, u li huma parti mil-lista ta' standards nazzjonali tax-xogħol min-naħa tal-Awtorità ta' Malta tal-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (MFHEA) bħal, pereżempju, il-concreter, il-bricklayer, l-iscaffolder, il-crane operator u diversi xogħlijiet li qegħdin fuq din il-lista li l-MFHEA kienet ippubblikat fl-2021. Dawn l-istandards wieħed jista' jsibhom faċilment fuq is-sit elettroniku tal-MFHEA u nista' anke nippreżenta kopja tagħhom fuq il-Mejda tal-Kamra.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

**ONOR. RAY ABELA:** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> MQF Levels fl-industrija tal-building and construction kif maħruġa mill-Awtorità ta' Malta għall-Edukazzjoni Avvanzata u Għolja (MFHEA).

Irridu nimxu biex ikollna qafas li jirregola l-ħiliet kollha f'din l-industrija. Mhux hekk biss imma jrid ikollna l-livelli tal-kapaċità u responsabbiltà f'kull ħila li għandna. Dak li rrid infisser huwa li jekk għandek ħaddiem li jaħdem bħala supervisor jew foreman fil-bini, dan irid ikollu livell ta' kwalifika aktar għolja minn dak li jaħdem direttament f'dak il-mestier, u l-istess jekk jaħdmu numru ta' assistenti fl-istess kumpanija. Fil-fatt, it-talba fil-liċenzja li qegħdin naħdmu fuqha hija ta' MQF level 4. Dan huwa l-punt tat-tluq u, ovvjament, aktar ma mmorru 'l quddiem, wieħed jista' jintroduċi level 2 u level 3 għall-ħaddiema u l-assistenti ħaddiema li jaħdmu fil-mestier.

Hawnhekk l-MFHEA identifikat ukoll il-livell ta' kwalifika għal kull ħila. Pereżempju, operaturi, supervisors, foremen jaqgħu taħt level 4, ħaddiem li jaħdem f'xi ħila partikolari jaqa' taħt level 3 u hemm assistenti li jaqgħu f'level 2. Dan ifisser li għal kull xogħol l-MFHEA identifikat li jrid ikun hemm dawn il-livelli ta' kompetenzi differenti fl-industrija. Il-mistoqsija hija kif se naslu biex kull ħaddiem fl-industrija jkun jista' jġib dawn iċ-ċertifikati. Se jkun hemm taħriġ fl-oqsma kollha? Kif jiġri għal-liċenzja tal-bennejja, dan it-taħriġ isir mill-Jobsplus u wara l-liċenzja toħroġ mill-BCA.

Dan ifisser li kull ħaddiem fl-industrija se jkollu jieħu t-taħriġ sabiex ikun jista' jakkwista l-liċenzja? X'inhu l-mudell li wieħed jista' jaħdem fuqu u li nistgħu naddottaw? L-MFHEA qed tippromwovi l-proċess li ħafna drabi fl-edukazzjoni nirreferu għalih bħala r-Recognition for Prior Learning (RPL). Il-proċess li ġie addottat mill-MFHEA huwa l-Validation of Non-Formal and Informal Learning (VNFIL), li huwa proċess li qed jiġi addottat f'diversi setturi fl-ekonomija u anke f'pajjiżi differenti. Dan huwa proċess li jidentifika, jivvaluta u jiċċertifika formalment l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi li l-individwi żviluppaw tul ħajjithom permezz ta' parteċipazzjoni f'tagħlim mhux formali u informali skont ix-xogħol li jkunu għamlu.

Hawnhekk irridu nidentifikaw il-kriterji ta' snin ta' esperjenza mitluba sabiex wieħed jaddotta l-VNFIL (Validation of Non-Formal and Informal Learning) bħala l-proċess taċ-ċertifikazzjoni. F'ħafna sitwazzjonijiet, jekk il-ħaddiem ikollu evidenza fil-job history li ħadem aktar minn tliet snin fil-mestier, allura jikkwalifika għall-mekkaniżmu tal-VNFIL, li jwassal biex jinħareġ ċertifikat mill-MFHEA li jikkwalifika lill-ħaddiem bħala kompetenti, ibbażat fuq l-esperjenza u l-kapaċità li jkun verament wera waqt l-assessjar fil-proċess ta' dan il-VNFIL. Iċ-ċertifikat joħroġ skont il-livell li l-ħaddiem ikun qed japplika u jpoġġi għalih. Hawn huwa l-każ fejn jekk qegħdin nassessjaw operaturi, jiġifieri level 4, il-perjodu ta' esperjenza jrid ikun aktar minn dak ta' ħaddiem li jeħteġ ċertifikat fuq level 2 jew 3.

Dan huwa mod prattiku ta' kif niċċertifikaw il-ħaddiema f'dan is-settur, fejn iċ-ċertifikazzjoni tkun ibbażata fuq l-esperjenza ta' dawn il-ħaddiema. Però x'jiġri fil-każ ta' ħaddiema li m'għandhomx biżżejjed esperjenza jew ħaddiema barranin li ġew Malta bil-prospett li jaħdmu fl-industrija? Ħaddiema li m'għandhomx biżżejjed esperjenza u li ma jikkwalifikawx għall-VNFIL iridu jattendu għall-kors li jwassalhom għal ċertifikat. Hawnhekk jidħlu l-Jobsplus u l-MCAST, li huma istituti li joffru korsijiet fuq medda ta' ġimgħat, li jinkludi l-aspett prattiku, teoretiku u dak tas-saħħa u s-sigurtà. Fil-każ ta' ħaddiema barranin, il-mekkaniżmu għandu jkun billi l-ħaddiem jipprovdi ċertifikat ta' kompetenza li għamel

f'pajjiżu, li mbagħad jiġi evalwat mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) sabiex jiġi rikonoxxut f'pajjiżna.

Hawnhekk qegħdin nitkellmu fuq il-ħiliet individwali u speċifiċi f'kull qasam, li jridu jkunu komplementati ma' suġġett tant importanti fl-industrija, li huwa dak tas-saħħa u sigurtà. Is-saħħa u s-sigurtà trid tkun parti integrali f'kull tip ta' taħriġ jew f'kull proċess ta' VNFIL sabiex kull ħaddiem juri kompetenza speċifika fil-mestier li qed jaħdem fih. Dan ifisser li, pereżempju, min se jersaq għall-iskavar mhux biss irid ikollu kompetenza ġenerali fuq is-saħħa u s-sigurtà, imma jrid ikollu wkoll kompetenza aktar speċifika fl-operat tal-makkinarju u r-riskju li tali makkinarju jista' joffri. B'hekk inkunu qegħdin nippjanaw dawn il-kompetenzi paripassu mal-ħiliet individwali. Wara kollox dak huwa li verament għandna bżonn fl-industrija.

Ġaladarba kont qed nitkellem fuq is-saħħa u s-sigurtà, irrid ngħid li huwa importanti li l-kors dwar is-saħħa u s-sigurtà m'għandux ikun kors ta' level 1 u m'għandux ikun kors li jkopri f'daqqa l-għanijiet kollha f'dan il-qasam. It-tagħlim fuq is-saħħa u s-sigurtà għandu jkun skont il-mestier li wieħed ikun qed jaħdem fih. Hawnhekk nisħaq ukoll fuq l-importanza li t-taħriġ ikun kontinwu u jkun hemm termini sabiex il-liċenzja tiġi mġedda. Nemmen li dan it-taħriġ m'għandux ikun biss għall-ħaddiema iżda naraha wkoll importanti li min iħaddem in-nies f'din l-industrija jattendi għal dan it-taħriġ dwar l-importanza tas-saħħa u s-sigurtà u suġġetti oħrajn bżonjużi fl-operat tan-negozju. Naħseb li rridu ninkoraġġixxu l-kuntratturi u anke l-iżviluppaturi jimxu f'din id-direzzjoni.

Sur President, qabel ma nagħlaq dan id-diskors ma nistax ma nsemmix il-bżonn ta' taħriġ u informazzjoni li twassal għal aktar sostenibbiltà f'din l-industrija, il-kostruzzjoni ambjentali, aktar użu ta' materjal riċiklat, responsabbiltà fl-immaniġġjar tal-iskart, effiċjenza fl-użu tal-enerġija u kontroll tal-ħsejjes u l-konservazzjoni tal-ilma. Nirringrazzjak.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Katya De Giovanni.

**ONOR. KATYA DE GIOVANNI:** Sur President, jiena psikologa u allura forsi wieħed jistaqsi għaliex għandi interess proprju f'dan is-settur. Ovvjament għandi interess uman u ta' rwol ieħor importantissimu u ta' sfida kbira li għandi, li hu dak ta' omm. Iżda bħala psikologa ta' spiss inkun involuta fl-assessjar ta' kif jaħsbuha n-nies fuq il-lant tax-xogħol fejn tidħol is-saħħa u s-sigurtà. Il-psikologu flimkien ma' professjonisti oħrajn għandu rwol importanti ħafna; dak li jgħin sabiex il-ħaddiema u min ikun qiegħed jagħti x-xogħol jaħdmu sabiex jassiguraw li kull miżura possibbli tkun qed tittieħed ħalli nipprevjenu kull forma ta' inċident.

Id-diskors tiegħi tal-lum jorbot ma' dan kollu għaliex stakeholder ieħor importanti f'dan ir-rigward huwa l-Gvern, u aktar minn hekk, il-Parlament, li jrid jgħaddi liġijiet u jipproponi emendi għal-liġijiet eżistenti sabiex dejjem nindukraw il-ħajja u nagħmlu dak kollu possibbli sabiex nissalvagwardaw ħajjitna u anke ħajjet ħaddieħor. Ma nistax ma nsemmix ir-riforma li qed issir fir-rigward tal-liċenzjar, li fil-fatt diġà aċċennaw għaliha l-kollegi tiegħi. Din hija riforma li riedet kuraġġ u hija riforma li semgħet il-karba tan-nies. L-elettorat li jagħtina l-vot qed jurina biċ-ċar li jrid serħan il-moħħ, u proprju għalhekk illum se nitkellem fuq kif għandna nħarsu lejn riforma bħal din mil-lat psikoloġiku, għax huwa importanti li aħna lkoll, bħala poplu, nieħdu sehem attiv f'din ir-riforma.

L-ewwel ħaġa li rrid ngħid hija li l-awtoritajiet f'pajjiżna qegħdin hemm biex joħorġu standards u biex jiggwidaw. Huma pedina importanti ħafna sabiex dejjem ngħollu l-kwalità tax-xogħol f'dan il-qasam. Biss mhumiex l-uniċi li għandhom responsabbiltà. Irridu nifhmu wkoll li l-periti għandhom warrant ta' professjonisti u għandhom ir-responsabbiltà li jissorveljaw u jaraw li x-xogħol ikun qed isir kif titlob il-liġi u l-proċeduri operattivi standard li jitħaddmu f'dan is-settur.

Jien, bħala psikologa, li wkoll għandi warrant, għandi r-responsabbiltà li lill-klijenti tiegħi nagħtihom l-aħjar servizz u jekk dan ma jsirx għandi ċ-ċans li jitneħħieli l-warrant mill-bord li jirregolahom. Għaldaqstant dan għandu jiġri f'kull professjoni oħra. Hemm standards ta' professjoni li jridu jintlaħqu, hemm taħriġ li jrid isir bħala żvilupp professjonali kontinwu li wieħed irid dejjem jagħmel sabiex ikun aġġornat ma' apparat, teknoloġija u anke sistemi ġodda ta' bini u sabiex jassigura ruħu li dak li qiegħed jagħmel qed jagħmlu bl-aħjar mod possibbli. Apparti minn hekk, anke aħna bħala poplu, għalkemm l-ebda dokument ma jispeċifika dan, għandna l-obbligu morali ta' ċittadini li dak li qed

naraw li mhux qiegħed isir sew nirrapportawh. Jekk xi ħaġa tkun ta' detriment jew ta' sogru għas-saħħa u s-sigurtà tagħna u tal-komunità li qed ngħixu fiha, għandna d-dmir bħala ċittadini denji ta' dan il-pajjiż, li nirrapportawha lill-awtoritajiet konċernati. B'hekk biss nistgħu nassiguraw li tassew se naslu.

Meta wieħed iħares lejn kif wieħed jista' jimmaniġġja bidla, jara proċess sħiħ li jrid isir. Il-punt tat-tluq huwa eżaminazzjoni bir-reqqa biex wieħed jara fejn qiegħed u jieħu kont tas-sitwazzjoni u l-ħsieb tal-imsieħba f'dan is-settur. Wara li tittieħed stampa ċara tas-sitwazzjoni kurrenti wieħed imbagħad jara fejn irid jasal u x'inhu fattibbli. Kultant wieħed anke jinvolvi konsulenti esterni biex ikun ċert li qed ikun oġġettiv u li l-affarijiet jistgħu jsiru skont il-kuntest u x-xenarju li għandna f'pajjiżna. Meta wieħed imbagħad ikollu l-punt tat-tluq u jaf fejn irid jasal, bi kriterji definiti u anke studjati sewwa, imbagħad tasal il-fażi fejn jipproġetta t-triq li se twasslu proprju fejn jixtieq jasal.

F'din it-triq ikun hemm ħafna stadji, ħafna tlajja' u nżul, ħafna x'wieħed jitgħallem u anke x'jistudja, kif ukoll ostakli li wieħed irid jara kif se jirbaħ. Fl-ewwel fażi wieħed irid jiġbor l-informazzjoni, u fil-fatt rajna bosta laqgħat ta' konsultazzjoni li servew ukoll biex titqajjem kuxjenza għall-fatt li l-bidla f'dan is-settur kienet waħda urġenti u li kienet fil-verità ta' prijorità għall-Gvern li għandha sseħħ. Bħala Gvern għamilna mezz ukoll li min hu impjegat f'dan il-qasam jieħu t-taħriġ kollu meħtieġ ħalli jinħarġu liċenzji u ċertifikazzjonijiet kif inhu meqjus ġust sabiex insaħħu l-ħiliet u l-għarfien li huma tant meħtieġa. Fil-fatt sa mill-1 ta' Novembru tal-2023 kull kuntrattur li jaħdem f'dan il-qasam irid ikollu liċenzja. Apparti minn hekk, wittejna t-triq biex kull min jaħdem f'dan il-qasam jiġi mħarreġ kif suppost. Għalkemm dan it-taħriġ għalissa mhuwiex mandatorju, hemm il-ħsieb li jsir sabiex nassiguraw li kulħadd ikun ippreparat sew għal dan ix-xogħol li joffri ħafna sfidi fejn tidħol is-saħħa u s-sigurtà.

Minkejja dan kollu, wieħed irid jara li sitwazzjoni bħal din mhijiex waħda faċli. Ħafna riċerka fl-immaniġġjar tal-organizzazzjonijiet kbar tindika li trid mill-inqas għaxar snin ta' ħidma sabiex proprju tinbidel kultura ta' prattika. Fil-fatt nixtieq inxebbah din is-sitwazzjoni mat-tibdil li sar fl-edukazzjoni fejn tidħol l-inklużjoni u l-qalba diġitali. Niftakar ċar meta ddaħħlu l-computers fl-iskejjel u r-reżistenza li din ġabet magħha. Niftakar ukoll il-bidla minn skejjel speċjali għal kull min kellu xi forma jew oħra ta' dik li nqisu bħala diżabbiltà, kif konna nagħfsu fuqha dak iż-żmien, għall-inklużjoni fl-iskejjel primarji u sekondarji li bħalissa qed jattendi fihom proprju kulħadd. Bidla bħal din kienet tirrikjedi ppjanar bil-għaqal u rieda tajba, bħalma tirrikjedi l-bidla fl-istandards fis-settur tal-kostruzzjoni li qed jagħmel dan il-Gvern, u li tirrikjedi wkoll l-involviment ta' kulħadd u li tingħata ċerta gwida sakemm naslu.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Onorevoli Membri, napprezza li kull min ikun se jitkellem fil-Parlament ikun irid li kulħadd ikun qiegħed isegwi x'ikun qiegħed jgħid. Min ma jridx isegwi jista' faċilment joħroġ mill-Kamra u jmur jiddiskuti barra minn din il-Kamra. Daqsxejn rispett lejn min ikun qed jitkellem! Grazzi. Kompli, Onor. De Giovanni.

**ONOR. KATYA DE GIOVANNI:** Grazzi, Sur President. Għamilna bidla bħal din ukoll fejn jidħlu l-istandards tad-djar residenzjali għall-persuni b'abbiltajiet diversi u persuni akbar fl-età. Huwa perjodu fejn saret ħafna edukazzjoni u diskussjoni u ninsab ċerta li fil-qasam tal-kostruzzjoni se nimxu bl-istess mod.

Sur President, se nasal biex nagħlaq dan id-diskors billi minn qalbi nsellem lis-Segretarju Permanenti, is-Sur Carlos Tabone, kif ukoll lill-mexxejja u lill-ħaddiema kollha tal-entitajiet ta' dan il-Ministeru. Irrid insellem ukoll lil kull min jaħdem f'dan is-settur u nappellalhom biex kollha kemm huma jsegwu r-regoli u jimxu mad-direttivi tal-entitajiet. Fl-aħħar u mhux l-inqas insellem lill-Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi, li ma beżax jidħol għat-tibdil neċessarju f'dan il-qasam. Intenni l-appell tiegħi sabiex kulħadd jieħu sehem attiv f'din il-bidla tant u tant neċessarja għal pajjiżna. Persważa li bil-kontribut ta' kull wieħed u waħda minna se naslu. Nirringrazzjak.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Grazzi. Il-Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi. Infakkrek li għandek sas-7.32 p.m.

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Sur President, nixtieq nibda billi nirringrazzja lil dawk kollha li llejla għoġobhom jipparteċipaw f'din id-diskussjoni dwar l-Estimi tal-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar. Is-16 ta'

Novembru tal-2022 kien l-ewwel darba li jien ressaqt il-Baġit f'isem dan il-Ministeru, u meta konna qed niddiskutu dawk l-estimi kont għedt b'mod ċar li l-Gvern qiegħed jimbarka fuq proċess biex għall-ewwel darba nintroduċu l-liċenzja tal-kuntratturi.

Dan stqarrejtu sena ilu u llum nista' nirrapporta lil dan il-Parlament li dak li stqarrejt is-sena l-oħra, illum nistgħu ngħidu li permezz ta' dan il-proċess, sal-aħħar ta' Ottubru 3,793 kuntrattur daħħlu l-applikazzjoni tagħhom biex ikunu jistgħu jagħmlu xogħol ta' twaqqigħ, ta' skavar u ta' bini. Din hija bidla importanti biex nirregolaw aħjar dan is-settur. Sa sena ilu ma stajniex nitkellmu b'mod ċar u preċiż min huma n-nies li jaħdmu f'dan is-settur. Illum, għaliex dan il-Gvern mexxa 'l quddiem u wettaq din ir-riforma u magħha se jkun qiegħed jintroduċi riformi oħrajn importanti, nistgħu nitkellmu bil-fatti dwar kif se jkun qed jaħdem dan is-settur fiż-żmien li ġej.

Din mhijiex bidla biss fuq il-karta, Sur President, imma hija bidla li diġà qed tagħti riżultati konkreti, u se nagħti eżempju. Mill-1 ta' Novembru u fil-ġranet ta' wara, kull min applika mal-BCA biex jinħariġlu permess biex jibda jagħmel ix-xogħlijiet marbuta ma' bini, twaqqigħ u skavar, qed jiġi mistoqsi jekk dak il-kuntrattur li se jkun qiegħed iqabbad mexiex u huwiex konformi mar-regoli l-ġodda li introduċejna, u kull min ta isem ta' operatur jew ta' xi ħadd li mhuwiex imsemmi, dak il-permess ma ħarġitx. Dawk li m'applikawx sa dik id-data ma jistgħux joperaw. Din ukoll hija parti mill-bidla li se nkomplu mmexxu 'l quddiem u li issa tista' tipprovdi qafas li permezz tiegħu nkomplu nirregolaw x'tip ta' liċenzji jkollna f'dan is-settur.

Dan jurina biċ-ċar li dan il-pass kuraġġuż kien tajjeb. Id-deċiżjoni ħadha l-Gvern imma kienet deċiżjoni frott ta' konsultazzjoni mill-aktar wiesgħa li għamilna fix-xhur ta' qabel ma daħħalna dan l-avviż legali, fejn fittixna l-aktar kunsens wiesa' possibbli dwar kif se nagħmlu din il-bidla. Din ipparteċipaw fiha mhux biss kuntratturi kbar imma anke dawk li jaħdmu għal rashom. Fil-konsultazzjoni smajna n-nies kollha involuti, professjonisti u anke n-nies inġenerali li talbuna u qegħdin jindikawlna kif dan is-settur nistgħu nirregolawh ferm aħjar.

Jien mhux biss se nsemmi x'għedt is-sena li għaddiet u x'għamilna matul din is-sena imma wkoll dwar dak li se nkunu qegħdin nagħmlu fiż-żmien li ġej. Kif aċċennaw anke l-kollegi tiegħi, meta wieħed jara n-nefqa li se nkunu qegħdin nallokaw għall-BCA għas-sena d-dieħla jkompli jikkonferma kemm se nkomplu ninvestu biex lil din l-Awtorità, li wellidha Gvern Laburista fl-2021 biex twettaq dawn il-bidliet importanti, nagħtuha l-għodod u s-setgħat. Qegħdin naħdmu wkoll biex fejn naraw li sal-lum il-liġijiet għadhom mhux qed jagħtuha setgħat biżżejjed, nagħmlu t-tibdil kuraġġuż meħtieġ biex din l-Awtorità tkompli tingħata s-setgħat u s-saħħa meħtieġa.

Issemma wkoll ir-Rapport Quintano, li jidhirli li għamel referenza għalih l-Onor. Stanley Zammit, li semma li jsiru r-rapporti u jitħallew fuq l-ixkaffa. Però huwa tajjeb li ngħarraf lil din il-Kamra li r-Rapport Quintano fih 77 rakkomandazzjoni u li bix-xogħol li sar s'issa mill-BCA, 70 minnhom jew twettqu jew qegħdin f'fażi avvanzata biex jitwettqu. Huma sebgħa biss li fadal aktar xogħol x'isir fuqhom. Għalhekk meta fuq 90% ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet qegħdin jitħaddmu, żgur li ma nistgħux ngħidu li dan ir-rapport importanti tħalla fuq l-ixkaffa. Aħna verament nemmnu li dan is-settur jixraqlu li jkompli jimxi 'l quddiem. Flimkien mal-Gvern li qiegħed imexxi bid-deċiżjonijiet u li mhux biss jiddiskuti, l-operaturi f'din l-industrija qegħdin jifhmu mhux biss li bidliet importanti fis-settur tal-kostruzzjoni għandhom jidħlu fis-seħħ, imma jaraw ukoll kif l-operat f'dan is-settur ikompli dejjem jitjieb.

Sur President, x'differenza minn żmenijiet oħrajn! Għax huwa tajjeb li ngħidu li lura fis-snin meta kien għad hemm Gvern Nazzjonalista dan il-Parlament kien iddiskuta liġi li permezz tagħha ssemma wkoll il-Building Regulations Office. Huwa interessanti dak li qal il-Ministru ta' dak iż-żmien George Pullicino fit-Tieni Qari fil-21 ta' April, li kien qal li dak l-Abbozz ta' Liġi li għadda fl-2011 kien ilu jiġi diskuss mis-sena 2000! Mela mis-sena 2000 sas-sena 2010 wasal biss għat-Tieni Qari, iddaħħal fl-2011 u, oħroġ il-għaġeb, aktar minn hekk, fl-2010 il-Gvern, li dak iż-żmien kien parti minnu l-kollega l-Onor. David Agius, kien qal li se jagħmel il-liċenzjar tal-kuntratturi! Kien qal li se jagħmel ħafna affarijiet. U x'rajna? Rajna li kien hemm proġett li baqa'

totalment fuq il-karta! X'differenza minn dan il-Gvern li r-rakkomandazzjonijiet importanti qiegħed iwettaqhom u jdaħħalhom fis-seħħ.

Dan qed ngħidu biex wieħed jifhem id-differenza ta' kif qed jitmexxew l-affarijiet, ta' kif f'dawn iż-żmenijiet qegħdin inkomplu nibnu fuq bidliet li saru f'dawn l-aħħar sentejn, tlieta, biex immexxu fid-direzzjoni li dan is-settur għandu bżonn. Minn hawn insellem lill-ħaddiema kollha tal-BCA tax-xogħol kbir li jagħmlu u nixtieq nuri ftit, permezz ta' statistika, kemm kompla jiżdied ix-xogħol fejn jidħol l-infurzar.

Fis-sena 2022 il-BCA, anke minħabba l-fatt li maż-żmien żdiedu l-ispetturi li jmorru fuq is-siti, kien hemm 10,298 spezzjoni. Sa Ottubru ta' din is-sena dik iċ-ċifra nqabżet u laħqet 10,828 spezzjoni, li turi kemm il-BCA qed issir aktar effettiva bħala riżultat taż-żieda fl-ispezzjonijiet. Huwa tajjeb li ngħidu li fi tmien xhur minn meta bdew jinħarġu l-permessi fl-2022 kien hemm 3,891. Sa Ottubru ta' din is-sena kien hemm 5,903 permessi. Avviżi tal-infurzar is-sena li għaddiet kien hemm 350, din is-sena sa Ottubru diġà kien hemm aktar minn 300, u l-ħruġ ta' penali minn 129 is-sena li għaddiet, din is-sena tela' għal 589. Qed insemmi dawn iċ-ċifri għaliex huma frott tal-ħidma tal-ħaddiema tal-BCA skont id-direzzjoni li tagħti din l-istess Awtorità. Dawk huma riżultati li għalihom il-ħaddiema tal-Awtorità jixirqilhom u jimmeritahom kull ħajr.

Sur President, jien ninkwieta li l-Membru tal-Oppożizzjoni, l-Onor. David Agius, li llum għandu aspirazzjonijiet li jiġi elett fil-Parlament Ewropew, fid-diskors tiegħu llejla dwar il-BCA, minflok kien propożittiv bħalma kienu bosta minn sħabu, għażel li b'mod selettiv jattakka membri tal-istaff tal-BCA. Nixtieq li xi darba l-Onor. David Agius jispjega r-raġuni għalfejn għażel li jattakka lil dawn il-ħaddiema. Naħseb li jkun tajjeb jekk jispjega dan l-atteġġjament tiegħu li jattakka lill-ħaddiema b'mod individwali meta għandu l-opportunità li jiġi hawnhekk u jagħmel il-kritika, li jagħmel il-proposti, u jgħidilna kif hu, li kien fuq il-bankijiet tan-naħa tal-Gvern Nazzjonalista kien jaġixxi, meta kien isir ħafna diskors u azzjoni xejn. Ma nistax nifhem kif jiġi llum u jagħtina l-lezzjonijiet billi jattakka individwi fil-BCA!

L-investiment fil-BCA kompla, Sur President. Illum il-BCA għandha uffiċini ferm aħjar, fejn il-ħaddiema jistgħu jaħdmu b'mod aktar effiċjenti u f'ambjent aħjar. Bidla importanti oħra hija li mil-lum il-kunsill konsultattiv il-ġdid se jkun qiegħed jieħu f'idejh ix-xogħol li kien jagħmel il-Bord Konsultattiv dwar l-Industrija tal-Bini (BICC), li għandu qafas legali li jistipula b'mod ċar ir-responsabbiltajiet tiegħu, u li issa huwa parti integrali mil-liġi tal-BCA. Wieħed mill-proċessi li qegħdin nagħmlu huwa proprju mmirat biex nindirizzaw ċerta kritika li saret f'dan id-dibattitu, fosthom il-bżonn ta' aktar kordinazzjoni. Dan il-kunsill ġdid b'qafas legali ċar fl-istruttura tal-BCA ikompli jikkonferma, mhux bid-diskors imma bil-fatti, l-importanza u l-enfasi li qed tingħata lill-irfinar tal-proċessi f'dan is-settur.

Żgur li wieħed mill-kriterji li s-sena d-dieħla se jikkontribwixxi biex inżidu r-rankatura tagħna biex nirregolaw aħjar dan is-settur huwa l-qafas legali li jistipula kif wieħed jilliċenzja ruħu bħala kuntrattur, filwaqt li nħarsu aktar lejn il-ħiliet u l-kapaċitajiet tal-ħaddiema fis-settur. Kien ta' sodisfazzjon għalija li nisma' lill-Onor. Ray Abela jispjega d-diversi proċessi li jistgħu jkunu qegħdin jitħaddmu, imma din hija bidla importanti ferm li se tkun qiegħda ssir qabel kollox fil-liċenzja tal-bennejja, liċenzja li taf il-bidu tagħha mil-liġi tal-1880, liġi li qajla nbidlet tul is-snin imma li issa se jiġi ppubblikat avviż legali li jirregola b'mod ġdid l-għoti ta' din il-liċenzja importanti.

Waħda mill-bidliet importanti biex wieħed iġedded il-liċenzja hija li l-Bord jista' minn żmien għal żmien jitlob li persuna tmur għal refresher course għaliex huwa tajjeb li kultant wieħed iġedded it-teknikalitajiet u l-ħiliet tiegħu fl-industrija tal-bini. Dan kollu jikkontribwixxi biex jogħla l-livell tal-kwalità tax-xogħol għax fl-aħħar mill-aħħar dawn il-bidliet huma intenzjonati biex niżguraw aktar responsabilità u aktar serjetà fil-mod kif isir ix-xogħol.

Marbut mal-kwestjoni tal-kwalità li dwarha saru numru ta' sforzi, sal-lum dan il-proċess għadu mhuwiex kompletat u hemm it-tfassil tal-kodiċi tal-bini. Kien hemm min qal li dawn huma lesti però l-verità hija li kien hemm tentattivi u saru abbozzi li għadhom qed jiġu diskussi. Fil-fatt bħalissa għaddejja konsultazzjoni mal-Kamra tal-Periti u mal-Kamra tal-Inġiniera għax dan huwa kodiċi li huwa importanti li jkun hemm kunsens dwaru, u s-sena d-dieħla rridu naraw li din il-bidla sseħħ ukoll. Imma jkun ta' għajb jekk ikun hemm min jagħti x'jifhem li din tħalliet fuq l-

ixkaffa jew inkella li rmejna xi opportunità. Ma ntremiet ebda opportunità, anzi sar aktar xogħol biex dan it-tibdil iseħħ. Nistgħu niggarantixxu li dan it-tibdil se jseħħ skont kif ħabbarna fil-Baġit ta' sena ilu.

Waħda mill-affarijiet li nemmen li għamilna b'mod diliġenti matul din is-sena hija li għall-ewwel darba ppubblikajna kompendju ta' liġijiet marbuta mas-settur tal-kostruzzjoni. Hawnhekk irrid nuri l-apprezzament tiegħi għall-impenn u għall-kontribut tal-Università ta' Malta f'dan l-aspett. Dan il-proċess nemmen li kien meħtieġ mhux biss biex wieħed ikun jista' jikkonsulta dan il-kompendju ta' liġijiet b'mod aktar spedit, imma għal raġuni oħra importanti. Ma rridux ninsew li ħafna mil-liġijiet f'dan is-settur saru f'epoki differenti, bi skopijiet differenti fi żmenijiet fejn dan is-settur kien jaħdem b'metodi differenti.

Għaldaqstant kien importanti li jkollna min b'mod studjat iħares lejn dawn il-liġijiet, jifhem kif dawn il-liġijiet jaħdmu flimkien, u jekk humiex miktuba b'tali mod li jistgħu jaħdmu flimkien, u nidentifikaw fejn hemm nuqqasijiet ta' aspetti li llum mhumiex koperti bil-liġi. Eventwalment dan il-proċess għandu jwassalna biex inkomplu nagħmlu l-bidliet meħtieġa b'mod konsolidat u mhux b'mod sporadiku. Għalhekk qegħdin inħarsu lejn dan il-qafas legali, biex mill-esperjenzi xejn sbieħ li kellna f'dan il-pajjiż marbuta ma' dan is-settur, nifhmu fejn hemm bżonn insaħħu billi nadottaw korp ta' liġi li jqis ir-realtajiet u sistemi ġodda li b'mod studjat jgħinuna nagħmlu dawn il-bidliet importanti.

Dan qed ngħidu għaliex forsi ngħatat impressjoni li kien hemm sitwazzjonijiet fejn l-Awtorità naqset milli taġixxi, mentri l-verità hi li l-Awtorità ma kellhiex is-setgħa li taġixxi. Awtorità tista' taġixxi biss jekk il-liġi tagħtiha s-setgħa. Għalhekk jekk għandna bżonn liġijiet li jagħtu aktar setgħat lill-Awtorità, hija r-responsabbiltà tagħna li naraw li nfasslu l-liġijiet meħtieġa li jagħtu s-setgħa lill-Awtorità biex tkun tista' tintervjeni. Dan is-settur ma nistgħux nikkonsidrawh daqslikieku huwa biss kopert mil-liġi tal-BCA jew inkella mill-avviżi legali maħruġa bis-saħħa tal-istess liġi u ninsew li hemm sistema sħiħa li ilha tinbena għal ħafna u ħafna snin.

Minn hawn irrid insemmi r-rwol ta' professjonisti importanti f'dan is-settur, fosthom il-professjoni tal-periti, professjoni li ilha rikonoxxuta bil-liġi mill-1920. Nistgħu ngħidu li għal ħafna snin f'moħħ in-nies il-professjonist marbut mal-bini huwa l-perit u l-perit biss, mentri fil-verità llum qed naraw ukoll professjonijiet oħrajn emerġenti li fil-bidla li rridu nagħmlu rridu naraw ukoll li mhux biss nagħtuhom rikonoxximent, imma ninsistu li jagħtu kontribut biex ikollna qafas regolatorju robust u nies aktar kompetenti fit-tmexxija u fl-immaniġġjar ta' din l-istruttura.

Però rridu nifhmu wkoll li r-rwol u r-responsabilità tal-perit hija waħda kbira. Ejjew ma naħarbux bl-idea li, minbarra fuq l-Awtorità, m'hemmx responsabbiltajiet ukoll fuq min jingħata warrant mill-Istat. Għalhekk jien nemmen li jekk hemm organizzazzjoni li hija stakeholder ewlieni fid-diskussjonijiet kollha li kelli kemm ili Ministru, hija żgur il-Kamra tal-Periti. Fl-aħħar tas-sena li għaddiet daħħalna fis-seħħ liġi ġdida dwar il-periti li tat aktar saħħa lill-Kamra tal-Periti, anke rigward dixxiplina fuq il-periti. Din hija riforma li kienet ilha tistenna snin twal. Il-liġi dwar il-periti l-istess, kienet ilha tistenna snin! Kien hawn ħafna leġiżlaturi, imma s-sena li għaddiet, grazzi għax-xogħol li kien sar minn dan il-Gvern, l-Abbozz ta' Liġi kien għadda minn dan il-Parlament u daħħalnieh fis-seħħ bħala liġi fl-aħħar tas-sena li għaddiet.

Komplejna nsaħħu wkoll il-qafas regolatorju biex il-periti jistabbilixxu kodiċi ta' etika u dixxiplina skont il-provvedimenti ta' din il-liġi ġdida. Imma aħna ma waqafniex hemm. Fil-fatt dħalna wkoll fi ftehim finanzjarju mal-Kamra tal-Periti, li għandha wkoll rwol ta' regolatur, biex ngħinuha tistruttura lilha nnifisha mil-lat ta' teknoloġija biex tkun tista' twettaq xogħolha aħjar. Dan juri li mhux biss ħloqna entità permezz ta' din il-liġi biex tagħmel ix-xogħol tagħha imma tajnieha r-riżorsi finanzjarji biex tkun tista' twettaq xogħolha aħjar. Anke hemmhekk rajna kif nikkontribwixxu, kif għamilna mal-BCA. Dan qed ngħidu biex ma nibagħtux messaġġi żbaljati għall-finijiet li nirbħu xi punt politiku, u nipprovaw innessu lin-nies ir-responsabbiltajiet li diġà qed jassumu l-Kamra tal-Periti u l-BCA.

Jien ma nistax ma nirreferix u ma nikkummentax fuq l-inkjesta pubblika dwar il-każ ta' Jean Paul Sofia. Il-ġbir tal-provi wasal fi tmiemu u nifhem li l-bord tal-inkjesta dalwaqt jasal biex jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu. Kull meta tkellimt dwar dan il-każ f'dan il-Parlament, jien dejjem għamiltha ċara li nemmen bis-sħiħ li

kemm fil-każ ta' Jean Paul Sofia kif ukoll f'każijiet oħra fejn xi ħadd tilef ħajtu fuq il-post tax-xogħol, trid issir ġustizzja, u trid issir ġustizzja fi żmien raġunevoli. Aħna dejjem insistejna biex issir ġustizzja.

Tajjeb li nfakkru, Sur President, li wara li ngħalqet l-inkjesta maġisterjali fil-każ ta' Jean Paul Sofia tressqu n-nies il-Qorti, u bi prudenza m'iniex se nagħmel rimarki fuq proċeduri li huma pendenti. Però, fir-rigward tal-inkjesta pubblika li ssejħet mill-Prim Ministru li ħadet diversi seduti, li semgħet ħafna u ħafna nies, semgħet xhieda msejħin mill-bord tal-inkjesta stess u oħrajn li offrew ix-xhieda tagħhom minn jeddhom għax ħassew li kellhom xi ħaġa x'jgħidu lill-inkjesta, l-istess panel tal-inkjesta wasal biex jagħmel il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu. U minkejja li l-Oppożizzjoni tkellmet u qalet ħafna affarijiet dwar l-inkjesta, ma rajt ebda esponent tal-Oppożizzjoni li ħass li kellu xi ħaġa x'jgħarraf jew li għażel li jmur jixhed quddiem dan il-Bord tal-Inkjesta. Għaldaqstant inħalli lil kulħadd jasal għall-konklużjonijiet tiegħu.

L-Oppożizzjoni mhux biss f'din l-inkjesta kienet assenti imma kienet assenti wkoll aktar kmieni din is-sena meta varajna l-proċess ta' konsultazzjoni fir-rigward tal-liċenzja tal-kuntratturi, li dwarha tkellem kulħadd barra l-Oppożizzjoni. Jien nixtieq nara li jkun hemm kontribut akbar min-naħa tal-Oppożizzjoni. Ma jimpurtax, hija għażla tal-Oppożizzjoni, imma aħna se nkomplu mmexxu 'l quddiem, biex finalment nieħdu deċiżjonijiet għaqlin flimkien mal-imsieħba konċernati. Però qegħdin naħdmu bi strateġija, tarġa wara l-oħra, biex nintroduċu sistema ta' liċenzjar aktar adattata għal-lum. Fejn ikun hemm il-ħtieġa, lesti li nispjegaw aktar l-affarijiet. M'aħniex se niddejqu lanqas li nbiddlu u nirfinaw fejn hemm bżonn.

Fl-aħħar ġimgħat kellna diskussjonijiet estensivi ma' diversi stakeholders rigward it-tħaddim tal-assigurazzjonijiet f'dan is-settur. Fuq pariri tal-istess operaturi fl-assigurazzjoni rajna li hemm bżonn li niċċaraw anke regoli, mhux biss tal-kuntratturi imma anke regoli marbuta mal-assigurazzjonijiet li jintalbu f'dan is-settur. Fil-fatt qegħdin f'taħditiet ma' kumpaniji tal-assigurazzjoni li lesti joffru poloz tal-assigurazzjoni biex jindikaw b'mod ċar x'tip ta' polza hija meħtieġa minn min se jagħmel ix-xogħol, u jkun jaf aħjar x'inhuma l-obbligi li joħorġu minn din it-tip ta' polza. Fuq kollox ridna nassiguraw li l-aġenzija tal-assigurazzjoni tagħtina dak li qegħdin nitolbu minnha. Dak huwa x-xogħol li għamilna wara konsultazzjoni u diskussjoni mal-aġenziji tal-assigurazzjoni.

Sur President, marbut ma' dan kollu ma nistax ma nsemmix ix-xogħol estensiv li tagħmel l-OHSA, fejn erġajna qegħdin inżidu l-finanzi biex din l-Awtorità tkompli tmexxi l-ħidma tagħha 'l quddiem. Dan mhux neċessarjament biss b'ingaġġ ta' aktar ħaddiema imma anke billi ninvestu, kif qegħdin nagħmlu fil-BCA, biex jiddaħħlu sistemi teknoloġiċi li jgħinu ferm aktar lil din l-Awtorità, mhux biss internament iżda f'aktar u aktar infurzar tal-liġijiet li jirregolaw kull qasam fejn tidħol is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Meta nitkellmu fuq saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol xi kultant jiġri li ninsew il-postijiet tax-xogħol l-oħrajn u bħal donnu naħsbu li l-OHSA ssegwi biss il-qasam tal-kostruzzjoni.

Huwa fatt li fil-qasam tal-kostruzzjoni hemm bżonn ta' impenn akbar minn dawk kollha li jaħdmu f'dan is-settur, li jagħrfu x'inhuma l-obbligi tagħhom dwar saħħa u sigurtà. Irridu naraw kif ninstigaw kultura favur aktar saħħa u sigurtà mhux biss fil-qasam tal-kostruzzjoni, imma fuq kull post tax-xogħol. Bl-aktar mod ċar niddikjara li kull min b'xi mod jagħżel li jħaddem lil xi ħadd, il-mument li jiffirma l-kuntratt tax-xogħol mal-impjegat tiegħu, hemmhekk ikun refa' fuq spallejh obbligi u assuma responsabbiltajiet fejn tidħol is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol ta' dak il-ħaddiem.

Is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol m'għandniex nieħdu ħsiebha meta u għax ikun ġej l-uffiċjal tas-saħħa u s-sigurtà, imma għandha tkun prijorità għax hekk xieraq. Hemm bżonn li kulħadd jifhimha din. Għalhekk, wieħed mill-akbar impenji li se jkollha l-OHSA s-sena d-dieħla huwa t-tisħiħ ta' aktar għarfien, għax kulħadd irid jifhem li s-saħħa u s-sigurtà mhumiex biss formalità, bil-ħsieb biss li wieħed jevita li jaqla' xi ċitazzjoni. Le, hemmhekk tidħol is-saħħa u l-ħajja ta' persuna. Ħadt pjaċir nisma' lill-Onor. Callus li rrefera għal ċerti aspetti, barra mis-saħħa u s-sigurtà, biex jipprevjenu inċident. Pereżempju, fuq post tax-xogħol jista' jkollok fatturi li joħolqu problemi respiratorji għal xi ħaddiema għax ma jkunx hemm biżżejjed għarfien dwar dan.

Meta qed nitkellmu fuq saħħa u sigurtà jiġuna f'moħħna riskji li jistgħu jaffettwaw is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem, imma li bi studju u bi ħsieb, l-inċidenza ta' dawk ir-riskji tista' titnaqqas. Dan l-aspett għandna nagħtuh aktar importanza. Jien nieħu pjaċir meta nara unions u min iħaddem jaħdmu flimkien biex f'postijiet tax-xogħol ikun hemm titjib fil-livell ta' saħħa u sigurtà. Ejja ma naħsbux li hawn Malta ħadd ma jagħti kas, għax hawn postijiet tax-xogħol li għandhom livell għoli ta' osservanza ta' regoli dwar saħħa u sigurtà, imma għandna setturi oħrajn fejn, le, ma tingħatax l-attenzjoni meħtieġa.

Hawnhekk jidħol l-għarfien, it-taħriġ, l-edukazzjoni u l-infurzar. L-infurzar waħdu mhuwiex se jbiddel il-kultura. Il-kultura tibda u tkompli tinbidel meta n-nies involuti jkunu aktar konxji u aktar mgħarrfa kif l-affarijiet jistgħu jsiru aħjar biex nipprevjenu l-inċidenti, kif nistgħu nevitaw kemm jista' jkun li ħaddiem jispiċċa bi problemi respiratorji jew oħrajn. Sfortunatament meta fis-snin imgħoddija ma kienx hawn għarfien dwar l-asbestos u l-konsegwenzi tiegħu rajna x'ġara. L-Istat kellu jikkumpensa lin-nies li spiċċaw vittmi ta' dan il-materjal li żmien ilu konna nqisuh bħala materjal kważi maġiku li jsolvi l-problemi kollha.

Ma kienx hemm għarfien, Sur President. Jekk aħna sirna konxji fuq dak il-prodott jew materjal, kemm huwa aktar importanti li nkunu aktar mgħarrfa? Jekk aħna nagħmlu aktar sforz, anke żgħir, ħafna inċidenti, korrimenti u mwiet jiġu evitati. U kull min hu involut, il-ħaddiema, dawk li jħaddmu, dawk kollha involuti b'xi mod jew ieħor, anke min iqabbad kuntrattur, irid jagħraf li l-liġi titfa' fuqu responsabbiltà. L-għarfien huwa importanti, u aħna se nkomplu naħdmu f'dan ir-rigward.

L-Onor. Callus iddedika ħafna ħin mid-diskors tiegħu fuq il-project supervisors jew fuq il-health and safety practitioners. L-ewwel nett huwa tajjeb li nagħmlu distinzjoni. Il-project supervisors huma dawk li jiffokaw fuq ix-xogħol fejn tidħol il-kostruzzjoni, skont l-obbligi tal-liġi fejn tidħol il-kostruzzjoni, b'differenza ta' health and safety consultants, li jagħtu l-pariri tagħhom fuq bażi aktar mifruxa. Waħda mill-isbaħ esperjenzi li kelli kemm ilni Ministru kienet meta kelli laqgħa - u nħares 'il quddiem li jerġa' jkolli laqgħa oħra fiż-żmien li ġej mal-istudenti tal-Università li qegħdin jistudjaw għal degree f'dan is-suġġett - fejn kellna diskussjoni mill-aktar wiesgħa kif dan is-suġġett nagħtuh aktar importanza, nispjegawh iżjed u, fuq kollox, kif nattiraw aktar nies li jitħarrġu f'dan is-settur. Hemm bżonn li anke f'dan ir-rigward ikun hemm aktar rikonoxximent min-naħa tal-Istat dwar min għandu u min m'għandux il-ħiliet meħtieġa biex jagħti dawn it-tip ta' servizzi.

F'dan ir-rigward niġbed l-attenzjoni ta' dan il-Parlament għall-avviż legali dwar il-project supervisors. Issa wasalna fl-istadju li l-liġi li saret fl-2018 tiġi aġġornata, anke fid-dawl ta' diversi suġġerimenti dwar diffikultajiet u ċerti aspetti fil-liġi eżistenti, li wasslu biex nagħmlu bidliet importanti. Hawnhekk nieħu l-opportunità biex nirringrazzja żewġ entitajiet li nħolqu fl-aħħar xhur, jiġifieri l-assoċjazzjoni li tirrappreżenta lill-prattikanti kif ukoll il-union li qiegħda tirrappreżenta lil dawn il-prattikanti, li flimkien magħhom ħloqna forma ta' djalogu permezz ta' laqgħat aktar ta' spiss biex nifhmu r-realtajiet li qegħdin jgħixu huma, u flimkien nikkontribwixxu biex nagħmlu l-bidliet fejn meħtieġ. Il-fatt li dawn il-professjonisti ngħaqdu flimkien u waqqfu l-assoċjazzjoni u l-union tagħhom għall-fini tal-OHSA jagħti lok li nitkellmu magħhom regolarment fejn jistgħu jsiru proposti u suġġerimenti dwar il-mod kif nagħmlu l-affarijiet.

Iżda ma waqafniex hawnhekk, Sur President. Matul din is-sena għamilna xogħol importanti, speċjalment il-pubblikazzjoni tal-White Paper, li trid twassal biex ikollna qafas ta' liġi aġġornata dwar l-OHSA li twaqqfet 22 sena ilu. Is-sena li għaddiet sar ħafna xogħol mal-Kap Eżekuttiv preċedenti biex fassalna din il-White Paper, fejn ġew indikati proposti intenzjonati biex isaħħu l-operat ta' din l-Awtorità. Is-sena d-dieħla se nressqu Abbozz ta' Liġi li jirrispekkja s-suġġerimenti u l-proposti li saru waqt dan il-proċess ta' konsultazzjoni wiesgħa. Permezz ta' dan kollu l-OHSA se jkollha f'idejha għodod ta' infurzar aktar b'saħħithom u se jkunu ċċarati l-modi tal-operat tad-diversi sezzjonijiet tal-OHSA. Fl-istess waqt se nkomplu naġġornaw il-liġi biex jingħata aktar lok għall-osservanza ta' regoli dwar is-saħħa u s-sigurtà biex l-operaturi fis-setturi differenti ta' xogħol jifhmu aħjar u jkunu huma stess li jieħdu l-passi meħtieġa biex ikollna aktar saħħa u sigurtà fuq kull post tax-xogħol.

Hawnhekk niġi għal punt importanti. Jekk aħna rridu aktar nies b'kompetenzi f'dan il-qasam,

irridu niddefinixxu u nistabbilixxu x'nifhmu bit-terminu "persuna kompetenti". Dak huwa pass ieħor li rridu nagħmlu fiż-żmien li ġej filwaqt li niffaċilitaw aċċess għal iktar korsijiet ta' taħriġ f'dan is-settur. Bi ftehim, illum l-MCAST qed joffri kors ġdid ta' diploma f'dan il-qasam. Fil-fatt, f'Ottubru li għadda beda l-ewwel kors, li qed jiġi offrut kemm full-time kif ukoll part-time għal dawk in-nies li forsi ma jridux jaslu sal-livell ta' degree imma jridu jaslu sal-livell ta' diploma. B'dan il-mod ikollna aktar nies imħarrġa f'dan ir-rigward. Jien smajt lill-Onor. Callus jgħid li l-MCAST għalaq xi korsijiet marbuta mas-settur tal-kostruzzjoni. Fil-frattemp jien tkellimt mat-tmexxija tal-MCAST li qaluli li jista' jkun li kien hemm kors b'isem mod u forsi issa nbidel l-isem tiegħu, imma l-kontenut għadu hemm u qed jiġi mgħallem b'mod differenti.

Dawn il-korsijiet għadhom isiru u nserraħ moħħ kulħadd li l-MCAST qiegħed joffri korsijiet li joffru bażi importanti biex aħna nagħmlu dan it-tibdil. Dan għaliex qegħdin naqblu li t-tibdil irid iseħħ bis-saħħa ta' aktar nies imħarrġa. Dan huwa xogħol li wkoll jorbot mal-qasam tas-saħħa u s-sigurtà u rridu nħarsu lejh mhux biss mill-aspett ta' prevenzjoni minn inċidenti jew kondizzjonijiet marbuta ma' arja ħażina u emissjonijiet imma rridu nikkonsidraw ukoll is-saħħa u s-sigurtà f'dinja fejn għandek l-aspett tal-qalba diġitali u l-bidla fil-klima. Dawn il-kondizzjonijiet tax-xogħol iridu jiġu kkonsidrati u eventwalment aġġustati fil-kontest ta' dawn il-fatturi li semmejt.

Sur President, nemmen ukoll li rridu nżidu l-isforzi tagħna fejn tidħol is-saħħa mentali. Is-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol hija wkoll fattur importanti ferm. Hawnhekk ukoll irridu mhux biss insaħħu l-għarfien imma jrid ikollna strutturi aħjar biex nindirizzaw realtà li hija ferm aktar kumplessa biex tindirizzaha. Aktar kmieni din is-sena ġewwa l-Isvezja kelli l-opportunità li nipparteċipa f'diskussjoni mill-aktar interessanti, fejn anke smajt x'qegħdin jagħmlu pajjiżi oħrajn stati membri tal-Unjoni Ewropea, fosthom l-Olanda, u kif qegħdin jiġu trattati dawn ir-realtajiet. Għalhekk inħeġġeġ lill-imsieħba soċjali jkomplu jħarsu lejn kif qed jaġixxu pajjiżi membri oħrajn fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà.

Sur President, l-Awtorità tal-Ippjanar hija entità li qed tagħmel xogħol siewi, Awtorità li trid tkompli tevolvi fil-ħidma tagħha. Imma huwa tajjeb li nenfasizzaw li qed isir xogħol importanti. Insemmi, pereżempju, ir-reviżjoni tal-pjan lokali fejn jidħol il-Port il-Kbir. Nhar il-Ħadd li għadda l-Prim Ministru fil-Marsa tkellem dwar il-viżjoni li għandu dan il-Gvern biex din il-parti ta' pajjiżna, l-inner Grand Harbour area, nagħtuha aspett riġenerattiv bil-potenzjal li permezz ta' policies adegwati min-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar niffaċilitaw investiment u aktar tisbiħ f'din iż-żona, filwaqt li naraw li jkun hemm attività ġdida li tagħti ħajja lil din iż-żona.

Inbeda l-proċess biex inwettqu wegħda elettorali dwar Ħondoq ir-Rummien ġewwa Għawdex u bidliet oħrajn, fosthom f'Wied il-Għajn. Fil-fatt il-Prim Ministru tkellem f'dan il-Parlament dwar id-deċiżjoni li jkun hemm bidla fil-pjan lokali biex il-bajja u l-policies marbuta mal-bajja ta' Wied il-Għajn jinbidlu minn dawk proposti qabel.

Nixtieq insemmi wkoll il-proċess tal-ISPED għax dan issemma mill-kollegi ta' din in-naħa u min-naħa tal-Oppożizzjoni. Iva, dan ħa żmien aktar milli kien previst, però huwa tajjeb li ngħidu li dawn ir-rapporti llum waslu prattikament fi tmiemhom u għalhekk nistgħu ngħaddu għall-fażi li jmiss. Is-sena d-dieħla se tkun sena importanti f'dan ir-rigward għax se jkollna programm importanti ferm dwar aktar tibdil li rridu nagħmlu.

Sur President, issemmew iċ-ċifri tal-fondi tal-Awtorità tal-Ippjanar. Għaldaqstant nixtieq ngħid li minn Ġunju tal-2017 kien hemm numru sostanzjali ta' lokalitajiet li bbenefikaw minn fondi estensivi. Permezz ta' dawn il-fondi li jammontaw għal aktar minn €3.2 miljun fis-sena, saru proġetti għall-benefiċċju tal-komunità, fosthom spazji miftuħa, bandli għat-tfal u inizjattivi ta' restawr, kollha maħsuba biex intejbu l-kwalità tal-ħajja fil-lokalitajiet. Hawnhekk irrid insemmi wkoll il-parteċipazzjoni sħiħa min-naħa tal-kunsilli lokali, li jirrikorru għal dawn il-fondi biex jagħmlu proġetti li jsebbħu l-lokalitajiet tagħhom, proġetti u inizjattivi li żgur ma kienx possibbli li jsiru jekk mhux b'permezz ta' dawn il-fondi mgħoddija mill-Awtorità tal-Ippjanar.

Dan apparti l-fatt li l-Awtorità kompliet issaħħaħ ir-riżorsi umani tagħha b'ingaġġ ta' 11-il impjegat ġdid. Kien hemm diversi proċessi ta' promozzjonijiet interni li kienu meħtieġa, u għaxar membri tal-istaff temmew b'suċċess il-kors ta' Baċellerat fl-ippjanar tal-ispazji. Dan

huwa investiment fir-riżorsi umani ta' din l-Awtorità, fejn ta' kuljum il-ħaddiema jagħmlu xogħol importanti fil-ipproċessar tal-applikazzjonijiet li jkollha quddiemha. Minn hawnhekk irrid nirringrazzja lil dawn il-ħaddiema tal-ħidma kbira li ssir min-naħa tagħhom, xogħol li huwa delikat u li jattira ammont ta' kontroversja. Illum ikolli ngħid li hemm aktar parteċipazzjoni, kemm minn ENGOs kif ukoll mill-pubbliku inġenerali, li qegħdin iwasslu l-fehmiet, il-ħsebijiet u l-oġġezzjonijiet tagħhom.

Jien inħoss li min illum qiegħed jippromwovi proġetti jrid ikun aktar sensittiv u jikkonsidra dak li qiegħda tistenna s-soċjetà mill-qasam tal-iżvilupp. Nemmen li għandu jkun hemm aktar sensittività għall-aspettattivi tan-nies f'dak li jiġi propost, mhux biss mil-lat ta' evalwazzjoni ta' proġetti min-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar, għax din tkun ibbażata fuq il-policies viġenti li tħaddem l-Awtorità bħalissa, imma aktar minn hekk, inħoss li għandu jingħata piż lil suġġerimenti li jsiru min-naħa tal-pubbliku, għax kull proġett ikollu impatt, kbir jew żgħir, fuq il-komunità. Għaldaqstant nemmen li kull min jippromwovi proġett irid ikun aktar sensittiv u ma jħarisx biss lejn dak li jagħmel fis-sit tax-xogħol tiegħu imma jifhem aktar ukoll il-madwar.

Fid-Diskors tal-Baġit ingħad li s-sena d-dieħla se jkun qiegħed jiġi konkluż xogħol li beda aktar kmieni din is-sena rigward il-policies tal-estetika. Hawnhekk huwa tajjeb li ngħidu li hemm policies marbuta mal-estetika, imma nħasset il-ħtieġa, anke b'riżultat ta' diskussjonijiet u osservazzjonijiet li saru minn professjonisti, mill-Awtorità tal-Ippjanar u anke mill-pubbliku inġenerali, li nistradaw il-proċessi b'mod differenti biex il-livell tal-estestika ta' ċerti proġetti jitjieb u naraw li jkollna estetika li tirrispetta u tirrispekkja l-madwar ta' dak il-proġett. Fl-aħħar mill-aħħar l-istedina tiegħi hija waħda; li kull min hu involut, kemm min se jinvesti fil-proġett, kemm il-professjonisti kif ukoll min iwettaq dawn il-proġetti, ikollu għarfien aħjar ta' kif nistgħu nagħmlu proġetti aqwa mill-aspett estetiku.

Sur President, ma nistax ma nagħmilx referenza għax-xogħol li qiegħed isir fir-rigward tas-sostenibbiltà fil-bini. Dan huwa xogħol li qiegħda tagħmel il-BCA, xogħol importanti ferm li permezz tiegħu aktar 'il quddiem se nkomplu niksbu riżultati aħjar, permezz tal-ħidma u aktar bidliet, fosthom id-dokument F il-ġdid li jirregola l-qasam tal-bini fejn tidħol l-effiċjenza enerġetika. Dan id-dokument se jwassal biex ikollna Energy Performance Certificate (EPC) ġdid li l-istituzzjonijiet finanzjarji, bħall-banek u aġenziji ta' kreditu, fil-każ ta' finanzjament ta' proġetti ta' bini ċertifikati sostenibbli skont kriterji ta' effiċjenza enerġetika, se jkunu qegħdin jagħtu aktar piż lil dawk l-imprendituri li fil-pussess tagħhom ikollhom dan iċ-ċertifikat.

Sur President, irrid niddedika l-ftit minuti li fadalli għad-dispożizzjoni tiegħi għax-xogħol li qiegħed jagħmel id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, fejn qed isir xogħol biex ngħinu lill-kunsilli lokali. Dan id-Dipartiment, apparti proġetti b'inizjattiva tiegħu, qed jagħti kontribut fejn ikun hemm rikjesti għal għajnuna min-naħa tal-kunsilli lokali għal skopijiet ta' manutenzjoni u proġetti u inizjattivi oħrajn. Irrid inserraħ moħħ kulħadd li l-proġetti li ġew imħabbra, għalkemm b'timelines ftit itwal minn dawk previsti, se jkunu qegħdin jitwettqu.

Lill-Onor. Callus inserraħlu rasu li se jkollu zuntier biex jiftaħar bih ġewwa s-Siġġiewi, biċċa xogħol sabiħa ħafna, bħalma wkoll għaddejjin xogħlijiet ta' restawr fil-knisja tar-Rabat. Magħdud ma' dawn, qegħdin jittieħdu diversi inizjattivi oħrajn importanti, bħalma għamilna fix-Xarolla fiż-Zurrieq, kif qegħdin nagħmlu bħalissa fuq il-monument tal-Iljun fil-Furjana u l-manutenzjoni regolari li nagħmlu fuq il-Funtana tat-Tritoni. Hemm lista sħiħa ta' xogħlijiet li ma jieqfu xejn.

Huwa tajjeb li ngħidu wkoll li wieħed mill-aktar proġetti li żgur huwa għal qalb kull min ħadem fih u li żgur li huwa għal qalb dawk kollha li jmorru hemm minn żmien għal żmien jew regolarment huwa l-Park Nazzjonali ta' Ta' Qali. Id-deċiżjoni ta' dan il-Gvern kienet li art industrijali tiġi mibdula fl-akbar spazju miftuħ li għandna f'pajjiżna fejn ġew imħawla aktar minn 3,000 siġra. Dan huwa park li qed jinżamm f'livell tajjeb ħafna u li joħloq atmosfera sabiħa għan-nies li jżuruh. Partijiet minn dan il-park kienu diġà hemm imma magħhom żdiedu meded kbar ta' art biex jinħoloq aktar spazju fejn il-familji jistgħu jqattgħu sigħat ta' mistrieħ f'ambjent sabiħ.

Sur President, dan kollu huwa r-riżultat tal-għażliet tajba ta' Gvern li jara x'hemm bżonn isir, jieħu d-deċiżjonijiet u jassigura li l-proġetti

jitmexxew 'il quddiem. Dan huwa riżultat ta' Gvern li mhux biss jitkellem, jew jiġi hawn iwiegħed xi ħaġa din is-sena u s-sena d-dieħla tkun għadha ma saritx, imma huwa Gvern li jiġi hawn illum u s-sena ta' wara jirrapporta kif dak li jkun ħabbar ikun qiegħed iwettqu. Dan huwa Gvern li verament jemmen f'Malta Ġusta. Nirringrazzjak.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Grazzi. Skada l-ħin tad-diskussjoni fil-Kumitat ta' Provvista. Skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar id-diskussjoni hija konkluża u l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa huma posposti għat-18 ta' Diċembru 2023 skont kif indikat min-naħa tal-Gvern fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

Nappella lill-persuni fl-Istrangers' Gallery, li għandna pjaċir bihom li jattendu, li ma jistax isir ċapċip u lanqas kummenti. Nirringrazzjakom.

*Il-Kamra rriżumiet u l-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar irrapporta li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar kienet ġiet konkluża, u li l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa kienu posposti għat-18 ta' Diċembru 2023 skont kif indikat min-naħa tal-Gvern fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.*

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. Sar il-ħin. Insejjaħ lill-Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi biex, jekk jogħġbu, iressaq l-Aġġornament.

## AĠĠORNAMENT

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Sur President, nipproponi l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar l-Erbgħa, 29 ta' Novembru 2023, fid-9.00 a.m. b'din l-aġenda:

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

Estimi Ġenerali 2024 - Kumitat ta' Provvista

**It-Tmintax-il Seduta Stabbilita - Ministeru għall-Ġustizzja**

Vot 44 - Ministeru għall-Ġustizzja

Vot XX - Ministeru għall-Ġustizzja – Kapital

Infakkar lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru, 2023, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għall-Ġustizzja m'għandhiex tieħu aktar minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Ninforma wkoll lill-Kamra li din is-seduta għandha tkun mingħajr mistoqsijiet u li l-ħin tal-Aġġornament ma jitteħidx.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. Nirringrazzja wkoll lil kull min ħa sehem f'dan id-dibattitu tal-lejla u lill-istaff tal-Kamra.

Il-Kamra hija aġġornata għal għada l-Erbgħa, 29 ta' Novembru, 2023, fid-9.00 a.m., skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183. Il-lejl it-tajjeb.

*Fis-7.34 p.m. il-Kamra aġġornat skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023.*

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI MWIEĠBA BIL-MIKTUB

### PARENTAL ALIENATION – KUMITAT TA’ ESPERTI

**11514. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja: Jista’ l-Ministru jgħid x’sar mill-kumitat ta’ esperti biex jindirizza l-parental alienation li ġie mwaqqaf mill-Ministru tal-Ġustizzja flimkien mal-Ministru tal-Politika Soċjali, fl-2021?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-kumitat ta’ esperti biex jindirizza l-parental alienation qiegħed jaħdem qatigħ sabiex din il-pjaga tiġi indirizzata. Wieħed irid japprezza li saru diversi interventi u xogħol intern mill-istess kumitat li wassal sabiex ftit ġimgħat ilu, proprju fid-19 t’Ottubru 2023, inżammet konferenza fuq l-istess suġġett.

### PARENTAL ALIENATION – SOLUZZJONIJIET LEĠIŻLATTIVI

**11515. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja: Jista’ l-Ministru jgħid x’kienu r-rakkomandazzjonijiet għal soluzzjonijiet leġiżlattivi li ħareġ bihom il-kumitat ta’ esperti maħtur fl-2021 biex jindirizza l-problema ta’ parental alienation, skont kif kellu r-responsabbiltà li jagħmel?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi għal dak li għandu x’jaqsam ma’ tibdil leġiżlattiv huwa ppjanat li tinħareġ White Paper għal konsultazzjoni pubblika. Sadanittant però, abbażi ta' dak propost, ħriġna sejħa għal aktar professjonisti legali biex iservu ta’ Avukati tat-Tfal.

### ANZJANI LI ĠEW INTERDETTJATI MILL-FAMILJARI TAGĦHOM MINĦABBA MARD MENTALI

**11837. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11047 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva u jgħid kemm hawn anzjani li ġew interdettjati mill-familjari tagħhom minħabba mard mentali jew mard ieħor, sena b’sena, mill-2015 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. CHRIS FEARNE (Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa):** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

### IL-BELT VALLETTA - SCOOTERS GĦALL-UŻU TAL-ANZJANI

**11880. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva: B’referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7775 fejn ġie ċċarat li l-iScooters għall-użu tal-anzjani kienu għaddew għand il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta biex imexxi dan il-proġett, iżda dan kellu jintemm ħesrem minħabba l-COVID. Issa li l-COVID għaddiet, jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hemmx pjan biex il-Kunsill jerġa’ jniedi dan il-proġett biex iżid l-aċċessibbiltà għall-anzjani fil-Belt Valletta u, jekk le, x’ser isir jew x’sar minnhom dawn l-iscooters?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA (Ministru għall-Anzjanità Attiva):** Kif imwieġeb fil-mistoqsija parlamentari 7775, ma kienx hemm domanda għas-servizz tal-iscooters. B’hekk dan waqaf milli jkompli jopera bħala servizz.

L-iscooters qegħdin fid-Dar tal-Anzjani tal-Imtarfa għall-użu tal-anzjani residenti tal-istess dar.

### APPUNTAMENTI GĦAL FOLLOW-UP MA' PSIKJATRI

**11881. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Fid-dawl li fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4996 intqal li l-appuntament ta’ follow-up ma' psikjatri jiġi “determinat mit-tim multidixxiplinarju li jkun qed isegwi lill-pazjent” u kien hemm ilmenti li fil-fatt il-psikjatra jgħid lill-pazjent li għandu appuntament, pereżempju fi żmien tliet xhur, imma meta jmur għand ir-receptionist qiegħed jingħata appuntament iktar ’il bogħod u li saħansitra dawk l-appuntamenti ġieli jiġu

kkanċellati u jingħataw appuntament ħafna iktar 'il bogħod, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jassigura li l-appuntamenti jingħataw dejjem skont il-bżonn hekk kif iddettat mill-professjonisti skont il-ħtieġa tal-pazjent? Jista' jgħid ukoll x'rimedju għandu l-pazjent meta jkollu problema ta' dan it-tip? Hemm xi tip ta' Customer Care fi ħdan is-servizzi għas-saħħa mentali u, jekk iva, fejn u kif jista' jiġi kkuntattjat?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** L-appuntamenti jingħataw l-aktar viċin possibbli għal dak li jkun irrakkomanda t-team multidixxiplinarju. Il-Customer Care tas-servizzi tas-Saħħa Mentali jista' jiġi kkuntattjat fuq 2330 4444.

**KNEE REPLACEMENT - LISTA TA' STENNIJA**

**11882. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hi twila l-lista ta' stennija ġewwa l-Orthopaedic għal knee replacement u jipprovdi tabella bl-ammont tagħhom u bix-xahar u s-sena tar-referral?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11773.

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - SERVIZZI TA' KUMPANIJA PRIVATA**

**11920. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk xi entità fi ħdan id-dekasteru tiegħu tatx xi forma ta' kuntratt, jew ftehim, ta' servizzi/xogħol/konsulenza eċċ. lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jekk iva, liema entità, meta u kemm swiet?

**ONOR. ROBERT ABELA (Prim Ministru):** It-tagħrif mitlub tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin ta' Tqegħid ta' Karti.

**DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦAS-SAĦĦA - SERVIZZI TA' KUMPANIJA PRIVATA**

**11921. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk xi entità fi ħdan id-dekasteru tiegħu tatx xi forma ta' kuntratt, jew ftehim, ta' servizzi/xogħol/konsulenza eċċ. lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jekk iva, liema entità, meta u kemm swiet?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** L-ebda entità fi ħdan id-dekasteru tiegħi ma tat kuntratti lill-kumpanija li semma hu.

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - SERVIZZI TA' KUMPANIJA PRIVATA**

**11922. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk xi entità fi ħdan id-dekasteru tiegħu tatx xi forma ta' kuntratt, jew ftehim, ta' servizzi/xogħol/konsulenza eċċ. lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jekk iva, liema entità, meta u kemm swiet?

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-unika entità li ngħatat servizz mill-kumpanija konċernata hija Teatru Manoel, u dan hekk kif żewġ impjegati ngħataw ECDL Training Course.

Il-prezz totali kien ta' €600, eskluż il-VAT għal kull persuna.

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - SERVIZZI TA' KUMPANIJA PRIVATA**

**11923. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid jekk xi entità fi ħdan id-dekasteru tiegħu tatx xi forma ta' kuntratt, jew ftehim, ta' servizzi/xogħol/konsulenza eċċ. lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jekk iva, liema entità, meta u kemm swiet?

**ONOR. IAN BORG (Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ):** Il-kumpanija msemmija ma għandhiex kuntratti, jew ftehim ta' servizzi/xogħol/konsulenza ma' dan il-Ministeru.

## MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - SERVIZZI TA' KUMPANIJA PRIVATA

**11924. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid jekk xi entità fi ħdan id-dekasteru tiegħu tatx xi forma ta' kuntratt, jew ftehim, ta' servizzi/xogħol/konsulenza eċċ. lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jekk iva, liema entità, meta u kemm swiet?

**ONOR. MICHAEL FALZON (Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal):** L-informazzjoni mitluba hija kif ippreżentata fit-tabella li tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin ta' Tqegħid ta' Karti.

## MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - IMPLIMENTAZZJONI TA' DIRETTIVI TAL-UE

**12961. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid x'direttivi tal-Unjoni Ewropea ġew implimentati mill-Ministeru għal Għawdex matul is-sena 2023 u liema huma dawk li għadhom pendenti?

**ONOR. CLINT CAMILLERI (Ministru għal Għawdex):** Matul is-sena 2023 ma kienx hemm Direttivi x'jiġu trasposti taħt dan il-portafoll tal-Ministeru għal Għawdex.

## MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - IMPLIMENTAZZJONI TA' DIRETTIVI TAL-UE

**12962. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'direttivi tal-Unjoni Ewropea ġew implimentati mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni matul is-sena 2023 u liema huma dawk li għadhom pendenti?

**ONOR. CLIFTON GRIMA (Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni):** Il-Ministeru jimplimenta d-Direttivi b'mod kontinwu għaliex l-implimentazzjoni tfisser li tkun konformi mal-provedimenti tad-direttivi hekk kif trasposti.

## MINISTERU GĦAT-TURIŻMU - IMPLIMENTAZZJONI TA' DIRETTIVI TAL-UE

**12963. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid x'direttivi tal-Unjoni Ewropea ġew implimentati mill-Ministeru għat-Turiżmu matul is-sena 2023 u liema huma dawk li għadhom pendenti?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO (Ministru għat-Turiżmu):** Ma kien hemm l-ebda Direttiva li ġiet trasposta matul is-sena 2023 u ma hemm l-ebda Direttiva pendenti.

## MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR - IMPLIMENTAZZJONI TA' DIRETTIVI TAL-UE

**12964. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'direttivi tal-Unjoni Ewropea ġew implimentati mill-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar matul l-2023 u liema huma dawk li għadhom pendenti?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Huma bosta d-Direttivi, kif ukoll ir-regolamenti tal-Unjoni Ewropea li l-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar jimplimenta fil-funzjoni tiegħu ta' kuljum. Fis-sena 2023 ġiet trasposta d-Direttiva (UE) 2021/1187 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 dwar ir-razzjonalizzazzjoni ta' miżuri li jmexxu 'l quddiem it-twettiq tan-network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) permezz ta' leġislazzjoni sussidjarja ġdida L.S. 552.32 fil-Liġi ta' Malta.

Il-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar m'għandux traspożizzjonijiet pendenti għall-2023.

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - IMPLIMENTAZZJONI TA' DIRETTIVI TAL-UE**

**12965. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid x'direttivi tal-Unjoni Ewropea ġew implimentati mill-Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet matul l-2023 u liema huma dawk li għadhom pendenti?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI (Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet)**: Id-direttivi implimentati u dawk pendenti matul l-2023 huma:

**Implimentati**:

· Direttiva (UE) 2015/2436 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (Riformulazzjoni)

· Direttiva (UE) 2019/2121 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1132 fir-rigward ta' konverżjonijiet, mergers u diviżjonijiet transkonfinali

**Pendenti**:

· Direttiva (UE) 2021/2101 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2021 li temenda d-Direttiva 2013/34/UE fir-rigward tad-divulgazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu minn ċerti impriżi u fergħat

· Direttiva (UE) 2019/1151 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1132 fir-rigward tal-użu ta' għodod u proċessi diġitali fil-liġi dwar il-kumpaniji.

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL - IMPLIMENTAZZJONI TA' DIRETTIVI TAL-UE**

**12966. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'direttivi tal-Unjoni Ewropea ġew implimentati mill-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol matul l-2023 u liema huma dawk li għadhom pendenti?

**ONOR. CLYDE CARUANA (Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol):** Dawk id-Direttivi tal-Unjoni Ewropea li kellhom data ta' skadenza għat-traspożizzjoni fil-Liġi Nazzjonali fis-sena 2023 u li ġew trasposti huma s-segwenti:

· Direttiva tal-Kunsill (UE) 2021/514 tat-22 ta' Marzu 2021 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni.

Dawk id-Direttivi li għandhom pendenti huma:

· Direttiva (UE) 2021/2118 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2021 li temenda d-Direttiva 2009/103/KE dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà.

· Direttiva (UE) 2020/1828 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2020 dwar azzjonijiet rappreżentattivi għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi, u li tħassar id-Direttiva 2009/22/KE.

· Direttiva (UE) 2021/2167 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2021 dwar is-servizzjanti tal-kreditu u x-xerrejja tal-kreditu u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE.

· Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/284 tat-18 ta' Frar 2020 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE rigward l-introduzzjoni ta' ċerti rekwiżiti għall-fornituri ta' servizzi ta' pagament.

· Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/2523 tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar l-iżgurar ta' livell minimu globali ta' tassazzjoni għal gruppi ta'

intrapriżi multinazzjonali u gruppi domestiċi fuq skala kbira fl-Unjoni.

**GĦAWDEX - LIFE INTEGRATED PROJECT – PROĠETTI**

**13143. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-proġetti kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea taħt il-programm LIFE Integrated Project tal-baġit il-ġdid tal-Unjoni Ewropea 2021-2027 li applika għalihom il-Ministeru għal Għawdex u fejn jinsabu f'Għawdex, liema ġew aċċettati u liema ma ġewx aċċettati sa issa? Jista' jgħid ukoll kemm se jingħata flus il-Ministeru għal Għawdex minn dan il-fond fuq kull proġett? Jista' jgħid jekk hux se jingħata aktar flus u, jekk iva, kemm se jingħata minn dan il-fond u għal liema proġetti?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** S'issa l-Ministeru għal Għawdex għadu ma bbenefikax minn tali programm.

**IX-XAGĦRA GĦAWDEX - GĦAR TA' CALYPSO**

**13144. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-proġett tal-Għar ta' Calypso fix-Xagħra Għawdex, liema għar issa ilu magħluq għall-pubbliku għal diversi snin peress li kienet ċediet parti minnu u fid-dawl tal-fatt li ż-żewġ Ministri ta' qablu ddikjaraw kemm-il darba li x-xogħol kien wasal biex jibda u li dalwaqt jerġa' jinfetaħ? Jista' jgħid ukoll xi progress sar f' dawn l-aħħar seba' xhur u meta hu maħsub li, bejn wieħed u ieħor, ikunu jistgħu jinkisbu l-permessi meħtieġa biex eventwalment ikun jista' jibda x-xogħol meħtieġ?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** L-applikazzjoni sottomessa lill-Awtorità tal-Ippjanar miexja bil-proċess u wara li ntemm l-proċess ta' konsultazzjoni, qiegħda tipprepara r-rakkmandazzjonijiet tagħha.

**IR-RABAT GĦAWDEX - TRIQ SAN ANARD – INĊIDENTI KAWŻA TA' SEWQAN EĊĊESSIV JEW ABBUŻIV**

**13145. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 7817 li oriġinarjament saret lill-Ministeru għal Għawdex u ċjoè: Fid-dawl tal-inċidenti riċenti li seħħew fi Triq San Anard, ir-Rabat Għawdex, jista' l-Ministru jgħid x'miżuri qed jieħu jew beħsiebu jieħu l-Gvern jew l-entitajiet tiegħu biex tiġi indirizzata l-problema ta' sewqan eċċessiv jew abbużiv f'din it-triq?

**ONOR. AARON FARRUGIA (Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali):** Matul l-aħħar xhur, Transport Malta għamlet 'network-wide road safety assessment' li kien jinkludi evalwazzjoni tat-toroq arterjali u distributorji, u Triq San Anard, Rabat, Għawdex tagħmel parti minn din l-evalwazzjoni. Ir-rakkmandazzjonijiet għall-immaniġġjar ta' sigurtà aħjar fuq din it-triq ser jiġu pprovduti lill-Ministeru għal Għawdex malli jitlesta r-rapport.

Transport Malta ma rċeviet l-ebda talba għal 'fixed speed camera'. Madankollu ser tkun qed tevalwa l-kriterji meħtieġa skont kif imniżżel fl-iSpeed Management on Maltese Roads Policy and Technical Guidance Manual - Annex 3C.

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - ĦADDIEMA GĦAWDXIN LI JAĦDMU F'DIPARTIMENTI, AWTORITAJIET, AĠENZIJI U ENTITAJIET GOVERNATTIVI F'GĦAWDEX**

**13146. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm u kemm hemm preżentement ħaddiema Għawdxin jaħdmu Għawdex f'dipartimenti, awtoritajiet, aġenziji u entitajiet governattivi li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu, maqsuma sena b'sena mis-sena 2020 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll preżentement dawn il-ħaddiema ma' liema dipartimenti, awtoritajiet, aġenziji u entitajiet governattivi qed jaħdmu mal-Ministeru tiegħu, xi grad huma u x' tip ta xogħol jagħmlu?

**ONOR. ANTON REFALO (Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali):** L-informazzjoni qed tinġabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA - FONDI MILL-UNJONI EWROPEA**

**13268. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li kellhom jiġu minfuqa matul l-2020, 2021 u 2022 u ma ntefqux? Jista' jgħid ukoll liema kienu u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - FONDI MILL-UNJONI EWROPEA**

**13269. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li ntefqu matul l-2020, 2021 u 2022? Jista' jgħid ukoll liema kienu u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA - FONDI MILL-UNJONI EWROPEA**

**13270. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li ntefqu matul l-2020, 2021 u 2022? Jista' jgħid ukoll liema kienu u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill Ministeru kkonċernat.

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - FONDI MILL-UNJONI EWROPEA**

**13271. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li ntefqu matul l-2020, 2021 u 2022? Jista' jgħid ukoll liema kienu u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi d-domanda tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - FONDI MILL-UNJONI EWROPEA**

**13272. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li ntefqu matul l-2020, 2021 u 2022? Jista' jgħid ukoll liema kienu u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. IAN BORG:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - FONDI MILL-UNJONI EWROPEA**

**13273. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li ntefqu matul l-2020, 2021 u 2022? Jista' jgħid ukoll liema kienu u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

## PERSUNI IMPJEGATI MAL-GVERN, MAL-KUMPANIJI PARASTATALI U AĠENZIJI TAL-GVERN PERMEZZ TAL-KUMPANIJI PRIVATI

**13353. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12537 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol u jgħid kemm persuni ġew impjegati mal-Gvern, mal-kumpaniji parastatali u aġenziji tal-Gvern permezz tal-kumpaniji privati mis-sena 2013 sas-sena 2017, mis-sena 2017 sal-2022, u mill-aħħar elezzjoni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. ROBERT ABELA:** Biex tiġi kkompilata l-informazzjoni kollha kif mitlub, jinqabeż l-advisory cost limit.

## GĦAWDEX - SERVIZZ TA' FIŻJOTERAPIJA FID-DJAR - LISTA TA' STENNIJA

**13354. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12681 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva u jgħid kemm hi l-waiting list (f'tul ta' żmien) biex jingħata servizz ta' physiotherapy fid-djar mill-Gvern lill-anzjani f'Għawdex?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Bħalissa hemm tnax-il persuna jistennew biex jieħdu s-servizz tal-fiżjoterapija fid-dar. Żewġ applikanti applikaw f'Settembru 2023, tmienja applikaw f'Ottubru 2023 u tnejn oħra f'Novembru.

## ĦAL KIRKOP - RESIDENTI REĠISTRATI BĦALA BDIEWA

**13577. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa residenti Ħal Kirkop, full-time u part-time, mill-2018 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u possibbilment sena b'sena?

**ONOR. ANTON REFALO:** L-informazzjoni qed tinġabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

## BDIEWA REĠISTRATI

**13578. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa, full-time u part-time, mis-sena 2013 sas-sena 2017 u possibbilment sena b'sena?

**ONOR. ANTON REFALO:** L-informazzjoni qed tinġabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

## ĦAL QORMI – RESIDENTI REĠISTRATI BĦALA BDIEWA

**13579. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa residenti Ħal Qormi full-time u part-time, mis-sena 2013 sas-sena 2017 u possibbilment sena b'sena?

**ONOR. ANTON REFALO:** L-informazzjoni qed tinġabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

## ĦAL LUQA – RESIDENTI REĠISTRATI BĦALA BDIEWA

**13580. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa residenti Ħal Luqa, full-time u part-time, mis-sena 2013 sas-sena 2017 u possibbilment sena b'sena?

**ONOR. ANTON REFALO:** L-informazzjoni qed tinġabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

## IS-SIĠĠIEWI – RESIDENTI REĠISTRATI BĦALA BDIEWA

**13581. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa residenti s-Siġġiewi, full-time u part-time, mis-sena 2013 sas-sena 2017 u possibbilment sena b'sena?

**ONOR. ANTON REFALO:** L-informazzjoni qed tinġabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

## ĦAL KIRKOP - RESIDENTI REĠISTRATI BĦALA BDIEWA

**13582. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa residenti Ħal Kirkop, full-time u part-time, mis-sena 2013 sas-sena 2017 u possibbilment sena b'sena?

**ONOR. ANTON REFALO:** L-informazzjoni qed tinġabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

## SKEMA CARER AT HOME – EVALWAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONIJIET

**13655. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità tagħmilx evalwazzjoni mill-ġdid tal-applikazzjoni għall-Iskema Carer at Home f'każ ta' tibdil fil-carer? Jista' jgħid ukoll x'obbligi jeżistu biex jiġi assigurat li l-carer ikun wieħed kwalifikat?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Meta jkun każ ta' tibdil ta' carer ma ssirx evalwazzjoni mill-ġdid tal-applikazzjoni għall-Iskema Carer at Home. Iżda sabiex jiġi assigurat li l-carer ikun wieħed kwalifikat, nitolbu l-kwalifiki tal-carer il-ġdid u f'każ ta' carer barrani nitolbu wkoll iċ-ċertifikat MQRIC li joħroġ mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni fejn jgħid jekk il- kwalifika hijiex rikonoxxuta f'pajjiżna u trid tkun ta' MQF livell 2 jew aħjar.

## FAĊILITÀ SAN VINĊENZ DE PAUL - KAŻIJIET TA' ABBUŻ

**13656. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13568 u jgħid kemm ġew irrapportati każijiet ta' abbuż fuq anzjani fil-Faċilità San Vinċenz de Paul fis-sena 2022 u fis-sena 2023, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, separatament minn xulxin u x'azzjoni ttieħdet f'kull każ?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA**: Kien hemm ħames każi rrappurtati bejn l-2022 u l-2023. Wara l-investigazzjonijiet li saru rriżulta li kien hemm każ wieħed biss ikkonfermat fl-2022. Dan sar minn carer tal-kuntrattur fil-konfront ta' resident. Il-carer telaq minn Malta.

## MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA – TENDERS

**13657. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 13378 u 13571 u jgħid x'tenders ħarġu mill-Ministeru tiegħu u minn kull dipartiment jew entità li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fis-sena 2022 u fis-sena 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, separatament minn xulxin u jagħti d-dettalji kollha dwarhom? Jista' jgħid ukoll kemm kien hemm tenderers għal kull tender u favur minn ġie aġġudikat kull tender?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** L-informazzjoni li qed titlob għaliha tkun ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern perjodikament.

## MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA – DIRECT ORDERS

**13658. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13379 u 13572 u jgħid kemm ingħataw direct orders mill-Ministeru tiegħu u minn kull dipartiment jew entità li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fis-sena 2022 u fis-sena 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, separatament minn xulxin u jagħti d-dettalji kollha dwarhom?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Il-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

**INFERMIERA LI JAĦDMU FIS-SETTUR PUBBLIKU**

**13665. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm infermiera jaħdmu fis-settur pubbliku? F'liema entitajiet, sptarijiet u ċentri tas-saħħa huma mqassmin?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** L-ammont ta' infermiera mal-Ministeru għas-Saħħa huwa skont it-tabella t'hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Allied Health Care Services | 3 |
| Commissioner for Mental Health | 1 |
| CPSU (Malta) | 1 |
| Dar Kenn Għal Saħħtek | 2 |
| Environmental Health | 1 |
| Gozo General Hospital | 270 |
| Health Information & Research | 3 |
| Health Promo & Disease Prevention | 13 |
| Mater Dei Hospital | 1860 |
| Mount Carmel Hospital | 358 |
| National Blood Transfusion Centre | 15 |
| Nursing Services Standards | 10 |
| Off. of the Chief Medical Officer | 2 |
| Primary Health Care (Gozo) | 13 |
| Primary Health Care (Malta) | 294 |
| SAMOC | 147 |
| Superintendence of Public Health | 4 |
| Rehabilitation Hospital Karin Grech | 126 |

**GU CLINIC OUTPATIENTS - APPUNTAMENTI**

**13666. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, sena b'sena, mill-2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kien hemm appuntamenti fl-Outpatients tal-GU Clinic?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** L-informazzjoni mitluba minnha tinsab fit-tabella hawn taħt:-

| Year | Number of Attendances at GU Clinic (Malta) |
|---|---|
| 2012 | 2488 |
| 2013 | 3035 |
| 2014 | 1687 |
| 2015 | 3969 |
| 2016 | 5428 |
| 2017 | 5864 |
| 2018 | 6255 |
| 2019 | 6399 |
| 2020 | 4113 |
| 2021 | 6516 |
| 2022 | 6483 |

**OUTPATIENTS DEPARTMENT: BREAST CLINIC – APPUNTAMENTI**

**13667. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, sena b'sena, mill-2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kien hemm appuntamenti fl-Outpatients tal-Breast Clinic?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** L-informazzjoni mitluba minnha tinsab fit-tabella hawn taħt:

| Year | Number of outpatient attendances at Breast clinics MDH |
|---|---|
| 2012 | 3890 |
| 2013 | 3390 |
| 2014 | 4047 |
| 2015 | 5878 |
| 2016 | 5337 |
| 2017 | 6045 |
| 2018 | 6685 |
| 2019 | 6129 |
| 2020 | 4723 |
| 2021 | 7031 |
| 2022 | 6590 |
| Jan-Oct 2023 | 6452 |

**BREASTFEEDING OUTPATIENTS CLINIC – APPUNTAMENTI**

**13668. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, sena b'sena, mill-2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kien hemm appuntamenti fl-Outpatients Breastfeeding Clinic?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** L-informazzjoni mitluba minnha tinsab fit-tabella hawn taħt:

| Year | Number of outpatient attendances at Breastfeeding Clinic MDH |
|---|---|
| 2012 | 6342 |
| 2013 | 7574 |
| 2014 | 5720 |
| 2015 | 8906 |
| 2016 | 8834 |
| 2017 | 9887 |
| 2018 | 11418 |
| 2019 | 11865 |
| 2020 | 8437 |
| 2021 | 8908 |
| 2022 | 9948 |
| Jan-Oct 2023 | 8418 |

**OUTPATIENTS DEPARTMENT: CARDIAC LAB – APPUNTAMENTI**

**13669. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, sena b'sena, mill-2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kien hemm appuntamenti fl-Outpatients Cardiac Lab?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

**OUTPATIENTS DEPARTMENT: DIETICIAN OUTPATIENT CLINICS – APPUNTAMENTI**

**13670. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, sena b'sena, mill-2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kien hemm appuntamenti fl-Outpatients għal Dietician?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** L-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella hawn taħt:

| Number of outpatient attendances | | |
|---|---|---|
| Year | Dietician Clinics MDH | Dietician Clinics SAMOC |
| 2012 | 3325 | - |
| 2013 | 2829 | - |
| 2014 | 2540 | - |
| 2015 | 2042 | - |
| 2016 | 1870 | - |
| 2017 | 1899 | - |
| 2018 | 2696 | - |
| 2019 | 2952 | - |
| 2020 | 2459 | - |
| 2021 | 2310 | 309 |
| 2022 | 2035 | 825 |
| Jan-Oct 2023 | 1912 | 807 |

**MEDITERRANE FILM FESTIVAL – SPIŻA**

**13709. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 10771, 11052, 11803, 12116, 12664, 12995, 13193 u 13466 u jagħti break down dettaljat tal-ispiża totali għall-Mediterrane Film Festival li tinkludi lista tal-ismijiet ta' kull persuna mistiedna mill-Kummissjoni Maltija tal-Films jew mill-Ministeru tiegħu u li tinkludi wkoll l-ispejjeż imħallsa minn fondi pubbliċi għal vjaġġar, akkomodazzjoni, trasport, ikel u xorb kif ukoll spejjeż oħra relatati għal kull persuna? Jista' jipprovdi breakdown finanzjarju għal kull nefqa li saret għas-serata tal-Gala Awards? Jista' jippubblika lista sħiħa tal-ġurnalisti barranin li ġew mistiedna u r-rappurtaġġ li taw lil pajjiżna u jgħid jekk tali rappurtaġġ kienx imħallas ukoll u kemm? Jista' wkoll jippubblika n-nefqa minn fondi pubbliċi f'forma ta' breakdown finanzjarju għan-nefqa f'marketing li saret għal dan il-Festival?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

**MEDITERRANE FILM FESTIVAL**

**13710. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 10399, 11055, 11804, 12115, 12663, 12994, 13192 u 13467 u jgħid

kemm se jiġi jiswa liċ-ċittadin Malti, l-individwu li d-dettalji dwaru qed jintbagħtu separatament, għal-launch tal-Mediterrane Film Festival? Jista' jagħti rendikont separat ta' flights, hotels, recordings, presenting u oħrajn? Jista' jgħid għalfejn intgħażel dan l-individwu meta seta' ntgħażel xi ħadd Malti u meta dan lanqas mhu ġej mill-pajjiżi li se jkunu qegħdin jipparteċipaw f'dan il-festival, fosthom l-Italja, Spanja, Franza, Kroazja, Greċja, Slovenia, Portugal, Ċipru u Malta?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – DIRECT ORDERS**

**13737. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jipprovdi lista tad-direct orders li ngħataw matul is-sena 2023 u jgħid ukoll l-ammonti mħallsa, is-servizz provdut jew mitlub, u lil min ingħataw dawn id-direct orders?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Il-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur skont ir-Regolamenti 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – DIRECT ORDERS**

**13738. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jipprovdi lista tad-direct orders li ngħataw matul is-sena 2023 u jgħid ukoll l-ammonti mħallsa, is-servizz provdut jew mitlub, u lil min ingħataw dawn id-direct orders?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Il-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ – DIRECT ORDERS**

**13739. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jipprovdi lista tad-direct orders li ngħataw matul is-sena 2023 u jgħid ukoll l-ammonti mħallsa, is-servizz provdut jew mitlub, u lil min ingħataw dawn id-direct orders?

**ONOR. IAN BORG:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12709.

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL – DIRECT ORDERS**

**13740. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jipprovdi lista tad-direct orders li ngħataw matul is-sena 2023 u jgħid ukoll l-ammonti mħallsa, is-servizz provdut jew mitlub, u lil min ingħataw dawn id-direct orders?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Il-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – DIRECT ORDERS**

**13741. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jipprovdi lista tad-direct orders li ngħataw matul is-sena 2023 u jgħid ukoll l-ammonti mħallsa, is-servizz provdut jew mitlub, u lil min ingħataw dawn id-direct orders?

**ONOR. ANTON REFALO:** Il-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI – DIRECT ORDERS**

**13742. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jipprovdi lista tad-direct orders li ngħataw matul is-sena 2023 u jgħid ukoll l-ammonti mħallsa, is-servizz provdut jew mitlub, u lil min ingħataw dawn id-direct orders?

**ONOR. RODERICK GALDES (Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli):** Il-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

**IR-RABAT - TRIQ IT-TABIJA – PANELLI SOLARI**

**13786. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid meta se tkun qed issir manutenzjoni fuq il-pannelli solari li jinsabu fuq bankina fi Triq it-Tabija, fir-Rabat, peress li ilhom xhur twal ma jaħdmux u huma ta' periklu minħabba li dawn jiżolqu?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**IR-RABAT - TRIQ IT-TABIJA – KONTRAVVENZJONIJIET**

**13787. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid meta se jkun hemm uffiċjali tal-Pulizija preżenti fi Triq Ġorġ Borg Olivier, fir-Rabat, biex jaraw li ma jsirux kontravenzjonijiet minn trakkijiet li qed jużaw it-triq illegalment?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Min-naħa tal-Pulizija ser tibqa' ssir ir-ronda regolari biex dan l-abbuż u oħrajn jiġu skoraġġuti. L-istess irid jingħad għal uffiċċjali tal-LESA li jagħmlu rondi fl-istess triq li hija parti mir-rotta tagħhom, f'diversi ħinijiet.

**RABAT: TRIQ SAN PAWL – DIREZZJONI ONE WAY**

**13788. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid għaliex kien hemm persuni li ġew imħarrka minflok edukati fil-ġurnata li Triq San Pawl, fir-Rabat, inbidlet għal 'one way' wara li kienet ilha xhur li nqalbet għal one way temporanjament minħabba xogħlijiet fi Triq il-Kbira, fir-Rabat?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Kien hemm perjodu edukattiv fiż-żona msemmija u dan wara li sar it-traffic management plan neċessarju mill-awtoritajiet kompetenti. Issa l-immaniġġjar tat-traffiku fiż-żona ġie lura għall-istat oriġinali. Fl-aħħar ġimgħa kien hemm biss 4 taħrikiet marbuta ma' dħul min-naħa l-ħażina tat-triq.

**OPERAZZJONI TAL-CARPAL TUNNEL – LISTA TA' STENNIJA**

**13789. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hi l-lista ta' stennija għal operazzjoni tal-Carpal Tunnel Syndrome?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Hemm 72 pazjent li qed jistennew operazzjoni għal Carpal Tunnel Syndrome għal żmien aktar minn dak stipulat fil-Patient Charter.

**SPTAR MATER DEI – STAFF MEDIKU**

**13790. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm staff fl-Isptar Mater Dei li huwa mediku u kemm minnhom huma barranin?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jikkjarifika għal liema staff mediku qiegħed jirreferi.

**SPTAR MATER DEI – STAFF INGAĠĠAT MILL-KUNTRATTUR**

**13791. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa:

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm staff fl-Isptar Mater Dei li ġie ingaġġat mill-kuntrattur u x'inhu x-xogħol tagħhom?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1532.

## AĠENZIJA SAPPORT - ASSISTENZA PERSONALI

**13797. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid jekk is-servizz ta' assistenza personali jingħatax lil persuni li għandhom diffikultajiet ta' saħħa mentali? Jekk le, tista' tgħid hemmx ħsieb li dan is-servizz jiġi estiż ukoll għal dawn il-persuni?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI (Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur):** Preżentement is-servizz ta' assistenza personali jingħata lil persuni b'diżabilità fiżika u/jew intellettwali. Dawn jista' jkun li jkollhom ukoll diffikultajiet ta' saħħa mentali.

## AĠENZIJA SAPPORT: ASSISTENZA PERSONALI – ŻMIEN TA' STENNIJA

**13798. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm hu ż-żmien medju ta' stennija minn meta tiġi sottomessa applikazzjoni għas-servizz ta' assistenza personali mal-Aġenzija Sapport għal meta l-persuna tingħata risposta dwar jekk hix ser tkun qed tingħata dan is-servizz?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Iż-żmien medju ta' stennija minn meta tiġi sottomessa applikazzjoni għas-servizz ta' assistenza personali ma' Aġenzija Sapport għal meta l-persuna tingħata risposta dwar jekk hix ser tkun qed tingħata dan is-servizz ivarja skont l-urġenza tal-każ. Jekk il-każ ikun urġenti u jirrikjedi fondi immedjati, iż-żmien medju ta' stennija huwa ta' 3 xhur. Ladarba l-Bord jara l-każ, dan jevalwa s-sitwazzjoni u l-applikant jiġi infurmat bid-deċiżjoni tal-Bord fi żmien tliet ġimgħat minn meta jkun iltaqa' l-Bord. Jekk ikun ġie deċiż li l-applikant jingħata dan is-sussidju, l-applikant jista' jibda jutilizza dawn il-fondi b'mod immedjat minn meta jkun avżat b'din id-deċiżjoni.

## SERVIZZ TA' ASSISTENZA PERSONALI – LISTA TA' STENNIJA

**13799. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il persuna applikat għas-servizz ta' assistent personali u għadha qiegħda tistenna risposta dwar jekk hux ser tkun qiegħda tingħata sussidju mill-Gvern għas-servizz ta' assistent personali?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Hemm 373 persuna li ġew approvati u allura qed igawdu diġà minn dan is-servizz. Ninforma wkoll lill-Onor. Interpellant li fid-data tat-tweġiba kien hemm 160 persuna b'diżabilità li applikaw għas-servizz ta' assistent personali u li qed jistennew risposta mill-Bord dwar jekk hux ser ikunu qegħdin jingħataw sussidju għas-servizz ta' assistent personali.

## SERVIZZ TA' ASSISTENZA PERSONALI – UŻU TAS-SUSSIDJU

**13800. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il persuna, għalkemm ġiet infurmata li ser tkun qiegħda tingħata sussidju għas-servizz ta' assistent personali, għadha mhix tagħmel użu minn dawn il-fondi li ġew allokati għaliha?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Fid-data tat-tweġiba hemm 48 persuna li għalkemm ingħataw l-approvazzjoni għas-sussidju għas-servizz ta' assistent personali, dawn għadhom mhux qed jagħmlu użu minn dawn il-fondi allokati lilhom għar-raġuni li għadhom qed ifittxu biex jagħżlu assistent personali tal-għażla tagħhom sabiex jagħtihom is-sigħat ta' servizz neċessarji għalihom.

Dawn it-48 persuna huma maqsuma:

- 34 mill-iskema Direct Payment
- 9 mill-iskema tal-Independent Community Living
- 5 persuni mill-Iskema tal-Assistent Personali

**ICL APPEALS BOARD - KAŻIJIET U APPELLI**

**13801. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il appell irċieva l-ICL Appeals Board matul din is-sena u minn dawn kemm-il persuna ngħatat risposta għall-appell tagħha u kemm-il persuna għadha qiegħda tistenna risposta? Tista' tgħid ukoll kemm hemm każijiet pendenti quddiem l-ICL Appeals Board?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin ta' Tqegħid ta' Karti.

**ICL BOARD – MEMBRI**

**13802. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid min huma l-persuni li jiffurmaw l-ICL Board? Tista' tgħid kemm minn dawn il-membri huma persuni b'diżabilità u kemm minnhom qed jibbenefikaw mis-servizz ta' assistent personali?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** L-ICL Board hu magħmul minn 8 membri kif ġej:

| Isem | Rwol |
|---|---|
| Matthew Chetcuti | Chairperson |
| George Borg | Membru |
| Carmen Burmingham | Membru |
| Catherine Falzon | Membru |
| Charlene Fabri | Membru |
| Elinore Falzon | Membru |
| Elvira Psaila | Membru |
| Natasha Janika Laudi | Segretarja |

Għall-fini ta' protezzjoni tad-data mhux etikament ġust li persuni li jbatu b'diżabilità jiġu mmarkati. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda membru tal-Bord li jagħmel użu mis-servizz ta' assistent personali.

**ARUC – ABBUŻ**

**13817. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12641 fl-intier tagħha u jgħid jekk kienx hemm abbużi s'issa u, jekk iva, x'passi ttieħdu?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-Awtorità għall-Użu Responsabbli tal-Kannabis qed twettaq sorveljanza kontinwa fuq l-assoċjazzjonijiet li ngħataw liċenzja, fl-aħħar ġimgħat u li għalhekk bdew joperaw. Jekk jirriżulta abbuż, tittieħed azzjoni skont il-Liġi.

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN – LAQGĦA TA' KONSULTAZZJONI**

**13819. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13089, fejn jingħad li l-laqgħa pubblika tal-Kunsill Lokali ta' San Ġwann saret għall-istakeholders kollha, u peress li din tmur kontra t-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12592, fejn jingħad li din il-laqgħa saret għal dawk l-entitajiet li jinsabu fi Triq Felice Borg, Misraħ Lewża, Misraħ Lourdes u Triq in-Narċis u li l-istedina għal din il-laqgħa ta' konsultazzjoni tqassmet by hand, jista' l-Ministru jgħid jekk l-entitajiet indikati fil-mistoqsija 13089 kellhomx huma wkoll stedina mqassma lilhom by hand għal din il-konsultazzjoni?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab informat mill-Kunsill Lokali ta' San Ġwann illi kien hemm żewġ laqgħat ta' konsultazzjoni, u ċjoè:

i. waħda għall-pubbliku u l-istakeholders ġenerali. Din saret referenza għaliha fi tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13089. Din saret fl-Urban Valley Resort fit-23 ta' Frar, 2023; u

ii. laqgħa oħra li kienet miftuħa biss għall-ħwienet u entitajiet kummerċjali li jinsabu fi Triq Felice Borg, Triq Narċis, Misraħ Lewża u Misraħ Lourdes. Din saret fit-22 ta' Frar 2023. Din saret referenza għaliha fi tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12592.

**KAŻ TA' INDIVIDWU**

**13820. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13332 u jgħid x'passi kienu ttieħdu mill-Ministeru tiegħu dwar l-individwu, li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika kif jidher f'paragrafu 81 tar-rapport Case No.: K023 datat 20 ta' Jannar 2020?

**ONOR. IAN BORG:** It-tagħrif għadu qed jinġabar.

**IL-MOSTA - XOGĦOL TA' PAVIMENTAR**

**13821. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13521, jista' l-Ministru jippreżenta l-ispiża tax-xogħlijiet ta' pavimentar li saru fil-proġett tal-pjazza tal-Mosta, inkluż kwalunkwe tender jew direct order relatati, kif ukoll lista sħiħa tal-kuntratturi u sub-contracts involuti f'dan il-proġett?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Bħala parti mill-proġett ta' riġenerazzjoni tal-Pjazza tal-Mosta, qed isir xogħol ta' pavimentar. Dan qed isir b'investiment ta' €1,352,397 (exc. VAT) u x-xogħlijiet qed isiru minn Ħal Mann Vella Limited.

Fl-aħħar ħames snin, Infrastructure Malta wettqet xogħol infrastrutturali f'għexieren ta' toroq, fosthom fi Triq Dawret il-Wied, Triq Burmarrad; Triq bla isem qrib Triq il-Bdiewa; Triq bla isem fil-Bidnija; Triq bla isem fi Triq San Pawl Tal-Qliegħa; Triq Alofju Wignacourt; Triq (Unnamed Road) between Triq L-Imġarr & Triq Il-Bidnija; Triq Wied Is-Sir; -Unnamed road in the limits of Tal-Qolla (Triq il-Bdiewa); Triq tas-Sriedek; Triq Tal-Wej; parti minn Triq Valletta; Triq il-Missjunarji Maltin; Triq id-Difiża Ċivili, Mosta; Triq Tal-Milord; Triq Ta' Vnezja; Mosta - Triq San Silvestru; - Triq San Pawl Tal-Qliegħa; Triq Sagra Familja; Triq Rafel Caruana Dingli c/w Triq Darmanin; Triq Patri Ġużè Delia; Triq Madre Tereża; Sqaq Madre Maria Teresa Spinelli; Triq l-Inkurunazzjoni p/o; Triq l-Għollieq; Triq l-Assemblea Nazzjonali; Triq Kumbu; Triq it-Taħħan; Triq is-Snajja'; Triq ir-Rumani; Triq ir-Rebbiegħa; Triq in-Naqqax; Triq il-Qares; Triq il-Parjan; Triq il-Lunzjata; Triq il-Leġġenda; Triq il-Kunċizzjoni; Triq il-Kostituzzjoni; Mosta Triq il-Kbira; Triq il-Garrier; Triq il-Fuħħar; Triq il-Farinal; Triq il-Familja Cumbo; Triq il-Bidnija; Triq il-Bergamott; Triq il-Bennej; Triq il-Bdoti; Triq il-Bdiewa Sqaq Nru. 4; Triq il-Baqqunier; Triq il-Ballata; Triq Gio. C. Dei Marchesi Mallia Tabone; Triq Durumblat; Triq Dun Karm Schembri.

**TRADE MISSION GĦALL-GHANA – KUMPANIJI**

**13822. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid liema kumpaniji kienu jifformaw parti mill-aħħar Trade Mission għall-Ghana? Jista' jgħid ukoll liema minnhom għandhom negozju fl-akwakultura jew huma relatati mas-sajd? Min kien jirrappreżentahom?

**ONOR. IAN BORG:** Il-lista tal-kumpaniji li kienu jifformaw parti mill-aħħar Trade Mission għall-Ghana tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin ta' Tqegħid ta' Karti. L-unika kumpanija involuta fl-akkwakultura kienet AquaBioTech.

**TRIQ BIRKIRKARA – ZEBRA CROSSING**

**13823. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm talba lil Transport Malta biex il-parti ta' Triq Birkirkara li tmiss ma' Triq Patri Marjanu Vella, ikun hemm zebra crossing?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Jekk lill-Onor. Interpellant qed jirreferi għal Triq Birkirkara u Triq Vella fil-lokalità ta' Tas-Sliema, Transport Malta ma għandha ebda talba għal 'pedestrian crossings' f'dawn it-toroq.

**DIRETTORAT TAR-REGOLAZZJONI VETERINARJA - NAĦĦALA REĠISTRATI**

**13854. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid

preżentement kemm-il naħħal hawn reġistrat mad-Direttorat tar-Regolazzjoni Veterinarja, maqsuma skont il-lokalità?

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3724.

### PULIZIJA – KAŻI TA’ STUPRU

**13855. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid matul is-sena 2022 u s-sena preżenti sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari kemm kienu rrapurtati każi ta' stupru (rape) fuq nisa? Jista' jgħid kemm minn dawn il-każi tressqu l-Qorti?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Fis-sena 2022 kien hemm erbgħa u erbgħin (44) każ u mill-1 ta’ Jannar 2023 sat-23 ta’ Novembru 2023, kien hemm sitta u erbgħin (46) każ ta’ stupru fuq nisa f’dawn il-gżejjer, li dwarhom kien hemm rapporti jew ir-reat irriżulta waqt investigazzjonijiet mill-Pulizija. Fis-sena 2022 kien hemm sbatax-il persuna (17) li tressqu l-Qorti u mill-ewwel ta’ Jannar 2023 sat- 23 ta’ Novembru 2023 kien hemm sittax-il persuna (16) li tressqu il-Qorti. Fis-sena 2023 kien hemm ħames persuni li tressqu fuq l-istess każ.

### AWTORITÀ MALTIJA GĦAT-TURIŻMU - ARRETRATI TA' LIĊENZJI TA' OPERATURI TURISTIĊI

**13856. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 574, 1842, 2466, 2817, 3157, 3718 u 4254 u jgħid l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu kemm għandha arretrati x’tiġbor f’liċenzji minn operaturi turistiċi mill-2013 sal-lum, maqsuma sena b’sena?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f’seduta oħra.

### LEGAL REFORM FOR THE TOURISM INDUSTRY

**13857. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista’ l-Ministru jispjega r-raġuni għad-dewmien sabiex jitressaq quddiem din il-Kamra abbozz ta’ liġi bbażat fuq il-White Paper ‘Legal Reform for the Tourism Industry’ li ġiet ippubblikata fl-2016, li l-Ministru oriġinarjament kien qal li kellu jitressaq għad-diskussjoni qabel il-vaganzi tas-sajf tas-sena li għaddiet, u sussegwentement qal li se jkun qed jitressaq matul is-sena preżenti? Jista’ jagħti indikazzjoni ta’ meta dan l-abbozz ta’ liġi se jkun qed jittella’ għad-diskussjoni fil-Parlament?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Qed issir reviżjoni tal-liġi fl-intier tagħha. L-Att prinċipali flimkien ma’ kull liġi sussidjarja qed jiġu skrutinizzati. Huwa stmat li ser tiġi ppreżentata għad-diskussjoni fix-xhur li ġejjin.

### BINJA QLEJGĦA - ĦSARAT FIS-SOQFA TA’ GARAXXIJIET

**13858. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 11691 u 12261, u jispjega d-dewmien mill-Awtorità tad-Djar biex isir xogħol ta’ tiswija fis-soqfa tal-kumpless ta’ garaxxijiet li jagħmlu parti minn Binja Qlejgħa? Jista’ l-Ministru jgħid meta l-Awtorità rċeviet l-ewwel rapport tal-ħsarat estensivi li hemm, u jagħti rendikont tax-xogħlijiet li jeħtieġ isiru?

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ix-xogħol ta’ tiswija jirrikjedi kordinazzjoni bejn il-Kunsill Lokali, l-Awtorità tad-Djar u Infrastructure Malta. Ix-xogħol ta’ tiswija ma setax jibda sakemm ingħatat l-approvazzjoni meħtieġa mis-sidien ta’ kull garaxx li jagħmlu parti minn Binja Qlejgħa.

Bħalissa għaddej proċess biex jiġi ffirmat ftehim bejn l-Awtorità tad-Djar u Infrastructure Malta sabiex dawn it-tiswijiet ikunu jistgħu jinbdew.

### MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – TRASFERIMENT TA’ DIPARTIMENTI/TAQSIMIET

**13863. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista’ l-Ministru jgħid mis-sena 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena, kemm-il Dipartiment jew taqsima fid-dekasteru tiegħu ġew jew hemm diġà

arranġamenti biex jiġu trasferiti taħt aġenzija u/jew awtorità li mhijiex fid-dekasteru tiegħu?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** L-Onor. Interpellant mitlub sabiex ikun aktar speċifiku fil-mistoqsija tiegħu sabiex ma jinqabiżx l-advisory cost limit.

## ĦAŻ-ŻEBBUĠ - KULLEĠĠ SAN INJAZJU - KAPIJIET TAL-ISKOLA

**13869. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 12152, 12517 u 12993 u jgħid fl-aħħar tliet snin kemm-il Kap tal-Iskola differenti kienu inkarigati mit-tmexxija tal-Kulleġġ San Injazju Ħaż-Żebbuġ Primary?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.